Ftit jew wisq imsaħħab

18°C

14°C




>> f'paġna 14 u 15

Il-Prim Ministru inawgura dan l-ispazju kreattiv u kulturali ġdid fil-Belt Valletta, taħt il-kappa tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

>> f'paġna 47

## Ronaldo jsalva punt lil Juventus kontra Torino

Id-Derby della Mole jintemm fi draw 2-2 li ma kkuntenta lil ħadd.



>> f'paġna 43

## Tittella' inizjattiva nhar Sibt il-Għid bit-tema "Bukkun mill-Qalb"

Bosta familji ngħataw ikliet fuq inizjattiva ta' Dr Chris Bonett.

BUKKUN MILL-QALB

No. 5032

Il-Ħadd 4 ta' April 2021 | €1.50

inewsmalta.com

# it-TORĊA

Aqra l-gazzetta diġitali

Subscribe.mt

>> p 2 u 3 - Restawr impekkabbli tal-Katidral tal-Lvant taż-Żejtun >> p 48 - 62 każ ġdid ta' Covid-19 u fiequ 114 persuna oħra

## "Sibt midja rresponsabbli li vvintat u xerrdet minn kollox biex toskurani"

– il-Ministru għall-Edukazzjoni Justyne Caruana

"Tliet ġimgħat ilu madwar id-dinja ġie mfakkar Jum il-Mara u l-midja – anki dik lokali – kienet mimlija eloġji fuq sehem il-mara fis-soċjetà. Mill-perspettiva ta' mara, dak il-kliem kollu għandu valur ferm relattiv, għax l-ugwaljanza tal-ġeneru ma jiddependix mill-kliem sabiħ, imma mill-azzjoni u mil-fatti. Ir-retorika rħisa u faċli biex tinkiteb.

L-esperjenza għallmitni kemm verament bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti. Għal iktar minn nofs ħajti kont involuta fil-ħajja politika u mill-bidu fhimt li kellha tkun sfida li rrid nnikkumbatti u negħleb.

Is-suċċess jiġi mid-determinazzjoni kontinwa li iktar ma tkun ta' prova iktar issaħħaħni. Hija l-ħidma tajba li ssib ostakoli, imma kull ostakolu li negħleb iktar naqdef 'il quddiem.

Iffaċjajt u rbaħt fuq attakki personali u anke ġuramenti foloz anke fil-Parlament u meta ħsibt li ma fadalx fejn jaslu aktar dawk li jridu jwaqqfuni, sibt midja irresponsabbli li vvintat u xerrdet minn kollox biex toskurani.

Komplew juru kemm hi tassew sfida għal mara u omm li tissokta fil-ħidma politika" tiddikjara il-Ministru

*Justyne Caruana f'IT-TORĊA.*

*Artiklu paġna 22*




>> f'paġna 4

# "DEPOŻITU TA' QTUGĦ TA' NIFS"

## ... aktar ġust li jkun 5%

"Id-depożitu li rridu nħallsu fuq l-appartament qed jaqtgħalna nifisna. Qed nitkellmu fuq appartament ta' €250,000, lest minn kollox. Iebsa wisq imma għalina li rridu nagħtu €25,000 depożitu qabel ningħataw is-self mill-bank. Qed nitkellmu jien b'paga ta' €18,500 u l-mara €17,300 fis-sena. M'għandniex problema biex nieħdu s-self, imma l-problema li qed niffaċċjaw hi d-depożitu. Il-€25,000 ma kellniex u biex irnexxielna ngħaqqduhom, għenuna l-ġenituri. Ippruvajna anke naraw l-iskema li kellu l-Gvern ta' għajnuna fil-ħlas tad-depożitu imma sibna li dik ma tapplikax għalina għax id-dħul ma jridx ikun jaqbeż il-€35,000. Qed nitkellmu għax din mhux problema tagħna biss. Sħabna żgħażagħ bħalna ukoll qed jiffaċċjaw din il-problema".

Dawn kienu l-kummenti li għadditilna koppja li jinsabu fil-fażi li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom. Apparti din il-koppja tkellmu ma' IT-TORĊA koppji oħra li ukoll qed jiffaċċjaw problemi f'dawk li huma flus f'idejhom biex iħallsu d-depożitu ta' 10%.

Sorsi qrib is-settur tal-proprjetà meta tkellmu ma' IT-TORĊA spjegaw li minħabba l-mod kif il-bini kompla

>> f'paġna 5



VICTOR VELLA
vvella@unionprint.com.mt

# RESTAWR IMPEKKABBLI TAL-KATTIDRAL TAL-LVANT TAŻ-ŻEJTUN

Il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid huma ġranet li huma importanti ħafna għall-poplu Malti u Għawdxi.

Għalkemm bla dubju ta' xejn il-poplu nbidel u sar iktar sekulari, anke min hu sekulari jemmen fl-importanza ta' dawn il-jiem, jekk xejn minħabba t-tradizzjonijiet sbieħ ħafna u l-aspetti artistiċi b'saħħithom.

Min hu reliġjuż, imbagħad, jara f'dawn il-jiem ġranet ta' riflessjoni sbieħ ħafna u ċelebrazzjoni li nfakkru kull sena ta' meta Ġesu Kristu rebaħ l-ikbar battalja u qam mill-mewt. Din hi l-isbaħ ġurnata fil-Kalendarju tal-Knisja Kattolika.

Il-gazzetta it-Torċa ħadet l-okkażjoni biex f'dawn il-jiem tħares lejn ix-xogħol ta' restawr sabiħ immens li jinsab għaddej fuq l-hekk imsejjaħ Kattidral tal-Lvant, jiġifieri l-Knisja taż-Żejtun li hi ddedikata lil Santa Katerina u hi xogħol il-ġenju arkitettoniku tal-Perit Lorenzo Gafà.

Il-Knisja ta' Santa Katerina għandha storja sabiħa ħafna għax minnha ħarġu ħafna Knejjes u terġa', ħarġu knejjes oħra mill-Knejjes li ħarġu minnha. Is-sabiħa hi li din m'hijiex l-iktar Knisja antika ddedikata lil Santa Katerina fiż-Żejtun, għax hemm Knisja oħra eqdem iddedikata lil Santa Katerina li ż-Żwieten isibuha bħala l-Knisja ta' San Girgor.



Il-Kattidral tal-Lvant hi Knisja Barokka tas-seklu sbatax u hi legat b'saħħtu ta' Girgor Bonniċi l-eks Sindku tal-Mdina li kien xtara l-art li fuqha nbniet il-Knisja. Bonniċi kien ukoll iffinanzja għal tletin sena sħaħ il-bini ta-Knisja.

L-ewwel ġebla kienet tqiegħdet mill-Isqof Davide Cocco Palmieri nhar Santa Katerina tal-1692 fi żmien meta Bonniċi ieħor – Ugolino Bonnici – kien Arċipriet.

Il-bini ta' dan il-Kattidral hekk sabih kien tlesta fl-1779 wara kważi 90 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla għad li l-Knisja kienet konsagrata fil-11 ta' Mejju 1742. Ġol-Kattidral tal-Lvant hemm diversi xogħlijiet sbieħ, fosthom tal-artisti Enrico Regnaud, Gio Nicola Buhagiar u Francesco Zahra, iben Pietro Paolo Zahra li ħadem ħafna xogħol tal-ġebel fuq l-istess Knisja.

Għażilna li nagħtu ħarsa lejn iż-Żejtun anke għax iż-Żejtun huwa wieħed mill-irħula li huma sinonimi mat-tradizzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u anke l-Għid. Din is-sena naturalment iż-Żwieten ma setgħux juru t-talenti tagħhom għat-tieni sena wara l-oħra minħabba l-pandemija imma bla dubju ta' xejn li kull min iħobb dawn il-jiem ftakar fiż-Żejtun u ż-Żwieten.



Il-Ministru Owen Bonnici dakinhar tat-tlestija tal-ewwel fażi tar-restawr nhar il-15 t'April, 2018 mal-Arċipriet Nikol Pace.

U hu għalhekk li din il-gazzetta tefgħet ħarsitha lejn ix-xogħol ta' restawr li qed isir fuq il-Kattidral tal-Lvant u li miexi b'ritmu tajjeb.

Dan ix-xogħol ta' restawr sar fi tliet fażijiet. Tlestew l-ewwel żewġ fażijiet u bħalissa għaddejja t-tielet fażi. It-tliet fażijiet kollha kemm huma ġew mfassla, maħsuba, finanzjati u mnedija fiż-żmien meta Bonnici ieħor, din id-darba l-Ministru Dr Owen Bonnici kien il-Ministru responsabbli mill-Kultura u għalhekk responsabbli mid-Direttorat tar-Restawr.

Dan il-gazzetta tifraħ lill-Ministru Bonniċi ta' din il-ħidma importanti ħafna li rat it-tfassil, l-iffinanzjar, il-bidu u t-tmiem tal-ewwel fażi, it-tfassil, l-iffinanzjar, il-bidu u t-tmien tat-tieni fażi u t-tfassil, l-iffinanzjar u l-bidu tat-tielet fażi. Naturalment jifraħ ukoll lill-Ministru Jose' Herrera li taħt it-treġija tiegħu qed titlesta t-tielet fażi.

Naturalment kull min hu fiż-Żejtun jiftakar l-iscaffolding li kien ikerrah iktar minn seba' snin sħaħ il-faċċata tan-Nofsinhar, cioe' dik li tagħti għal fuq iċ-ċentru tal-Partit Laburista.

Peress li l-Knisja Arċi-matrici taż-Żejtun hi waħda kbira ħafna, restawr ta' dan it-tip ma setax isir f'fażi waħda iżda kellu jsir f'iktar minn fażi waħda.

L-ewwel fażi kienet proprju fuq il-faċċata tan-Nofsinhar tal-Kattidral tal-Lvant, anke biex jiġi eliminat minnufih l-iscaffolding li kien dejjaq lil ħafna Żwieten.

U fil-fatt fil-15 ta' April, 2018 tlestiet l-ewwel fażi bl-inawgurazzjoni tal-faċċata tan-Nofsinhar mill-moħħ u l-promotur ta' dan il-proġett il-Ministru Owen Bonnici.

Din il-parti tal-Kattidral tal-Lvant għandha 890 metru kwadru u x-xogħol kien ilu għaddej disa' xhur, b'investiment minn fondi nazzjonali ta' € 100,000. Il-Perit Daphne Fenech mid-Direttorat tar-Restawr kienet re-

sponsabbli minn din il-ħidma.

Dakinhar tal-inawgurazzjoni l-Arċipriet tal-Knisja taż-Żejtun Dun Nicholas Pace, li ħadem u stinka ħafna biex din il-ħolma ssir realtà, kien faħħar dan ix-xogħol u kien saħaq li kienu saru diskussjonijiet importanti sabiex ikun hemm qbil u kunsens dwar kif dan ix-xogħol kellu jsir.

Wara kollox iż-Żwieten huma nies tas-sengħa u din hi ħaġa tajba għax tassigura djalogu u serjetà. Fil-fatt ix-xogħol intlaqa' b'tifhir minn kulħadd u niżel tajjeb ħafna.

Min-naħa tiegħu l-Ministru Owen Bonnici kien sostna li l-Gvern intervjena biex il-proċess ta' restawr ta' dik li ddeskriva bħala ġawhra barokka fiż-Żejtun issir realtà. Huwa kien qal li l-intervent li sar huwa eżempju ċar tax-xogħol biex ikun hemm konservazzjoni ta' binjiet ta' valur storiku, għaliex qal li r-restawr m'għandux isir biss fis-swar u l-palazzi imma anke fejn jidħlu ġawhar arkitettoniċi fl-irħula.

Kien imiss imbagħad li fil-25 ta' Ġunju ta' sena wara, jiġifieri fl-2019 l-Ministru Bonniċi jħabbar il-bidu tat-tieni fażi tal-proġett ta' restawr tal-Kattidral tal-Lvant fejn issa kien imiss għall-parti tat-tramuntana li tiġi restawrata taħt is-superviżjoni tad-direttorat tar-restwar.

Għal darb'oħra l-Perit Daphne Fenech mid-direttorat tar-restawr kienet fdata b'din il-fażi tal-proġett. B'kollox il-Ministru Bonniċi kien alloka €150,000 għal din it-tieni fażi għal darb'oħra minn fondi nazzjonali.

It-tieni fażi tlestiet f'temp ta' sitt xhur u ġiet inawgurata mill-Ministru Owen Bonnici fit-2 ta' Jannar, 2020. Il-Ministru Bonniċi kien sostna li dan il-proġett hu prova ċara ta' kemm il-Gvern għandu għal qalbu l-wirt storiku u kemm għandu dedikazzjoni biex jitħares u jissaħħaħ dan il-gid patrimonjali.

Il-Perit Daphne Fenech, spjegat li l-ġebla tal-faċċata kienet fi stat tajjeb ħafna, madanakollu minħabba li din ftit li xejn tkun esposta għall-qawwa tax-xemx spiċċat inksiet minn folja ta' ħażiż u likeni.

"L-ikbar sfida kienet li tneħħi dik il-patina ta' bijoloġiku, li huma likeni u muski li ksew il-faċċata u tawha kulur differenti. Ix-xogħol bl-idejn ħadilna ħafna ħin u riżorsi," kienet qalet il-Perit Fenech lill-mezzi tax-xandir.

Dakinhar tal-inawgurazzjoni tat-tieni fazi l-Ministru Bonnici vara wkoll il-proġett tat-tielet fazi, cioe' dak tal-faccata principali tal-Kattidral tal-Lvant.



It-tielet fażi tar-restawr ġiet imnedija mill-Ministru Owen Bonnici nhar it-2 ta' Jannar, 2020.

Dr Bonnici kien spjega li b'kollox il-faccata principali (inkluz il-kampnar) tikkonsisti f'1,600 metru kwadru. Il-Ministru Bonnici alloka €355,000 minn fondi nazzjonali għal dan ix-xogħol u kien ħabbar li t-tielet fażi kienet mistennija tieħu 12-il xahar, bl-armar isir wara l-festa tas-sena 2020 bil-għan li r-restawr jiżżanżan għall-festa tas-sena ta' wara.

Naturalment, il-festa tas-sena 2020 ma saritx minħabba l-pandemija tal-COVID-19 iżda l-kelma li kien ta l-Ministru Bonnici inżammet għax wara ftit xhur intrama l-iscaffolding u beda r-restawr tat-tielet fażi għal darb'oħra taħt it-treġija tad-Direttorat tar-Restawr, liema xogħol miexi tajjeb ħafna. Dan il-gazzettal taqsam il-ferħ tal-poplu Żejtuni għal dan ix-xogħol tant sabiħ u issa li anke t-tielet fażi miexja daqshekk b'ritmu tajjeb jawgura li meta t-tielet fażi titlesta, il-Kattidral ikompli jinżamm bl-għożża li dejjem inżamm biha matul is-snin!



# SE NIRXUXTAW MILL-PANDEMIJA, ANKE EKONOMIKAMENT

## ....KIF TGĦADDI L-PANDEMIJA, L-EWROPA U D-DINJA SE JSIBU FINA PAJJIŻ ARMAT BL-IDEAT TA' FEJN IRRIDU MMORRU U KIF SE NASLU"

## – SILVIO SCHEMBRI, MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA U L-INDUSTRIJA

Hekk kif il-Knisja Kattolika madwar id-dinja qed tiċċelebra l-qawmien u t-tama li huma simbolizzati fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Għid il-Kbir, il-Ministru għall-Eknomija Maltija, Silvio Schembri tkellem dwar kif il-pajjiż, b'mod partikolari mill-ambitu ekonomiku qed jaħdem sabiex jirxoxta mill-pandemija.

Schembri jgħid li filħajja xejn ma jiġi waħdu, lanqas it-tama u t-tiġdid. Dawn jeħtieġu ħidma iffukata, kollettiva u reżiljenti u xi kultant anke sagrifiċċju. Isemmi kif is-sagrifiċċju li ġew mitluba mill-poplu sabiex tiġi ikkontrollata l-imxija tal-pandemija qed iwasslu għal riżultati. Għaldaqstant, għandna għalxiex inħarsu 'l quddiem b'tama u kuraġġ. Isemmi kif bħala Gvern, mill-ewwel ġurnata tal-pandemija sa issa, ħa l-miżuri kollha neċessajri biex jipproteġi mhux biss is-saħħa imma anke l-għixien tan-nies.

### Sostenn għan-negozji, s-self-employed u l-ħaddiema

Innota kif għalhekk, il-Gvern kien ħabbar l-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika biex ikun ta' sostenn għan-negozji, isalva l-impjiegi tal-ħaddiema u jżomm ir-rota ekonomika ta' pajjiż għaddejja. Iżjed minn sena wara, il-frott tal-miżuri għan-negozji, s-self-employed u l-ħaddiema, qed jinħassu.

"Ma ħallejna lil ħadd waħdu s'issa u mhux ser inħallu. Qed ngħinu u ser tibqgħu issibuna ta' spalla u ta' għajnuna", jisħaq Schembri. Hawn huwa ta' ħarsa lejn żewġ miżuri ta' assistenza finanzjarja, dawk tal-Covid wage supplement u d-differiment tat-taxxa, fejn bihom il-Gvern għen direttament lil dawk in-negozji u self-employed li kellhom jagħlqu b'mod temporanju, sabiex is-settur tan-negozju jkun jista' jirriġenera u jinvesti fit-tkabbir tiegħu.

Silvio Schembri jinnota kif l-istatistika turina li l-għajnuna diretta li ingħatat lin-negozji fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena ammontat għal €70 miljun. Fosthom, għajnuniet fil-ħlas tal-kirjiet, lis-sidien tan-negozji bdew jirċievu riċenti, b'għajnuna inizjali ta' €5.5 miljun. Lil hinn mis-€70 miljun, l-għajnuna totali fuq il-kirjiet hija mistennija li tilħaq it-€12-il miljun.

Iżid, li jekk umbagħad inħarsu lejn il-Covid Wage Supplement għal protezzjoni tal-impjiegi naraw li l-Gvern approva xejn inqas minn €360 miljun f'għajnuna. Dan ifisser bejn wieħed u ieħor tlieta fil-mija tal-prodott domestiku gross ta' pajjiżna. Il-Gvern irnexxielu jsalva eluf kbar ta' impjiegi, jiġifieri, l-introju finanzjarju tal-familji Maltin u Għawdxin.

Schembri jgħid kif il-politika li jaddotta l-Gvern hi waħda proattiva u li tħares 'il quddiem. Kien għalhekk, li dan il-Gvern ħaseb sabiex il-Covid Wage Supplement jibqa' jingħata sal-aħħar tas-sena.

B'hekk il-Gvern se jkun qiegħed jagħti l-massimu tal-għajnuna lill-kumpaniji li jibqgħu jesperjenzaw l-aktar impatt negattiv fuq id-dħul tagħhom minħabba l-pandemija.

Il-Ministru għall-Ekonomija Maltija jgħid kif kien permezz ta' din il-miżura u skemi oħrajn fosthom dawk tal-vouchers, tattraħħis fil-kontijiet tad-dawl u tal-kirjiet tan-negozji, li fl-2020 pajjiżna żamm il-qgħad f'livell baxx. Schembri jagħmel referenza għal statistika maħruġa, din il-ġimgħa mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika, l-NSO. Jirriżulta li fi Frar li għadda, n-numru ta' nies jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 2,585 - 90 ruħ inqas mill-ewwel xahar tas-sena, meta n-numru ta' nies qiegħda kien ta' 2,675.

### Riżultati li jtuna kuraġġ, fis-settur tax-xogħol

Silvio Schembri jinnota li l-qgħad f'pajjiżna ilu jonqos mix-xahar ta' Ġunju wara li kienet laqtitna l-imxija u issa jinsab kważi fl-istess livell ta' qabel faqqgħet il-pandemija. Dan ifisser li għad-disa' xahar konsekuttiv naqas il-qgħad. "Dan ir-riżultat fis-settur tax-xogħol huwa wieħed inkoraġġanti b'mod partikolari meta wieħed jinnota kif filwaqt li f'pajjiżna n-nies jaħdmu full-time żdiedu b'1.2%, il-medja Ewropea rat tnaqqis ta' 1.4%", jgħid Schembri.

Fi kliemu, l-Ministru jistqarr li għalih dan kollu iffisser ħaġa waħda, li bil-mod il-mod qed nirxoxtaw minn din il-pandemija.

"Nemmen bis-sħiħ li l-poplu Malti huwa wieħed reżiljenti u qed jagħraf jadatta għal din is-sitwazzjoni, anka f' dak li jagħmel u jonfoq.

L-għaqal tal-Maltin qed jissarraf f'reżiljenza għaliex mill-ġid ekonomiku li ġġenera dan il-pajjiż, il-Malti dejjem ħaseb għal meta tagħmel ix-xita", jistqarr l-Onor Schembri.

F'kuntest iżjed wiesgħa huwa innota, kif f'parallel ma dan kollu, il-pajjiż għaddej bit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet, fejn pajjiżna aġixxa fuq ir-rakkommandazzjonijiet tal-Moneyval u għada se jkun aħjar m'illum.



### Riżultati li jtuna kuraġġ, fl-għoti tal-vaċċin

"Bħala l-Ministru responsabbli mill-Ekonomija u l-Industrija, ottimist li l-ekonomija daqt se terġa' tibda tirpilja", jgħid Schembri. Huwa jsemmi s-suċċess li qed niksbu fl-għoti tal-vaċċin u kif dan iqawwilu qalbu. Filfatt fl-aħħar jiem rapporti indikaw li jekk tara r-rata ta' tilqim ras imb'ras, f'Malta illum, din hija l-ogħla fid-dinja.

Il-Ministru Schembri jisħaq li l-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika tal-Gvern, għadu ċar u fis-seħħ. Fi kliem il-Ministru, "ir-rittmu ekonomiku jrid l-ewwel jirranka domestikament. Wara ngħaddu għat-tieni stadju, fejn fuq livell internazzjonali naraw progress.

Dan wara li bosta pajjiżi Ewropej ikunu laqmu lil nishom u b'hekk tinħoloq sitwazzjoni ekwa ta' immunita' fuq livell Ewropew. Dan sabiex in-nies jerġa' jkollhom isserħan il-moħħ li jivjaġġaw u x-xogħol fil-qasam tat-turiżmu jerġa jibda jirkupra".

Iżid jgħid li "din kienet sena ta' sfida għal kulħadd, u l-għejja tibda dieħla. Imma issa huwa importanti iżjed minn qatt qabel li ma naqtgħux qalbna. Din il-ġimgħa fakkarna l-festa ta' Jum il-Ħelsien. Festa b'tema sinifikattiva, f'sena fejn propju kellna nissagrifikaw parti mil-liberta' soċjali tagħna, sabiex inħarsu saħħitna.

Iżda kif qal il-Prim Ministru Robert Abela, dan hu Gvern li ta' kuljum, qed jibqa' qrib in-nies u jgħin fl-iċken affarijiet. B'hekk mhux biss qed nibqgħu nipprovdu għajxien aħjar lill-Maltin u l-Għawdxin, iżda kif tgħaddi l-pandemija, l-Ewropa u d-dinja se jsibu fina pajjiż armat bl-ideat ta' fejn irridu mmorru".

### Gvern b'ekonomija ta' ġid għal kulħadd

Fl-aħħar nett, il-Ministru jitkellem dwar dak li l-pajjiż għadda minnu fl-aħħar ġimgħat. Hawn huwa sostna li l-Partit Laburista fil-Gvern, kien dak li ta' l-qawmien ekonomiku lil dan il-pajjiż. Gvern li ta' l-qawmien lid-drittijiet ċivili, l-għajnuna soċjali u l-qawmien tax-xogħol.

"Dan hu l-Gvern li ħoloq u għadu qed joħloq l-ekonomija ta' ġid għal kulħadd. Ġid li tista' taraħ u tħossu b'idejk f'bosta setturi fis-soċjeta'; mill-eradikazzjoni tal-faqar, it-tisħiħ fil-mobilità soċjali, it-tkabbir ta' niċeċ ekonomiċi ġodda, ħolqien tal-impjiegi, għall-opportunitajiet tal-kummerċ għan-negozji madwar id-dinja", jikkonkludi l-Ministru Schembri.

# IL-BANEK GĦANDHOM JIKKONSIDRAW TNAQQIS FID-DEPOŻITU




>> ikompli minn paġna 1

jogħla, qed dejjem jiżdiedu l-koppji żgħażagħ li qed isibu problemi biex ikollhom l-10% depożitu.

Aġenta li tkellmet magħna qaltilna li "niltaqa' kull ġimgħa ma' koppji żgħażagħ. Il-problema mhijiex li l-bank ma jislifhomx għalkemm hawn min għandu dik il-problema. Hawn koppji żgħażagħ li l-problema li qed isibu hi dik li ma jkollhomx likwidità f'idejhom biex iħallsu l-10%. Illum qed nitkellmu fuq postijiet jew aħjar appatamenti għax dawn lejn appartamenti iħarsu, li jkunu bejn €200,000 u €250,000. Illum, tista' tgħid li hu diffiċli biex issib appartamenti lesti b'inqas minn €180,000.

Ma jfissirx li m'hawnx, biex ma niftiehemx ħażin, imma mbagħad trid tara fejn ikunu u din hi xi ħaġa li tagħmel differenza għal dawn il-koppji."

### 5% depożitu jkun aktar ġust

L-istess aġenta qaltilna li "nifhem li l-kwistjoni tad-depożitu hi xi ħaġa tal-banek u ma jidħolx fiha l-Gvern. Minn dak li qed niltaqa' miegħu jien, nemmen li f'pajjiżna wasal iż-żmien li din tiġi trattata.

Qed naraw l-prezz tal-bini tiela' 'l fuq b'ċertu rata u d-depożitu baqa' fejn kien bl-istess rata. Dan allura bilfors joħloq pressjoni akbar fuq dawn il-koppji. Nemmen li wasal iż-żmien li l-banek tagħna jikkonsidraw li dan id-depożitu jitnaqqas għal 5% għal min se jixtri l-ewwel proprjetà u jkollu dħul konġunt ta' minn €40,000 'l isfel. Dan jagħtihom nifs. Qed ngħid dan għax meta nkun qed indur il-postijiet magħhom u huma jitkellmu miegħi, tara l-pressjonijiet li jgħaddu minnhom dawn il-koppji fejn l-ispejjeż huma kbar".

### Appartament ta' €230,000... self ta' €210,000... depożitu ta' €23,000

Tenfasizza li "proprju ftit tal-ġimgħat ilu kelli każ fejn ir-raġel u l-mara jaqilgħu madwar €16,000 kull wieħed. F'każ bħal dan il-bank kien lest jislifhom għal residenza li tkun tiswa sa €233,000. Dan ifisser self ta' €210,000 u huma jridu joħorġu depożitu ta' €23,000. Imbagħad pagament ta' €774,000 fix-xahar għal 38 sena. Il-problema li kellhom kienet li ma kellhomx it-€23,000 depożitu u riedu jaraw minn fejn se jġibuh".

Qalet ukoll li "din il-koppja setgħet applikat għal għajnuna tal-Gvern permezz ta' skema li hemm. Il-problema kienet imma li l-appartament kien jiswa €233,000, li hu kważi €60,000 aktar mill-prezz massimu tal-iskema. Fil-fatt waħda mill-kundizzjonijiet tal-iskema tgħid li l-proprjetà m'għandhiex teċċedi l-prezz ta' €175,000."

### Il-banek għandhom jikkonsidraw tnaqqis fid-depożitu

L-istess aġenta qaltilna li "nemmen li min hu involut f'dan il-qasam għandu jibda jara kif tista' ssir diskussjoni serja dwar dawn id-diffikultajiet. Mhux sewwa li jispiċċa ikunu l-ġenituri ta' dawn iż-żgħażagħ li jaraw kif jgħinuhom.

Waħda mis-soluzzjonijiet hi li l-banek inaqqsu id-depożitu minn 10% għal 5%. F'pajjiżi barranin hemm skemi simili. Ma narax għaliex din ma ssirx f'Malta ukoll. Jekk nieħdu kemm l-Awstralja u anke New Zealand hemm skemi ta' self b'5% depożitu. Din tgħin ħafna biex dawn il-koppji jieħdu nifs u tnaqqas ftit il-pressjoni kbira li jkollhom fuqhom f'dan iż-żmien".

IT-TORĊA talbet kumment dwar il-kwistjoni tad-depożitu lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali, Roderick Galdes. Hu qalilna li "l-ammont ta' depożitu m'huwiex fil-kontroll tal-Gvern imma prattika tal-banek fejn il-Gvern ma jistax jinterferixxi.

Il-Gvern qed jassisti lil min ma jiflaħx iħallas dan id-depożitu permezz ta' skema li ssellef l-ammont tad-depożitu sħiħ mingħajr interessi. Xi ħaġa li ma kinitx issir fil-passat."












# STRATEĠIJA NAZZJONALI TAL-AWTIŻMU 2021 – 2030

## €420,000 - somma rekord għal Special Olympics Malta



Ritratt: James Galea, DOI

Fil-jiem li għaddew tnieda proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar Strateġija Nazzjonali tal-Awtiżmu għas-snin 2021 – 2030. Il-perjodu għal din il-konsultazzjoni pubblika se jdum miftuħ sa nhar it-Tlieta, 20 ta' April, 2021. Din se tkun l-ewwel strateġija tax-xorta tagħha li fost l-għanijiet tagħha hemm il-kunċett ta' inklużjoni u kwalità ta' ħajja għal persuni milqutin mill-awtiżmu. Biex anke dawn il-persuni jħossu li huma parti integrali mis-soċjetà daqs u bħal kull persuna oħra li tifforma s-soċjetà Maltija u Għawdxija.

It-tema ta' din l-istrateġija hija 'Nirrispettaw id-Diversità – Inħarsu l-Ugwaljanza'. L-awtiżmu hija diżabbiltà żviluppatorja li tista' tikkawża sfidi sinifikanti fl-oqsma soċjali, komunikattivi u ta' mġieba.

It-tnedija tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-istrateġija nazzjonali tal-awtiżmu seħħet ftit jiem biss qabel il-bidu tax-xahar ta' April, li huwa x-xahar internazzjonali dedikat mill-Ġnus Magħquda lill-awtiżmu.

Il-bidu tal-ħidma fuq din l-istrateġija jmur lura għas-sena 2018 meta twaqqaf il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu taħt it-tmexxija taċ-Chairperson Alistair de Gaetano. Il-Kunsill huwa ffurmat minn rappreżentanti tas-Segretarji Permanenti tal-Ministeri responsabbli mid-Diżabbiltà, l-Edukazzjoni u s-Saħħa; rappreżentanti tal-Fakultajiet rispettivi fl-Università ta' Malta; mit-tmexxija tal-Aġenzija Sapport u CRPD u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li dejjem jinkludu persuni fil-firxa wiesgħa ta'awtiżmu.

Fl-istess jiem tħabbar programm ta' għajnuna finanzjarja qawwija, €420,000 mifruxin fuq tliet snin, lil Special Olympics Malta. Għajnuna li se tkompli timla' b'kuraġġ lit-tmexxija u lill-atleti tagħna f'dawn il-Logħbiet Speċjali għal persuni b'diżabbiltà. Għajnuna li se sservi ta' stimulu akbar aktar u aktar meta jkun kkunsidrat li s-sena li ġejja l-Olimpjadi Speċjali se jsiru f'Malta.

Dwar dawn iż-żewġ avvenimenti dan il-ġurnal tkellem mal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli li taħt il-kappa tad-dekasteru tagħha jaqgħu dawn iż-żewġ oqsma.

Il-Ministru Farrugia Portelli qalet lil dan il-ġurnal li "fejn jirrigwarda l-awtiżmu għandna strateġija li tirrifletti r-realtà. Hija strateġija unika meta mqabbla ma' ta' pajjiżi oħrajn. Unika għax ma tħarisx biss lejn l-aspett mediku, jew lejn l-adulti, jew lejn it-tfal biss. L-istrateġija tkopri lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, sa mill-bidu tal-ħajja tagħhom, tkun xi tkun l-età tal-persuna. Strateġija li tkopri anke l-anzjanità u l-awtiżmu, li ħafna pajjiżi ma jagħtuhiex daqshekk attenzjoni, minkejja li hija realtà koperta wkoll mir-riċerka."

L-istrateġija hija msejsa fuq seba' pilastri, fosthom




l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-attiviżmu u 47 miżura li qegħdin jixprunaw bidliet soċjali għall-persuni bl-awtiżmu u dawk l-aktar qrib tagħhom. Strateġija li taħseb biex il-persuni bl-awtiżmu jkunu fiċ-ċentru tal-ħidma li jwettaq il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja. Fost il-miżuri li taħseb għalihom l-istrateġija hemm kampanji edukattivi kemm fil-midja stampata kif ukoll midja soċjali kif ukoll aspetti ta' taħriġ u tkomplija ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati. Strateġija li tħares lejn l-integrazzjoni sħiħa ta' oqsma relatati mat-teknoloġija sabiex għodod diġitali jkunu jistgħu jiffaċilitaw iktar l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' persuni bl-awtiżmu.

"Il-persuna bl-awtiżmu hija membru tas-soċjetà daqs kull persuna oħra, bl-istess drittijiet bħal u daqs ta' ħaddieħor. Strateġija li tara kif dawn id-drittijiet, huma x'inhuma u huma f'liema qasam huma jiġu rispettati. Strateġija li tkompli ssaħħaħna fid-determinazzjoni tagħna li ħadd ma jitħalla jaqa' lura," qalet il-Ministru Farrugia Portelli lil 'It-Torċa'.

Aċċess għall-proċess tal-konsultazzjoni pubblika dwar din l-istrateġija jista' jinkiseb minn fuq il-website tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru www.konsultazzjoni.gov.mt.

### €420,000 f'assistenza diretta lil Special Olympics Malta

Fil-jiem li għaddew ġie ffirmat ftehim ġdid bejn SportMalta u Special Olympics Malta li permezz tiegħu fuq perjiodu ta' tliet snin Special Olympics Malta se tkun qed tingħata s-somma ta' €420,000.

Permezz ta' dan il-ftehim atleti ta' Special Olympics Malta se jkunu qed jingħataw għajnuna sabiex ikunu jistgħu jkomplu jipparteċipaw fil-Logħob Internazzjonali tal-Olimpjadi Speċjali u anke f'kampijiet ta' taħriġ barra minn Malta. Apparti hekk, Special Olympics Malta se tkun qed tinvesti f'kits u apparat li jkollha bżonn minn żmien għal żmien.

L-iffirmar ta' dan il-ftehim kien presedut mill-Ministru Julia Farrugia Portelli, is-Segretarju Parlamentari Clifton Grima u l-President ta' Special Olympics Malta Lydia Abela.

Dwar dan il-ftehim il-Ministru Julia Farrugia Portelli qalet lil 'It-Torċa' li "permezz ta' dan il-ftehim bejn din is-sena u s-sena 2023 Special Olympics Malta se jkunu qegħdin jingħataw €420,000, somma li turi żieda sostanzjali fuq dak li kienu jingħataw s'issa, €100,000 kull sena. Sinifikanti ħafna huwa l-fatt li pajjiżna, wieħed mill-iżgħar fid-dinja, is-sena d-dieħla, għall-ewwel darba f'20 sena, se jkun qiegħed jospita avveniment sportiv mondjali għal persuni b'diżabbiltà, il-World Special Olympics. Sinifikattiv għax juri li pajjiżna qiegħed ikun rikonoxxut u apprezzat għall-mod li bih jaħdem u jagħmel dak kollu possibbli biex il-persuni b'diżabbiltà jħossuhom integrati fis-soċjetà, inkluż fl-isports. Se nkunu qegħdin nuru li avveniment sportiv ta' din il-kwalità bil-protagonisti tiegħu jkunu persuni b'diżabbiltà huwa prova ta' għaqda, imħabba u inklużjoni. Il-persuni b'diżabbiltà se juru li huma wkoll għandhom rwol importanti x'jagħmlu biex tirrenja l-għaqda u l-imħabba fost il-ġnus, rwol li jirrifletti l-prinċipju ta' inklużjoni fis-soċjetà li tant nemmnu fih."

> "Il-persuna bl-awtiżmu hija membru tas-soċjetà daqs kull persuna oħra, bl-istess drittijiet bħal u daqs ta' ħaddieħor."





# IL-ĦELSIEN MILL-PANDEMIJA

MIRIAM DALLI
MINISTRU

Huma d-deċiżjonijiet iebsa – iżda neċessarji – li qed jissalvagwardjaw il-ħajjiet u l-postijiet tax-xogħol.



Għat-tieni sena konsekuttiva qed niċċelebraw Ħadd il-Għid fil-kwiet ta' djarna, mingħajr l-attivitajiet tradizzjonali marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa u l-festa ta' Kristu Rxoxt. Nitkellmu dwar nomalita ġdida, bit-tama li għada jkun aħjar mil-lum. Imma biex għada jkun aħjar mil-lum, irridu nsegwu l-istruzzjonijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa. Fuq kollox, irridu nkunu responsabbli biżżejjed li naċċettaw is-sagrifiċċju li rridu nagħmlu biex nasslu għal dik il-ġurnata li ttina lura dawk l-attivitajiet li tant konna drajna bihom.

Il-kapitli li jimmarkaw l-istorja Maltija juru poplu kuraġġuż, poplu li dejjem qam fuq saqajh biex jiddefendi lill-gżira tiegħu. Poplu li għal ħafna snin ħadem biex ikun minn ta' quddiem f'oqsma differenti. Pajjiż li jaf li l-interess nazzjonali huwa dak ta' żvilupp ekonomiku daqskemm hu l-avvanz soċjali. Li l-prosperita ma tkunx tiddependi biss mill-figuri li jagħmlu l-prodott gross domestiku, iżda tfisser ukoll kwalita ta' ħajja aħjar.

Dan ifisser drittijiet soċjali, protezzjoni ambjentali, sistema ta' saħħa b'saħħitha, edukazzjoni b'saħħitha għal kulħadd. Tfisser li l-istudenti jistgħu jagħmlu l-eżamijiet, anke jekk hemm min ma jiflaħx iħallas għalihom. Tfisser, il-ġlieda kontinwa kontra l-faqar.

Forsi l-virus tal-Covid-19 ma jibqax pandemija, imma jsir virus, bħal l-influwenza, li nibdew ngħixu bih. Li neħilsu minn din il-pandemija hija x-xewqa ta' kulħadd: it-tfal iridu jmorru lura l-iskola; iż-żgħażagħ u l-ħbieb iridu jiddevertu; il-familji jridu jiltaqgħu. Għalhekk, illum kulħadd qiegħed jittama għal dik il-ġurnata li fiha dan kollu jkun passat.

Iżda ma nistgħux ninsew dak kollu li tgħallimna f'dawn ix-xhur. Kien l-għaqal li qed jgħinna nirkbu dak li mhux magħruf. Huma d-deċiżjonijiet iebsa – iżda neċessarji – li qed jissalvagwardjaw il-ħajjiet u l-postijiet tax-xogħol. Minkejja l-problemi l-ġodda li ħadd ma seta jbassar bil-pandemija, xorta waħda dan il-Gvern żamm irruħ soċjali.

Fost oħrajn, permezz ta' għajnuna diretta lil min ibgħati minn cystic fibrosis u r-riforma fil-liġi tal-kirjiet ta' qabel l-1995.

Id-drittijiet ċivili, il-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza huma l-valuri li jsawwru lill-Partit Laburita. Daqstant ieħor huwa l-impenn li f'pajjiżna nkomplu nsaħħu l-istituzzjonijiet li jaħdmu f'indipendenza sħiħa. Kif ġustament qal il-Prim Ministru Robert Abela fid-diskors tiegħu f'Jum il-Ħelsien: "Il-ħelsien huwa s-serħan il-moħħ ta' istituzzjonijiet li jaħdmu f'indipendenza sħiħa. Xi ħaġa li mhux biss nemmnuha jew li nitkellmu dwarha. Iżda, li għamilna riformi kbar biex titwettaq."

Il-Prim Ministru Robert Abela kien ċar fid-diskors tiegħu. Meta neħilsu mill-imxija, l-Ewropa u d-Dinja se jsibu Malta armata bl-ideat u l-pjanijiet biex inkomplu mexjin 'il quddiem. Illum, kull settur tas-soċjetà jaf li Partit Laburista fil-Gvern ma jfarfax minn fuq spallejh il-problemi maħluqa minn affarijiet esterni bħalma hi l-pandemija. Ma jdurx fuq il-poplu u jgħidlu ġorr il-piż.

Għall-kuntrarju, dan il-Gvern ra kif għamel, u qed ikompli jagħmel, biex ikun ta' spalla għall-familji, żgħażagħ, negożji, ħaddiema u anzjani.

Qed nagħmlu dan, u se nkomplu nagħmlu dan, b'sens ta' rispett, u sens ta' għaqda.



# FONDI EWROPEJ BIEX INĦARSU L-WIRT STORIKU TAGĦNA



STEFAN ZRINZO AZZOPARDI
Segretarju Parlamentari
Ghal Fondi Ewropej

Ilkoll kemm aħna nistgħu ninnutaw l-ispinta kbira li ngħata l-ħarsien tal-wirt storiku u l-patrimonju kulturali tagħna f'dawn l-aħħar snin. Kien bis-saħħa ta' investimenti ta' miljuni ta' Ewro ta' Fondi Ewropej li flimkien ma' fondi nazzjonali stajna nkabbru l-isforzi tagħna biex il-wirt li ħallewlna missierijietna, nippriżervawh, nirrestawrawh u nagħtuh lura lill-poplu Malti u Għawdxi biex igawdih.



Kien sforz kollettiv tal-Gvern ċentrali flimkien ma' Kunsilli Lokali, organiżazzjonijiet privati u għaqdiet volontarji li bih saru xogħolijiet ta' restawr u konservazzjoni tista' tgħid f'kull rokna ta' Malta u Għawdex. Saru, u għadhom qed isiru, proġetti kbar fil-kapitali tagħna, l-Belt Valletta u oħrajn f'ħafna bliet u rħula fejn b'inizjattivi individwali f'diversi bliet u rħula qegħdin insaħħu l-prodott turistiku tagħna billi nżidu attrazzjonijiet li jkunu jistgħu iżurhom it-turisti meta jerġa' jibda s-safar lejn Malta hekk kif tgħaddi l-pandemija.

Propju ftit ġranet biss ilu fil-Belt Valletta flimkien mal-Prim Ministru Robert Abela u l-kollega Ministru Jose Herrera, inawgurajna l-Valletta Design Cluster b'investiment ta' €4.3 miljun f'binja li fl-imgħoddi kienet biċċerija. Minn post mitluq inbidel f'binja li qed tipprovdi spazju uniku bħala ċentru tal-kultural u l-kreattivita. It-trasformazzjoni ta' din il-binja hija part żgħira biss minn proġetti kbar li wettaqna fil-pjan tagħna għar-riġenerazzjoni tan-naħa t'Isfel tal-Belt Valletta fejn fost xogħlijiet importanti oħra sar ir-restawr tal-Berġa tal-Baviera u r-restawr ta' binjiet mitluq li nbidlu f'residenzi għall-Beltin.

Il-proġetti ffinanzjati minn Fondi Ewropej li ġew inawgurati jew li tnieda x-xogħol fuqhom f'din l-aħħar sena huma bosta. B'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Din l-Art Ħelwa, tlesta x-xogħol fuq ir-restawr tat-Torri l-Aħmar fil-Mellieħa, li issa sar attrazzjoni turistika ewlenija f'din in-naħa ta' Malta.

Ftit ġimgħat ilu wkoll żorna x-xogħlijiet ta' restawr estensivi li għaddejjin fit-Torri tal-Arloġġ tal-Imtarfa. Din hija binja li toffri attrazzjoni turistika lil niċċa ta' turisti li jħobbu jżuru attrazzjonijiet marbuta mal-istorija militari ta' pajjiżna.

Xogħlijiet importanti oħra ta' restawr ta' binjiet storiċi qed isiru wkoll f'Għawdex. Fl-aħħar ta' Jannar li għadda inawgurajna r-restawr fuq il-Mitħna tat-Tmien Kantunieri fix-Xewkija li kompliet iżżid mal-kullana ta' attrazzjonijiet turistiċi fil-gżira Għawdxija. Għaddej ġmielu wkoll ix-xogħol fuq ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi li jgħodd madwar erba' mitt sena.

Fondazzjonijiet Lokali, bħalma huma l-Gal Xlokk, il-Gal Majjistral u Gal Għawdex ukoll gawdew minn Fondi Ewropej biex il-Kunsilli u Għaqdiet rispettivi fi ħdanhom wettqu proġetti ta' restawr f'diversi binjiet, niċċeċ, każini li wkoll għandhom valur storiku u kulturali.

Mingħajr l-iċken dubju, il-Knisja f'Malta għandha taħt il-ħarsien tagħha, wirt storiku kbir fil-mijiet ta' Knejjes u binjiet oħra li fihom hemm miġbur patrimonju kulturali li jitħoqqlu l-akbar kura u ħarsien ħalli jkompli jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Kienet tassew inizjattiva f'waqtha dik li ħadet il-Fondazzjoni tal-Arċidjoċesi Maltija għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali li applikat u rnexxielha tikseb aktar minn €4 miljuni ta' Fondi Ewropej biex twettaq diversi proġetti ta' restawr u konservazzjoni fi Knejjes u anke xogħlijiet tal-arti. Fost dawk li inawgurajna fix-xhur li għaddew kien hemm dawk tal-Knisja ta' Ħal-Balzan, ta' Ħal-Tarxien u l-Bażilika minuri ta' Raħal Ġdid, kif ukoll pittura antika ħafna fil-Knisja ta' San Pawl ir-Rabat.

Nidejna wkoll diversi proġetti ġodda li ser naraw ix-xogħol fuqhom jibda fix-xhur li ġejjin fosthom il-faċċata tal-Knejjes tal-Qrendi u Ħal-Kirkop, il-koppli tal-Knejjes ta' Bormla u ż-Żurrieq, il-Kappella ta' Santa Marija fiż-Żejtun u pittura fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta.

Ma nistax ma nsemmix ukoll il-proġett importanti iffinanzjat minn Fondi Ewropej li qed isir mill-Fondazzjoni tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fejn qed isir xogħol estensiv ta' restawr fil-Mużew ta' l-istess Kattidral bit-twaqqif ta' dak li qed jissejjaħ bħala l-Caravaggio Centre flimkien mar-restawr tal-ispazji tal-Mużew fil-kripta tal-Kattidral.

Huwa fatt magħruf li l-Kon-Kattidral ta' San Ġwann huwa wieħed mill-akbar attrazzjoni turistika tal-Gżejjer Maltin u għaldaqstant l-investiment b'Fondi Ewropej li qed isir f'dan il-post ħa jkompli jkabbar din l-attrazzjoni kemm għall-eluf kbar ta' turisti li jżuruha kif ukoll għalina l-Maltin.

La qed insemmi l-Belt Valletta rrid nirreferi għax-xogħlijiet kbar ta' restawr li qed isir fil-Palazz tal-Gran Mastri jew kif nafuh ilkoll, il-Palazz tal-President. Hawnhekk qegħdin jintefqu madwar €10 miljun f'Fondi Ewropej biex din il-ġawhra li ħallewlna l-Kavallieri ta' Malta tkun restawrata u mill-ġdid issir attrazzjoni oħra mill-aktar importanti fil-kapitali tagħna.

Il-lista ta' proġetti ta' restawr u konservazzjoni li saru jew qegħdin isiru hija twila wisq u diffiċli wieħed isemmihom kollha f'dan l-ispazju. Li huwa ċert huwa li dawn il-miljuni ta' Ewro ta' Fondi Ewropej li qed jintefqu f'dan ix-xogħol huma flus investiti bl-aqwa mod biex il-wirt storiku u l-patrimonju kulturali tagħna inħarsuh bl-aqwa mod li nistgħu.

L-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.


BUILDING &
CONSTRUCTION
AGENCY
Inkwetat dwar is-sigurtà ġewwa darek minħabba suspett ta' irregolarità fl-iżvilupp ta' kostruzzjoni fil-viċinanzi tiegħek?
Ċempel fuq 80049000
Għal aktar informazzjoni żur www.bca.org.mt
GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-KOSTRUZZJONI

# FUQ TALBA TAL-FAMILJI ESTIŻA L-ISKEMA 'GREEN YOUR BUILDING'



Skema li tfittex li tnaqqas l-effetti ħżiena fuq l-ambjent, ikkawżti mill-urbanizzazzjoni, kif ukoll toħloq spazji 'ħodor' aktar sani fejn wieħed jgħix, se tkun qegħda tiġi estiża b'xahar.

Dan tħabbar mill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar Aaron Farrugia li spjega li din l-iskema, mmexxija mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA), qed tipprovdi finanzjament ta' 100% lil sidien ta' djar privati li jixtiequ jinstallaw ġonna vertikali mal-faċċata jew ħitan fir-residenza tagħhom. Din l-iskema tkopri wkoll ir-retrofitting ta' ġonna ta' quddiem id-djar.




Il-ministru qal li l-infrastruttura ħadra toffri għadd ta' benefiċċji għall-ambjent, timmitiga impatti differenti kkawżati mill-urbanizzazzjoni, żoni densament popolati, u effetti oħra kkawżati mit-tibdil fil-klima. Pjanar ta' dan it-tip jista' jtejjeb il-kwalità tal-arja u jipproteġi l-bijodiversità, filwaqt li ambjent ħadrani fl-ibliet jista' jtejjeb il-kwalità tal-ħajja.

"Ninsabu kuntenti ħafna bir-rispons li rċevejna matul dawn l-aħħar ġimgħat minn residenti interessati li jibbenefikaw minn din l-iskema u jintroduċu infrastruttura ħadra fil-proprjetajiet privati tagħhom.

Sal-lum, irċevejna 90 sottomissjoni li jammontaw għal kważi € 750,000", qal Martin Saliba, Chairman tal-Kunsill Eżekuttiv tal-PA, filwaqt li kien qiegħed jispjega li l-kunċett ta' infrastruttura ħadra huwa ġdid f'pajjiżna u għalhekk, mhux biss għandna bżonn noħolqu aktar kuxjenza dwar il-firxa wiesgħa ta' benefiċċji li toffri lis-soċjetà, iżda rridu wkoll ninvestu u nħeġġu studenti universitarji biex jispeċjalizzaw f'dan is-settur.

Aħna qegħdin nestendu d-data tal-għeluq għax irrealizzajna li persuni li kienu qed juru interess f'din l-iskema kienu qed isibuha diffiċli biex jinvolvu l-għarfien espert meħtieġ biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom", temm jgħid is-Sur Saliba.

Din l-iskema ta' €2 miljun tirrifondi 100% tax-xogħlijiet eliġibbli, inklużi l-ispejjeż kollha assoċjati max-xogħlijiet ta' installazzjoni, materjal, kiri ta' tagħmir, pjan ta' manutenzjoni għal ħames snin, u miżati professjonali u ta' konsulenza.

Il-fondi għal din l-iskema huma disponibbli grazzi għall-miżati li tiġġenera l-Awtorità mill-applikazzjonijiet ta' regolarizzazzjoni. L-applikazzjonijiet ta' regolarizzazzjoni jipprovdu lis-sidien tal-propjetà bl-opportunità li jirregolarizzaw żviluppi eżistenti li mhux konformi u li jinsabu kompletament fil-konfini tal-iżvilupp.

L-iskema issa se tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju 2021. L-Awtorità ppubblikat ukoll dokument ta' gwida biex tassisti lill-partijiet interessati dwar numru ta' kunsiderazzjonijiet qabel ma wieħed jiddeċiedi liema infrastruttura ħadra għandha tiġi installata, liema għażla ta' pjanti ħajjin jistgħu jintużaw, u l-manutenzjoni tagħhom. Aktar informazzjoni dwar l-iskema 'Green Your Building' hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-PA.

Din l-iskema qed isservi bħala qafas biex tiġi promossa appoġġjata l-introduzzjoni tal-infrastruttura ħadra fiż-żoni urbani tagħna. L-Awtoritajiet konxji li jekk is-sidien tal-proprjetà private jiġu appoġġjati u mgħejjuna biex jintroduċu ġnien vertikali mal-faċċata tad-dar jew ibiddlu n-naħa ta' barra tar-residenza tagħhom fi ġnien, inkunu qed nindirizzaw b'mod dirett u pożittiv it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, il-bijodiversità u l-koeżjoni komunitarja.

Aktar informazzjoni relatata mal-iskema 'Green Your Building' tista' tinkiseb billi ċċempel fuq 2290 1544 jew tibgħat ittre fuq greenyourbuilding@pa.org.mt.

It-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għal din l-iskema jistgħu jinkisbu mis-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar www.pa.org.mt.

# IS-SAĦĦA MENTALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL TITFUGĦIEX FUQ IL-ĦADDIEMA

Fuq il-postijiet tax-xogħol tagħna fl-aħħar xhur żdiedet sew l-ansjetà u t-tensjoni. Ansjetà u tensjoni li ġejjin minn diversi fatturi. Kemm minħabba li ħaddiema spiċċaw jaħdmu bi ġranet imnaqqsa, kemm minħabba li fuqhom qed jintefa' aktar xogħol u anke minħabba l-pressjonijiet li qed ikun hemm minħabba l-imxija tal-Covid-19.

Ovvjament l-effett ta' dan hu li qed ikollna aktar ħaddiema li jibdew ibatu minn mard mentali. Mhux biss minħabba dak li għaddejjin minnu fuq il-post tax-xogħol imma anke minħabba dak li qed jiffaċċjaw fi djarhom u l-fatt li tista' tgħid li spiċċaw maqfulin fi djarhom.

Jiddispjaċina imma li hawn sidien ta' postijiet tax-xogħol f'pajjiżna li l-kwistjoni tal-mard mentali fost ħaddiema tagħhom fuq il-post tax-xogħol qed jitfgħuha fuq l-istess ħaddiema.

Hi inaċċettabbli li dawn l-istess ħaddiema mhu jsibu appoġġ ta' xejn fuq ċertu postijiet tax-xogħol. Għandna sitwazzjoni fejn il-post tax-xogħol partikolari kapaċi jissapportik għal ftit ġranet. Il-messaġġ li qed jirċievu l-ħaddiema hu li jekk il-problema tippersisti jridu jaraw x'se jagħmlu. Dik solidarjetà ma' min ikun għamel snin jagħtik servizz! Dak rispett!

S'issa ftit li xejn għandna statistika u studji fuq x'tip ta' stress qed ikun ikkawżat fuq il-postijiet taxxogħol mill-pandemija, xogħol prekarju, ħinijiet twal ta' xogħol u pressjonijiet biex min qed fil-kera iħallas il-kirjiet. Nemmnu li dan ittip ta' studju hu importanti.

Irridu naraw eżattament kemm hi kbira din il-problema. Fuq kollox irridu naraw it-telework x'effett qed ikollu fuq il-ħaddiema. Verament li dan hu importanti anke biex nikkontrollaw il-pandemija u l-ħaddiema jkunu protetti. Imma rridu noqogħdu attenti li l-ħaddiema ma jispiċċaw jaħdmu f'kull ħin tal-ġurnata inkluż tard bil-lejl sempliċiment għax qegħdin komdi ddar. Din hi realtà li qed tiġri. Hi realtà mifruxa.

Sfortunatament l-kwistjoni talflessibilità. Hi tajba għal ħaddiema u tajba għas-sidien tal-postijiet tax-xogħol u l-kumpaniji f'dan iżżmien ta' sfida. Irridu imma naraw li din imma ma tkunx abbużata.

Ix-xogħol prekarju li qed jaħdmu fih ħaddiema barranin u anke Maltin, flimkien ma' kuntratti ta' xogħol b'kundizzjonijiet xejn tajbin huma ukoll oqsma li f'dan iż-żmien ta' sfida jistgħu jikkontribwixxu għal problemi fis-saħħa mentali.

Inutli ngħidu lil ħaddiema biex jitkellmu dwar il-problema mentali li għaddejjin minnha jekk imbagħad fuq il-post tax-xogħol m'hemmx l-appoġġ neċessarju.

Le mhux minnu li d-dipressjoni hi xi ħaġa li tikkuraha billi toqgħdu ftit jiem id-dar. Inutli tgħidilhom ikunu pożittivi jew jaraw il-pożittiv, għax il-problema ta' dawn il-ħaddiema hi ferm u ferm 'il bogħod minn hekk.

Nemmnu li ċerti problemi mentali li qed jaffaċċjaw il-ħaddiema qed iseħħu minħabba dak li qed jiġri f'xi postijiet tax-xogħol. Nemmnu li s-sidien ta' postijiet ta' postijeit tax-xogħol għandhom ikunu huma li jaraw li l-postijiet tax-xogħol ma joħolqux problemi ta' saħħa mentali u mhux nitfgħu l-piż fuq il-ħaddiem. Nibdew nitrattaw il-problema, meta nkunu nafu eżattament din il-problema kemm hi mifruxa f'pajjiżna.

Sakemm niddeċiedu li xi ħadd jagħmel dan, se jibqa' jkollna persuni li jibdew ibatu minn mard mentali u dipressjoni, bil-piż li dan kollu jġib.



JULIA FARRUGIA PORTELLI
Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja

## Għall-ġid tal-persuni bl-awtiżmu u aktar

Ninsabu fil-bidu tax-xahar ta' April, bil-Ġnus Magħquda tiddikjarah bħala x-xahar internazzjonali tal-awtiżmu. Xahar li fejn jirrigwarda lil pajjiżna u l-awtiżmu huwa ffukat fuq proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Awtiżmu għas-snin 2021 – 2030. Strateġija bit-tema "Nirrispettaw id-Diversità – Inħarsu l-Ugwaljanza". Proċess li nedejnih nhar it-Tlieta li għadda u li se jdum miftuħ sat-Tlieta, 20 ta' April.

Id-dokument dwar din listrateġija nazzjonali li nedejna għall-konsultazzjoni minnu nnifsu huwa diġà riżultat ta' proċess konsultattiv wiesgħa. Riżultat ta' ħidma sfiqa li l-bidu tagħha jmur lura għall-2018 bit-twaqqif tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu taħt it-tmexxija taċ-Chairman tiegħu Alistair de Gaetano. Nieħu din l-opportunità biex nerġa' nirringrazzjahom pubblikament għal ħidmiethom.

Meta tifli dan id-dokument u tara x'isir f'pajjiżi oħrajn dwar l-awtiżmu b'sodisfazzjon tgħid li l-istrateġija proposta min-naħa ta' pajjiżna hi unika. Unika għax ma tħarisx biss lejn l-aspett mediku talawtiżmu. Ma tħarisx biss lejn l-adulti jew lejn it-tfal biss milqutin mill-awtiżmu.

L-istrateġija tagħna tkopri "mill-benniena sal-qabar". Tkopri lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, mit-twelid sal-mewt tal-persuna, tkun xi tkun l-età tagħha. Tkopri anke l-fenomenu tal-awtiżmu u l-anzjanità, fenomenu li ħafna pajjiżi kemm kemm imissuh minkejja li huwa realtà koperta wkoll mir-riċerka. L-istrateġija tagħna tħares lejn il-persuna u lejn il-bżonnijiet tagħha. Tagħmel dan għax il-prinċipju bażilari tagħha hu t-twemmin profond tagħna li l-persuna bl-awtiżmu hija membru tas-soċjetà daqs kull persuna oħra. Bl-istess drittijiet bħal u daqs ħaddieħor.

Strateġija li tara kif dawn id-drittijiet, huma x'inhuma u huma f'liema qasam tal-ħajja huma, jiġu rispettati. Strateġija li tkompli ssaħħaħ il-prinċipji tal-inklużjoni u l-kwalità tal-ħajja. Strateġija li ssaħħaħna fid-determinazzjoni tagħna li ħadd ma jitħalla jaqa' lura.

U dan jeħodni għat-tema li l-Ġnus Magħquda għażlet għal dan ix-xahar internazzjonali dwar l-awtiżmu: "L-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol". Tema li tinkwadra perfettament fl-istrateġija tagħna. Tema li nsibuha trattata f'Kapitlu 4 tal-istrateġija tagħna li jitratta "Ix-xogħol u l-persuni bl-awtiżmu".

Apparti hekk wieħed irid jikkonsidra x-xogħol kollu li diġà sar, il-miżuri kollha li daħħalna bħala Gvern favur l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà, hi x'inhi d-diżabbiltà, fid-dinja tax-xogħol. Miżuri li jitrattaw iż-żewġ naħat talmunita, miżuri ta' għajnuna lill-persuna b'diżabbiltà u miżuri lil min iħaddem bil-għan li jkun inkuraġġat iħaddem persuni b'diżabbiltà. Ħsibna wkoll biex tkun tassattiva li dan isir u jekk le allura jkun hemm kumpens finanzjarju, finanzi li jintużaw f'taħriġ lil persuni b'diżabbiltà biex jgħinhom jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Nistieden u nappella għal rispons għallproċess ta' konsultazzjoni għax dan jista' jkun ifisser tisħiħ tal-istrateġija proposta.

Fil-jiem li għaddew ukoll, flimkien mal-kollega Segretarju Parlamentari Clifton Grima u mal-President ta' Special Olympics Malta Lydia Abela, kelli s-sodisfazzjon nippresiedi fuq iffirmar ta' ftehim ġdid bejn SportMalta u Special Olympics Malta li permezz tiegħu SportMalta se tgħaddi €420,000 lil Special Olympics Malta fuq perjodu ta' tliet snin. Somma rekord paragunata ma' €100,000 li kienu jingħataw kull sena.

Is-sena li ġejja, 2022 se tkun speċjali għal dan il-qasam. Pajjiżna se jkun qed jospità l-avveniment internazzjonali tal-Olimpjadi Speċjali. Dan huwa sinifikattiv ħafna għax juri li pajjiżna, minkejja ċ-ċokon tiegħu, qiegħed ikun rikonoxxut u apprezzat għallmod li bih jaħdem u jagħmel dak kollu possibbli biex il-persuni b'diżabbiltà jħossuhom integrati fis-soċjetà, inkluż fil-qasam sportiv.

Avveniment li l-protagonisti jkunu atleti b'diżabbiltà. Dawn l-atleti, fosthom l-atleti tagħna, se juru li huma wkoll għandhom rwol importanti x'jagħmlu biex tirrenja l-għaqda u l-imħabba fost il-ġnus. L-avvenimenti sportivi huma strumentali biex jissaħħu valuri bħal dawn.

Awguri u ringrazzjament mill-qalb lill-atleti, lill-familji tagħhom u lid-diriġenti ta' Special Olympics Malta għal ħidmiethom.

### L-Għid it-tajjeb

Nawgura l-Għid it-Tajjeb lill-Editur, staff tal-ġurnal, lill-qarrejja u lill-familji tagħhom u tagħkom l-Għid it-Tajjeb filwaqt li ningħaqad mal-appelli tal-awtoritajiet tas-saħħa għall-osservanza tal-istruzzjonijiet tagħhom biex inkomplu nikkumbattu l-pandemija Covid-19.

# MARZU: XAHAR TA' KISBIET BLA WAQFIEN



EDWARD ZAMMIT LEWIS
Ministru għall-Gustizzja, l-Ugwaljanza, u l-Governanza

Illum qed niċċelebraw festa li hija għal qalbna l-Maltin u l-Għawdxin, l-Għid il-Kbir. Filwaqt li nawguralkom il-festa t-tajba, infakkarkom li dawn iċ-ċirkostanzi huma temporanji, dan iż-żmien se jgħaddi wkoll u għad jerġa' jiġi żmien fejn inkunu nistgħu ningħaqdu mal-familji u l-ħbieb tagħna u niċċelebraw il-festa tal-Għid flimkien.

Proprju llum huwa wkoll l-ewwel Ħadd tar-raba' xahar tas-sena, ix-xahar ta' April. Nixtieq nieħu l-opportunità biex nagħti rendikont tal-kisbiet ewlenin li l-Ministeru mmexxi minni, il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza kiseb tul ix-xahar ta' Marzu.

### 3 ta' Marzu: Proġett https://notarialacts.gov.mt

Il-proġett https://notarialacts.gov.mt huwa parti minn politika aktar wiesgħa ta' diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja tagħna. Permezz ta' dan qed inkomplu nagħtu l-għodda biex iċ-ċittadin jinqeda mill-kumdità ta' daru stess. Dan kollu qed iwassal sabiex il-ġustizzja ssir aktar aċċessibbli u effiċjenti għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Dan il-proġett beda jiġi implimentat f'Ġunju tas-sena 2020 u jinvolvi l-iskannjar u l-elenkar ta' kuntratti u testmenti online. Bosta klijenti u Nutara issa għandhom il-faċilità li jordnaw kuntratt online. Fil-fatt l-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern qed jirċievi madwar 140 ordni għal kuntratti u testmenti kuljum, liema ordnijiet imbagħad jiġu kkatalogati u mqiegħda online. Meta din is-sistema ġiet imnedija f'Ġunju 2020, kien hemm total ta' 'l fuq minn 23,000 ordni. L-ordnijiet kollha tlestew b'suċċess u tqiegħdu online. Mill-introduzzjoni tas-sistema dan l-uffiċċju esperjenza tnaqqis sostanzjali tan-nies li attwalment iżuru l-arkivji fiżikament biex jinqdew. Minn Ġunju 2020 sallum ġew ipproċessati l-volumi kollha tal-2016 u l-2017 tan-Nutara kollha f'Malta. Issa jinsabu fil-proċess li jiġu kkatalogati u mqiegħda online.

Marbut ma' dan l-uffiċċju, jinsab fl-aħħar stadju tiegħu biex issir liġi l-Abbozz Numru 114. Liema abbozz fost oħrajn jipprovdi qafas legali sod biex jintużaw metodi ġodda u moderni ta' digitalizzazzjoni f'dan id-Dipartiment.

### 8 ta' Marzu: Lejn Rappreżentanza Ugwali fil-Parlament

Fil-Jum iddedikat għall-Mara, kelli l-privileġġ li bħala raġel nindirizza konferenza stampa intitolata; "Lejn Rappreżentanza Ugwali", flimkien ma' mart il-Prim Ministru Dr Lydia Abela u Prof. Carmen Sammut. Din l-Konferenza elenkat l-impotanza tal-mara fis-soċjetà Maltija partikolarment l-irwol tal-mara f'pożizzjonijiet tat-tmexxija u ż-żieda tal-inugwaljanza fil-konfront tal-mara fi żmien il-pandemija. Il-Gvern Laburista verament jemmen fin-Nisa u dan dejjem jurih bil-fatti, se jkompli jagħmel dan permezz tal-Abbozz 119, liema abbozz se jwassal biex jintlaħaq bilanċ bejn is-sessi saħansitra fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż – il-Parlament ta' Malta.

### 9 ta' Marzu: Assi li ġejjin mill-kriminalità

Dan huwa proġett ambizzjuż b'investiment ta' żewġ miljuni u nofs li għandu jgħin fil-ġestjoni t'assi konfiskati. Dan il-proġett huwa xhieda tal-impenn tal-Gvern li jinvesti b'mod konkret fil-qasam tal-Ġustizzja u fil-għlieda tiegħu kontra il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus.

Dan il-proġett jorbot mal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Att V tas-sena 2021), liema Att jirrikonoxxi l-Asset Recovery Bureau, f'qafas legali aħjar. Wieħed qiegħed jagħti l-istess Uffiċċju aktar locus standi kull meta huwa jieħu ċertu deċiżjonijiet – bħalma huma t-teħid tal-assi u l-propjetà. Liema Att iddaħħal fis-seħħ nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021. Dan il-qafas legali ġdid se jsaħħaħ id il-Gvern, il-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u entitajiet oħra fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus.

### 26 ta' Marzu: Ħabbart emenda li tiżgura li l-ebda annimal ma jitħalla ma' persuni li jaħqruhom

Għalaqna ix-xahar bit-tħabbira tal-emenda fl-Att dwar it-Trattament tal-Annimali. Dan kompla juri kemm dan huwa Gvern b'ruħ soċjali li bil-provi dejjem juri li huwa jibqa' kommess li jgħin lill-batut u lil dawk li m'għandhomx vuċi biex jitkellmu għalijhom infushom fosthom l-annimali. Din l-emenda qed tiżgura l-drittijiet tal-annimali jiġu mħarsa u mħarsa b'mod xieraq. Din l-emenda li se titressaq quddiem il-Parlament turi kemm dan huwa Gvern li jieħu l-inizjattiva u jimplimenta suġġerimenti li jsiru lilu mill-Qrati tal-Ġustizzja.

### Il-ħidma tkompli

Din il-ġimgħa wkoll irnexxielna ngħaddu mill-istadju tal-Kumitat tal-Abbozzi fil-Parlament, żewġ abbozzi importanti. Wieħed li jagħti aktar drittijiet lill-vittmi tal-kriminalità u l-ieħor li jirregola aħjar il-professjoni legali, abbozz ieħor li bħala Ministru ħdimt fuqu anke in vista tax-xogħol tal-Gvern dwar il-Moneyval.

Inħares 'il quddiem għal xahar ieħor impenjattiv fejn l-għan aħħari dejjem jibqa' li nisimgħu u nħossu l-polz tal-poplu biex flimkien ma' sħabi nkomplu nimplimentaw u nressqu riformi li jaċċertaw li l-poplu Malti u Għawdxi jgħix f'soċjetà xierqa u denja.



# INVESTIMENT TA' €10.4 MILJUN FIL-VALLETTA DESIGN CLUSTER

## – Il-Ministru Josè Herrera






Il-Biċċerija l-Antika fil-Belt Valletta ngħatat ħajja ġdida b'investiment ta' €10.4 miljun, hekk kif issa se sservi bħala l-Valletta Design Cluster. Din il-ġimgħa, il-Prim Ministru Robert Abela inawgura dan l-ispazju kreattiv u kulturali ġdid fil-Belt Valletta, taħt il-kappa tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, fi ħdan il-Ministeru tiegħi.

Dan il-proġett huwa wieħed minn numru ta' proġetti li jżommu ħaj il-legat tal-Valletta 18, proġetti li mhux biss taw dimensjoni ġdida u aktar wiesgħa lill-kultura f'pajjiżna iżda li wkoll ħallew impatt fuq il-Belt Valletta.















Il-Valletta Design Cluster huwa prova oħra ċara ta' kif dan il-Gvern qed ikompli jinvesti fil-kreattivi u fl-artisti lokali, għaliex dan l-ispazju huwa maħsub biex ikun id-dar ta' kull kreattiv u kull organizzazzjoni li jixtiequ jħallu impatt soċjali pożittiv fuq il-komunità.

Sa mill-bidu nett ta' dan il-proġett sħaqt li l-komunità Beltija għandha tħossa parti mir-riġenerazzjoni ta' din ż-żona li kien ilha għexieren ta' snin ma tingħata nifs ġdid u li r-riġenerazzjoni m'għandhiex tieqaf biss sal-binja. Għaldaqstant huwa ta' pjaċir għalija nara kif numru ta' għaqdiet volontarji Beltin se jkunu qed jibbenefikaw minn dan il-proġett permezz ta' użu ta' spazji ġodda li nħolqu.

Dan il-proġett joħloq opportunitajiet ġodda għall-persuni kreattivi fil-qasam tad-disinn, li se jkunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom u jilħqu livelli ġodda. Dawk kollha li se jkunu qed jissieħbu mal-Cluster jistgħu jagħmlu użu mill-għodda, makkinarju, u l-ispazji ta' ġo fih, biex jaqsmu l-għarfien tagħhom u jimxu 'l quddiem.

Dawn il-facilitajiet se jkunu qed jgħinu studenti, professjonisti, organizzazzjonijiet fl-oqsma relatati mad-disinn, kif ukoll għaqdiet Beltin, biex jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom. Il-faċilità se tkun aċċessibbli għal kull min jixtieq jaqsam l-għarfien tiegħu ma' komunitajiet, residenti u ħaddiema fiż-żona tal-Biċċerija l-Antika, disinjaturi u artisti, imprendituri u studenti.

Permezz ta' dan il-proġett, mhux biss inħoloq kunċett ġdid għal Malta, iżda ġiet riġenerata żona oħra tal-Belt Valletta għall-komunità. Il-Biċċerija l-Antika fil-fatt, li kienet sfat mitluqa għal aktar minn 50 sena, ġiet irrestawrata, grazzi wkoll għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali.

F'aktar minn 3,212-il metru kwadru, il-Valletta Design Cluster joffri 15-il studjow; tagħmir u makkinarju għall-ħolqien ta' diversi prototipi; laboratorji għal proġetti internazzjonali; sala tal-konferenzi; u kċina mgħammra professjonalment b'disa' stazzjonijiet għat-taħriġ, fost l-oħrajn.

Il-Valletta Design Cluster qed joffri kunċett ieħor uniku permezz ta' ġnien pubbliku mifrux fuq il-bejt kollu ta'





din il-binja u jista' jitgawda mill-komunità Beltija u l-pubbliku ġenerali . Dan il-ġnien hu l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu, u jinkludi kamra għall-laqgħat, żewġ spazji multi-funzjonali, postijiet fejn jistgħu jinġabru gruppi żgħar, u diversi siġar u arbuxxelli, li l-maġġoranza tagħhom huma endemiċi, fost l-oħrajn.

Il-Valletta Design Cluster se jkun il-post fejn in-nies – u l-ideat – jiltaqgħu. Dan il-post huwa legat ta' Valletta 2018, Kapitali Ewropea tal-Kultura, u jibni fuq il-wegħda li titnaqqas il-qasma bejn in-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel tal-Belt Valletta, biex din tinbidel f'ċentru ta' eċċellenza.

Il-ftuħ ta' dan l-ispazju uniku għall-artisti u kreattivi f'Malta qed iseħħ fi żmien partikolarment iebes għas-settur u għas-soċjetà kollha, u juri biċ-ċar li għall-Gvern, l-arti u l-kultura jibqgħu ta' importanza kbira.

Meta nara dan kollhu madwari ma nistax ma nħarisx lejn il-ġejjieni b'ottimiżmu, ottimiżmu li permezz tiegħu se nkomplu naħdmu biex ngħaqdu l-prattiċi kreattivi u kulturali mal-komunità u l-intrapriża biex noħolqu mpatt soċjali pożittiv dejjem akbar għal dan pajjiżna li tant inħobbu.






# IS-SUWIĊIDJU – INSIBU SOLLIEV F'XULXIN



**OLIVER NICHOLAS DE GAETANO**
Kandidat Laburista u Osservatur ta' ġrajjiet kurrenti

Irridu nammettu li meta wieħed jisma' l-kelma 'suwiċidju', bħal donnu jinħasad minnufih. Ejja ngħiduha kif inhi, li persuna tasal ittemm ħajjitha ħafna drabi b'mezzi ħorox immens ma hija ħaġa pożittiva xejn, biss tajjeb li nammettu li tali suġġett għadu wisq jitqies bħala tabù f'pajjiżna u forsi din hija r-raġuni għalfejn ħafna persuni li jgħaddulhom ħsibijiet ta' din ix-xorta minn moħħhom jiddejqu jiftħu qalbhom.

## Ir-rati ta' suwiċidju f'pajjiżna

Mhux kollox huwa dlam, speċjalment fid-dawl tal-fatt li r-rati ta' suwiċidi f'pajjiżna mhumiex għoljin daqs dawk f'pajjiżi oħra Ewropej, probabbli grazzi għall-fatt li meta wieħed jikkompara l-istil ta' ħajja lokali ma' dak ta' pajjiżi oħrajn, ir-ritmu li bih timxi l-ħajja hawnhekk huwa wieħed inqas mgħaġġel u l-istandard tal-għajxien tagħna hu pjuttost tajjeb. Biss, dan ma jfissirx li rridu nkunu kompjaċenti, speċjalment meta nikkunsidraw li tul dawn l-aħħar snin ir-rati ta' suwiċidji f'pajjiżna żdiedu. Nemmen li l-ewwel u qabel kollox, tajjeb li wieħed ipoġġi bilqiegħda madwar mejda u jipprova jidentifika x'qiegħed iwassal għal dan il-fattur.

Nemmen li l-punt tat-tluq f'dan ir-rigward għandu jorbot mal-fatt li l-ħajja ta' kulħadd għandha valur indaqs. M'hawn ħadd taħt il-kappa tax-xemx li għandu għalxiex iħossu superjuri jew inferjuri għal ħaddieħor, u għaldaqstant ħadd ma jista' jitqies bħala falliment. Kull meta tintilef ħajja ta' persuna minħabba s-suwiċidju, din hija telfa mhux biss għall-għeżież tagħha, iżda għalina lkoll li nifformaw parti mis-soċjetà fl-intier tagħha. L-ewwel mistoqsija li tgħaddi minn moħħna meta xi ħadd itemm ħajtu b'idu hija "jien stajt għamilt xi ħaġa?". Għalhekk tajjeb li r-raġunament tagħna jkun dejjem li l-prevenzjoni hija aħjar mill-kura, partikolarment f'sitwazzjonijiet bħal dawn, għax jekk persuna tkun mietet żgur ma tistax iġġibha lura.

## Il-Jum Dinji għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidju

Il-ġurnata li fiha niftakru f'dawk il-persuni kollha li wettqu suwiċidju hija l-10 ta' Settembru. Tajjeb li ngħidu li f'din il-ġurnata mhux biss insellmu lill-vittmi kollha tas-suwiċidju madwar id-dinja, iżda l-awtoritajiet ikkonċernati jippruvaw iqajmu kemm jista' jkun kuxjenza fuq dan is-suġġett tant jaħraq u li ħafna persuni għadhom sal-lum iqisuh bħala tabù. Jien m'għandix dubju li l-isforzi li qed isiru fuq skala globali sabiex tinħoloq kuxjenza dwar dan is-suġġett, qegħdin tabilħaqq iħallu l-frott tagħhom. Biss tajjeb ukoll li wieħed jifhem li għad hemm ħafna xogħol xi jsir, speċjlament meta wieħed jikkunsidra l-fatt li skont statistika riċenti tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, kull sena mat-tmien mitt elf (800,000) ruħ ineħħu ħajjithom b'idejhom, u li għal kull suwiċidju wieħed li jseħħ, hemm madwar għoxrin persuna oħra li jkunu qegħdin jippruvaw itemmu ħajjithom.

## X'inhu jsir fuq livell lokali?

F'pajjiżna, minn tnejn sa erba' persuni fix-xahar iwettqu suwiċidju. Fis-sena 2019, f'pajjiżna twaqqfet fondazzjoni bl-isem ta' 'Sokkors Fil-Pront'. Din hija intiża sabiex tagħti l-għajnuna li dawk l-individwi li jkunu għaddejjin minn żminijiet tant diffiċli li jaslu jikkontemplaw is-suwiċidju. Barra minn hekk, din il-fondazzjoni għandha wkoll l-inkarigu li tagħti l-għajnuna lill-qraba tal-vittmi tas-suwiċidju. Fost affarijiet oħra, din l-għaqda tħeġġeġ lin-nies biex jissieħbu fl-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidju sabiex dejjem jitgħallmu iżjed dwar dan is-suġġett delikat u fuq kollox jifhmu li s-suwiċidju qatt ma hu soluzzjoni. Għal dan il-għan twaqqfet linja telefonika bin-numru 99339966 li wieħed jista' jagħmel użu minnha fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata sabiex ifittex l-għajnuna qabel ma jkun tard wisq. Reċentement ġiet ukoll varata app bl-isem ta' 'Kriżi', li wieħed jista' jinstalla fuq il-mobajl tiegħu biex jirrikorri għall-għajnuna meta jħoss il-bżonn.

## Il-pandemija ma għenitx

Fi żmien il-pandemija, waħda mill-miżuri li wieħed irid isegwi sabiex il-vajrus ma jkomplix jinfirex hija l-obbligu li wieħed iżomm id-distanza soċjali. Ħafna drabi, fattur ewlieni li jwassal għas-suwiċidju hu s-solitudni. Għaldaqstant, kif wieħed jista' jistenna, ir-rati ta' suwiċidji madwar id-dinja tul din l-aħħar sena żdiedu ferm. Afferma dan il-President tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidju, is-Sur Murat Khan, fejn tenna li l-COVID-19 kellu impatt sinifikanti fuq ir-rata ta' suwiċidji mad-dinja kollha. Malta ma kinitx eċċezzjoni. Fil-fatt, il-'Crisis Resolution Malta' stqarret li tul il-perijodu tal-imxija kienet qiegħda tirċievi telefonati għall-għajnuna prattikament kull kwarta. Għaqdiet bħall-'Crisis Resolution Malta' kif ukoll l-Aġenzija Sapport qegħdin hemm biex jassiguraw li kull min jikkontempla s-suwiċidju jkun jista' jfittex u jsib l-għajnuna. L-għajnuna offruta hija bbażata fuq tliet binarji ewlenin li huma: il-prevenzjoni tas-suwiċidju, il-provvediment ta' trattament akut, u fuq kollox terapija għal dawk li jkunu ħelsuha ħafif minn ħalq is-suwiċidju. Kienet proprju 'Crisis Resolution Malta' li nediet il-kampanja "Oqtol il-Biża' Qabel ma l-Biża' Toqtol Lilek".




## Kif tinduna li xi ħadd jeħtieġ l-għajnuna?

Għalkemm mhux dejjem faċli li wieħed jintebaħ li ħaddieħor jeħtieġ l-għajnuna, hemm ċerti tendenzi li wieħed jista' jinnota f'persuna oħra li permezz tagħhom jinduna li jista' jgħin lil għajru. Fost dawn it-tendenzi wieħed isib is-sitwazzjoni fejn persuna li s-soltu kienet tant iżżomm ruħha issa qiegħda tittraskura lilha nnifisha. Sintomu ieħor li permezz tiegħu tista' tinduna li xi ħadd bżonn l-għajnuna hu meta dan qiegħed kull ma jmur jinqata' għalih. Il-midja soċjali wkoll hija mezz li permezz tagħha tista' tinduna li persuna taf teħtieġ l-għajnuna. Meta jkun hemm persuna li s-soltu tagħmel użu kontinwu mill-midja soċjali u minnufih tieqaf tagħmel hekk, dan jista' jkun indikatur li tali persuna għandha bżonn l-għajnuna.

## X'nista' nagħmel?

Xi kultant il-ħajja mgħaġġla li ngħixu fiha mhux dejjem tagħtina ċ-ċans li nkunu sensittivi biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-oħrajn, u qajla nintebħu li waqt li aħna nkunu għaddejjin bil-ħajja tagħna ta' kuljum ikun hemm min qiegħed ibati fis-silenzju.

Jien nemmen li l-indifferenza fiha nnifisha hija saħansitra agħar mill-mibegħda. Fil-verità meta wieħed iqis il-fatturi u l-għajnuna kollha disponibbli llum il-ġurnata, mhuwiex daqstant diffiċli sabiex inkunu katalisti tal-bidla fil-ħajja ta' persuna oħra u nsalvawha. Fuq kollox, nemmen li lkoll bħala bnedmin għandna obbligu morali kif ukoll soċjali sabiex jekk nintebħu li hemm persuna li għaddejja minn żmien iebes, naraw din x'għandha bżonn. Xi kultant l-inqas ħaġa li nistgħu nagħmlu hi li nagħtu l-ħin tagħna lill-persuna kkonċernata billi nisimgħuha, u tiskanta kemm din tibda tħossha aħjar.

Qabel nagħlaq nixtieq infakkar lil kull wieħed u waħda minnkom li l-fatt li xi ħadd ifittex l-għajnuna, bl-ebda mod ma għandu dan jiġi interpretat bħala xi forma ta' dgħjufija. Għall-kuntrarju, li tfittex l-għajnuna hija xi ħaġa ta' min jammiraha. Il-moħħ huwa parti minn ġisimna, u bħal kull parti oħra tal-ġisem irridu nagħtuh l-attenzjoni neċessarja meta jkun hemm bżonn. Kuraġġ!

# WE'RE MOVING TO MARSA

## Passport Office
05 APR 2021

## Public Registry
MOVED TO MARSA

Timeline of move:

1. Public Registry is now operating from our new premises in Marsa.
2. Passport Office will start operating from the new Marsa premises on **Monday 5th** April.
   In case of emergency call **7947 3656.**




Our new Marsa premises can also be reached by buses, both North-bound and South-bound. These are all the numbers:

BUS STOP
Marsa
Moro

NORTH-BOUND

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 71 | 72 | 73 | 81 |
| 82 | 83 | 91 | 92 | 93 | 94 | 210 | 213 |

SOUTH-BOUND

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 71 | 72 | 73 | 80 |
| 81 | 82 | 83 | 84 | 85 | 88 | 90 | 91 |
| 92 | 93 | 94 | 120 | 121 | 204 | 206 | 210 |
| 213 | 226 | N71 | N91 | | | | |

**Identity Malta Agency**,
Onda Building, Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9065, MALTA
(entrance from the back)

**Google Maps coordinates:**
35°52'31.6"N 14°29'46.4"E

IDENTITY MALTA

www.identitymalta.com

# IL-"COMMUNE" FRANĊIŻ

**SALVU FENECH**
vinufen@gmail.com

Ma naħsibx li hemm fl-ilsien Malti kelma li tfisser sew x'inhu "la commune francaise" U lanqas bl-Ingliż u għalhekk ser nibqa' nikteb il-kelma Commune. Fil-qosor il-Commune huwa gvern imwaqqaf mill-poplu għall-poplu. Il-Commune ma jgħarafx ħlief klassi waħda dik tal-ħaddiema. Jispiċċaw in-nobbli, il-klassi tas-sinjuri u l-ġid tal-pajjiż jinqasam bejn kulħadd. Jkun hemm ugwaljanza bejn is-sessi, kull wieħed jagħti sehmu lill-Istat u jieħu lura dak li jisthoqq lil kulħadd.

L-ewwel Commune twieled fost gwerra bejn Franza u Prussja li iġġieldu biex jieħdu t-tmexxija ta' l-Ewropa taħt idejhom. Din is-sena jaħbat l-150 sena anniversarju mit-twelid ta' l-ewwel Commune

## GWERRA BEJN FRANZA U L-PRUSSJA

F'nofs is-seklu dsatax l-Imperu Franċiż, immexxi mill-Imperatur Napuljun Bonaparti II, kien jikkmanda fuq kull pajjiż ta' l-Ewropa minbarra ir-Renju Unit. L-Imperu Awstrijakk kien iddgħajjef ħafna wara li t-tmexxija ta' stati Ġermaniżi għaddiet f'idejn il-Prussja. Il-Prussja kellu bħala sovran il-Prinċep William 1 u bħala amministratur lil Otto van Bismarch. Otto kellu viżjoni ċara li l-Prussja tmexxi stat ġdid, il-Ġermanja.

Franza ma ħaditx gost fl-iżvilupp ta' pajjiż żgħira bħal Prussja li tkejjel ruħha bħala pajjiż kbir u influwenti u riedet isib mod kif iċċanfar sew lill-Prussja. L-opportunità waslet dwar min kellu jimla' l-post vaakant ta' Re ta' Spanja. Franza riedet prinċep iżda l-Prussja għażlet persuna oħra. Franza wissiet lill-Prussja biex taċċetta dak li ipproponiet hi, il-Prussja ma aċċettax u Franza iddikjarat gwerra fl-19 ta' Lulju 1870.

L-Imperatur Bonaparte ħaseb li għad għandu l-armata li kellu nannuh Napuljun Bonaparte iżda l-fatti kienu xorta oħra. L-armata Franċiża kienet maqsuma f'diversi gruppi; l-aħjar suldati kienu jiġġieldu fil-kolonji Afrikani inkluż fl-Alġerija.

Il-bqija tal-armata Franċiża kienet tinsab f'diversi partijiet ta' Franza u nieqsa mit-taħriġ tal-ġlied. It-ftaħir ta' l-Impertur Bonaparti li s-suldati Franċiżi kienet lesta għal gwerra daqs il-buttuni ta' l-uniformi tagħhom kienu għal kollox 'il-bogħod mill-verità.

Minn naħa l-oħra l-armata tal-Prussja immexxija mill-general von Motlke addatt sistema kif tagħmel l-armata iktar flessibli, iġorr s-suldati u l-armamenti b'ħeffa kbira minn post għal ieħor. Din is-sistema, magħruf bil-Ġermaniż bħala 'blitz krieg', intużat b'suċċess mill-Ġermanja fiż-żewġ gwerer mondjali.

B'hekk l-armata tal-Prussja għelbet l-armata Franċiża imexxija mill-Ġeneral MacMahon u wara l-armata l-oħra Franċiża immexija mill-Imperatur Bonaparti ġiet megħluba mill-armata tal-Prussja fil-belt ta' Sedan fit-2 ta' Settembru 1870.

L-Imperatur Bonaparti inqabad priġunier u b'hekk spiċċa l-imperu Franċiż. Franza kellha bidu għat-tielet Stat Repubblikan. Gvern proviżorju taħt it-tmexxija ta' Adolphe Thiers ħa f'idejh it-tmexxija tal-gvern. Il-Prussja assedjat il-belt ta' Pariġi; dan l-assedju kien tant strett u organizzat tajjeb ħafna li ma ħalla lil ħadd joħroġ jew jidħol fil-belt. Lanqas materjal, ikel jew xorb ma seta' jidħol f'Pariġi. Il-ġlied bejn Franza u l-Prussja kompla; iżda t-tielet armata Franċiża imexxija mill-ġeneral Bazaine ċediet fil-belt ta' Met f'27 ta' Ottubru u fl-aħħar l-belt ta' Pariġi bi truppi ta' l-armata u membri ta' gwardja ċivili ċedew f'28 ta' Jannar 1871.


HISTOIRE
DE LA
RÉVOLUTION DU 18 MARS
PAR
PAUL LANJALLEY ET PAUL CORRIEZ
PARIS
LIBRAIRIE INTERNATIONALE
A. LACROIX, VERBOECKHOVEN ET Cie, ÉDITEURS
15, boulevard Montmartre et faubourg Montmartre, 13
MÊME MAISON A BRUXELLES, A LEIPZIG ET A LIVOURNE
1871
TOUS DROITS DE REPRODUCTION ET DE TRADUCTION RÉSERVÉS

## TWAQQIF TAL-COMMUNE

L-assedju tal-belt ta' Pariġi beda jkollu effett aħrax fuq il-poplu; beda in-nuqass ta' ikel; il-midrubin tal-gwerra ma kellhomx l-kura neċessarja u minbarra l-ħsarat u twaqqiegħ tal-bini n-nies kienu bil-kenn fix-xhur kesħin ta' xitwa. Il-gwardji taċ-ċivil ma kellhom l-ebda tagħrif x'qed jiġri bejn il-gvern proviżorju u l-gvern tal-Prussja. Huma


HISTOIRE

DE LA

RÉVOLUTION DU 18 MARS

PRÉLIMINAIRES

Avant de commencer le récit des événements survenus à Paris à la suite de l'insurrection du 18 mars, il est nécessaire de rappeler d'une façon sommaire quel était à leur début l'état moral de la population de cette grande cité. En nous faisant discerner les vraies causes des événements ultérieurs, ce rapide examen rétrospectif nous permettra d'en apprécier plus justement les conséquences.

On ne subit pas, sans en ressentir de profondes et durables impressions, le régime de privations de toutes natures auquel les Parisiens eurent le courage de s'astreindre pendant cinq mois. Les atroces souffrances physiques et morales qu'ils endurèrent produisirent une extrême irritation des esprits, qui fut encore accrue par la convention du 28 janvier, terminaison douloureuse autant qu'inattendue d'un siége de quatre mois et demi.

tilfu is-sabar kollu meta saru jafu li, minbarra l-ħlas ta' indemnità, l-Prussja riedet li Franza iċċedilha l-provinċja ta' Alsasce u dik ta' Lorraine iż-żewġ provinċji jinsabu fil-Grigal ta' Franza u li l-gvern proviżorju kien lest li jaċċetta t-talbiet tal-Prussja.

Il-gwardja ċivili rebħu l-elezzjoni muniċipali ta' Pariġi iżda il-gvern proviżorju iddeċieda li jżarma l-gwardji ċivili li qamu kontra il-gvern proviżorju. Huma iffurmaw barrikati fit-triqat prinċipali u madwar l-għolja ta' Montmrtre li serviet bħala ċentru tar-rivolta u tal-Commune.

Il-programm tal-Commune kien gvern tal-poplu għall-poplu, ma hemmx ħlief klssi waħda, jispiċċaw il-klassi ta' nobbli', tas-sinjuri u tal-klassijiet privileġġjati; jingħata vot lil nisa; ikun hemm ġurnata xogħol ta' 10 sigħat kuljum u jispiċċa x-xogħol bil-lejl; jittieħdu l-postijiijiet vakanti u jingħataw lil dawk li ma kellhom fejn joqogħdu. Kien tassew programm soċjali u progressiv li sa' dak iż-żmien qatt ma kien tfassal għall-poplu lanqas fiż-żmenijiet rivoluzzjonarji tas-seklu tmintax.

Il-gvern proviżorju organizza l-armata biex tkisser il-gvern immexi mill-Commune li beda imexxi fitt-18 ta' Marzu sal-28 ta' Mejju 1871. Il-ġlied bejn il-membri tal-gwardi ċivili u l-gvern proviżorju kien aħrax u krudil minn naħa ta' tnejn. Il-gwardji ċivili kienu ħaddiema bħall-furnara, skrapen, ħassiela oħrajn li jaħdmu fil-biċċeriji, fi ħwienet ta' l-inbid u l-birra batew ħafna sagrifiċċji iżda ma setgħux ilaħħqu ma' l-esperjenza militari ta' suldati ta' l-armata.

Fil-bidu ta' l-Commune l-gwardja ċivili kient ħatfet żewġ ġenerali ta' l-armata Franċiża xliethom bi tradiment u xkubbetjathom. L-armata wieġbet bl-istess mod; hija ħatfet taħt idejha lil Louise Michel, il-mexxejja tan-nisa ħassiela li ġġieldu favur il-Commun u qatluha. Illum f' Pariġi hemm pjazza dedikata għall-memorja tagħha.

L-agħar ġlied seħħ flaħħar ġimgħa tal-Commun bejn l-21 u l-28 ta' Mejju 1871. L-armata bdiet bombardament qawwi kontra Hotel de Ville, u it-Tuileries l-bini amministrattiv ta' l-Commun u ġlied aħrax kontra l-gwardji ċivili. Il-Commun kellu f'idejh bħala ostaġġi l-arċisqof ta' Pariġi u 50 peruna oħra fosthom ħafna qassisin. Kollha tilfu ħajjithom.

Minn naħa ta' l-armata seħħ massakru sħiħ; 20,000 gwardi tilfu ħajjithom; madwar 38,000 ġew arrestati; ħafna minnhom sofrew miżuri iebsa u madwar 7,000 ġew eżiljati ħafna minnhom fl-Alġerija.

Hekk spiċċa l-ewwel gvern leġittimu elett mill-poplu biex joħloq kommunita soċjali li tgħix fil-paċi bħala stat sovran. Carl Marx iddeskriva dan il-Commune bħala l-ewwel eżempju bħala gvern dittatorjali tal-ħaddiema; Lenin stqarr li l-Commun dak li ħabbar ir-rivoluzzjoni ta' Ottubru 1917.

### ANNIVERSARJU U RIŻULTAT STORIKU

Illum Franza qed tfakkar l-150 anniversarju tal Commun. F'Pariġi qed jinżammu esebiti u memorjali dwar x'ġara matul il-Commune. Anne Hidalgo, is-sindku soċjalista ta' Pariġi qed tirkeb dawn l-attivitajiet biex tressaq il-kandidatura tagħha fost il-partiti ta' xellug għal elezzjoni Presidenzjali li għandha tinżamm fi Mejju 2022.

L-oppożizzjoni tal-knisja Kattolika għal Commune ġabet warajha ħolqien ta' partit radikali li kien għal kollox kontra l-indħil tal-Kattolici fil-ħajja politika tal-pajjiż. Il-partit Radikali kiber fissaħħa u fil-bidu ta' seklu għoxrin ħoloq fil-kostituzzjoni Franċiża ta' Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Repubblika l-liġi ta' liaiċità – is-seperazzjoni totali bejn il-gvern Franċiż u kull xorta ta' reliġjon.

### TIFKIRA PERSONALI

Għall-bidu ta' sittinijiet jien kont nmur nagħti titwila lil regettier li kien jinsab fi Triq l-Isqof il-belt Valetta. Dan minbarra x-xogħol tradizzjonali li jirrestawra l-għamara kellu għal bejgħ diversi kotba ta' kull natura u bi diversi lingwi. Darba ltqajt ma ktieb illegat sewwa fl-ilsien Franċiż li deher jagħti verżjoni ta' storja f'Pariġi. Billi jien kont iħobb l-istorja ta' kull ġens xtrajtu.

Dan il-ktieb kellu fih biljett ta' sid il-ktieb li kif stajt naqrah kien ta' pere (qassis bil-Franċiż) li kien joqgħod Tunis, it-Tuneżija. Dan il-ktieb kien djarju tal-Commun jum wara jum tal-Commun mit-18 ta' Marzu sal-28 ta' Mejju 1871. Il-ktieb ġie stampat bl-isem "Histoire de la Revolution du 18 Mars), f'Pariġi 1871.

Il-ktieb li huwa f'kundizzjoni tajba mhux bis jagħti stampa dettaljata x'ġara matul l-ftit ġranet tal-Commune imma. jagħti ukoll l-appelli li sejħu l-Commune l-Assembleja Nazzjonali. Ma kienx jonqos li jien qrajt il-ktieb ħafna drabi!

# Fiduċja, ottimiżmu u reżiljenza

Inqis din l-aħħar sena li għaddejna minnha, bħala prova ta' kemm din il-gżira ċkejkna f'nofs il-Mediterran, għandha sabiex tkun kburija, fuq bosta livelli. Ewlenija fosthom hija s-solidarjetà li wrejna ma' xulxin, speċjalment fl-aħħar ġranet. Flimkien kellna nissagrifikaw dak li dejjem drajna nagħmlu fi trankwilità. Qed nirreferi għal meta konna noħorġu f'postijiet tad-divertiment, xi safra, ikliet mal-familjari tagħna, flimkien ma' numru ta' passatempi oħra. Iżda l-aħħar jiem, urejna kemm bħala poplu warabna l-egoiżmu, u ngħaqadna flimkien sabiex nobdu d-direttivi mogħtija mill-awtoritajiet tas-saħħa, għax għandna fiduċja u ninsabu ottimisti għal futur aħjar minn dak li għexna fl-aħħar xhur.

## MALTA BL-OGĦLA RATA TA' VAĊĊINAZZJONI FL-EWROPA

Dawn il-festi tal-Għid xorta waħda għandna ngawduhom, bl-aqwa mod possibli, fi spazji miftuħa, filwaqt li nosservaw illi nżommu distanza soċjali. Nemmen, illi ninsabu viċin biex immoru lura fejn konna, għan-normalità li drajna ngħixu. Pajjiżna rnexxielu jibbilanċja żewġ elementi importanti ħafna, fejn ħarsina lejn is-saħħa tan-nies kif ukoll l-ekonomija. Irnexxielna ngibu forma ta' bilanċ, fejn filwaqt li salvajna l-impjiegi, anke permezz t'intervent dirett tal-Gvern, irnexxielna ma nitfgħux pressjoni żejda fuq is-servizzi mediċi tal-pajjiż.

Fejn tidħol il-vaċċinazzjoni, pajjiżna għandu l-għola rata ta' vaċċinar fl-UE kollha, u għalhekk il-bżonn li nżommu dan ir-rittmu biex ikollna dik li tissejjaħ 'herd immunity'. Diġà qbiżna n-nofs triq, fejn tlaqqmu 'l fuq minn 180,000 persuna bl-ewwel doża. Il-Gvern Malti kien wieħed bil-għaqal ħafna, meta rnexxielna nixtru l-vaċċin kull fejn sibna disponibbli, sabiex inlaqqmu numru kbir ta' persuni. Dan huwa Gvern li ma jixxaħħaħx man-nies. Pajjiżi, bħal Franza, li jinsabu fi kriżi, li għal darb'oħra kellha terġa' tidħol f'lockdown, wara li reġgħet feġġet kriżi medika, fost ħafna reġjuni Franċiżi.

## INKOMPLU NSALVAW L-IMPJIEGI

Malta tinsab fuq nett fil-lista wkoll fejn jidħlu l-programm t'assistenza għal dawk milquta mill-Covid-19. Dan il-pakkett finanzjarju ta' Malta, kien l-iktar pakkett ġeneruż fid-dinja, u dan għaliex verament nemmnu fl-investiment fin-nies ta' pajjiżna. Għalhekk, aħna Gvern tan-nies, għan-nies. Dan il-Ministeru, baqa' jħaddem il-benefiċċju għal dawk il-ġenituri li kellhom jibqgħu ma' wliedhom id-dar. Sal-bieraħ diġà tħallsu 594 familja minn fost 732 applikant li kellhom l-applikazzjoni tagħhom maħduma s'issa. Dan ifisser li 81% ta' dawk li applikaw qed jirriżultaw eleġibbli u jitħallsu.

Bil-pagament ta' tmiem din il-ġimgħa, l-ispiża se tkun telgħet għal €232,524 li meta mbagħad tgħodd il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali li se titħallsilhom ukoll, inefqa taqbeż il-€258,000.

Fl-istess waqt qed ikomplu japplikaw aktar ġenituri fejn in-numru tal-applikanti issa laħaq l-1,261. Dan ifisser li s'issa nħadmu 52% tal-applikazzjonijiet li daħlu waqt li l-kumplament qed ikomplu jinħadmu ta' kuljum sabiex kull min hu eleġibbli jirċievi l-benefiċċju malajr kemm jista' jkun.

Dan il-benefiċċju huwa mmirat li jibqa' jitħallas sal-11 t'April, iżda jista' jiġi estiż wara din il-ġurnata, f'każ li jkomplu dawn ir-restrizzjonijiet. Aħna nemmnu fil-familji tagħna, bil-fatti u mhux bil-kliem. Irridu nkomplu nwettqu ġustizzja soċjali ma' kulħadd, speċjalment ma' dawk l-iktar vulnerabbli.



Ritratt: Clodagh O'Neill (DOI)



## KUNTRAST BEJN IL-GVERN U L-OPPOŻIZZJONI

Quddiem dan kollu rridu nibqgħu reżiljenti, u ma nħallu 'l ħadd u xejn, ifixkel ir-ritmu ta' dan il-pajjiż. Qed naraw repetizzjoni ta' kull darba li meta l-Partit Nazzjonalista jkun fl-Oppożizzjoni, Malta ma teżistiex għalihom. Anzi jagħmlu minn kollox biex ikissru u jagħmlu ħsara kemm jifilħu. Din mhijiex storja mhux tal-lum, imma tmur lura għas-sebgħinijiet. Ħsara mill-Partit Nazzjonalista, ilha għaddejja mis-sebgħinijiet, meta dak iż-żmien telgħu l-Malta File, biex jagħmlu ħsara lil pajjiżna fil-Ġnus Maqgħuda. Dawn huma l-istess nies li kienu komdu b'ċertu affarijiet, fejn dejjem kien il-Prim Ministru li jappunta direttament karigi kostituzzjonali. Jien nistaqsi, meta jgħidu li kien hawn nuqqasijiet, u nsaqsi x'għamlu fi 22 sena, sabiex jinħatar Kummisarju tal-Pulizija, meta sar proċess sabiex jinħatru Mħallfin, jekk xi darba daħlux il-whistleblower's act? Il-Partit Nazzjonalista jibbrilla biss biex jagħmel ħsara barra l-pajjiż.

Kulħadd qed jirikonoxxi li l-amministrazzjoni Robert Abela, kienet iffukata li tagħmel ċertu tibdil kostituzzjonali li tant kellna bżonn bħala pajjiż. L-istituzzjonijiet qegħdin jaħdmu u għalhekk għandna nirrispettaw kull deċiżjoni li qed titieħed.

## NIBQGĦU OTTIMISTI

Dan il-Gvern se jibqa' ffukat fuq il-politika tan-nies u mhux se jinħela ma' nies li l-għan tagħhom huwa l-kilba għall-poter u xejn iktar. Se naraw li aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol, permezz tal-kunċett ta' making work pay, xi ħaġa li kienet suċċess, biex l-ekonomija tikber u tkun reżiljenti iktar. Se nibqgħu nħaddmu skemi bħat-tapering of benefits, fejn jekk persuna kienet tirregistra ma jiqafx f'daqqa l-unemployment benefit, iżda minflok jonqos fuq medda ta' 3 snin. Grazzi għal din l-iskema, 80% tal-persuni li bbenefikaw, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, baqgħu fid-dinja tax-xogħol. Infakkar li kull min qed jieħu l-parent benefit, mhux se jitlef l-assistenza tat-tapering of benefits u l-inwork benefit.

Aħna favur il-familji, aħna favur il-ġid nazzjonali ta' pajjiżna, u se nibqgħu nassistu lill-familji sakemm hemm bżonn, kif dejjem għamel tul iż-żminijiet. B'dan il-mod se nkomplu nwettqu ġustizzja socjali, għaliex aħna Gvern tan-nies u għan-nies. Gvern Laburista kien, għadu u se jibqa' l-vuċi u r-referenza ta' kull min jeħtieġ għajnuna kemm fl-immedjat u anke fittul. Nirrikonoxxu li fadal xi ntejbu, u filwaqt li se nkomplu dan, se nagħmlu aktar riformi biex Malta tibqa' fuq nett fil-mappa globali tad-dinja.


FARRUGIA
MICHAEL
IT-TABIB
VIŻJONI | ESPERJENZA | LEALTÀ
L-Għid it-Tajjeb
Happy Easter
Email: info@michaelfarrugia.com
Facebook: Tabib Michael Farrugia
Twitter: @dr_micfarr
Instagram: farrugia.michael


Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali jawgura l-Għid it-Tajjeb lill-poplu Malti u Għawdxi.
Ix-xogħol fil-komunitajiet tagħna se jkompli sabiex nibqgħu nagħtu kwalità ta' ħajja aħjar.
GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAT-TRASPORT
L-INFRASTRUTTURA U
L-PROĠETTI KAPITALI



# Tan-nies u man-nies - dejjem

JUSTYNE CARUANA
Ministru tal-Edukazzjoni




L-andament b'saħħtu ta' pajjiż demokratiku bħal tagħna, huwa mibni fuq sens ta' djalogu ġenwin bejn il-Gvern li jisma' u jagħti widen u l-imsieħba soċjali li jistgħu jitkellmu ċar għax jafu fejn qegħdin ma' dan il-Gvern. Flimkien ikollna stampa aħjar ta' dak li jkun għaddej minnu l-pajjiż u nifhmu aħjar dak li qed iħossu n-nies u għalhekk nistgħu nippjanaw u nintervjenu bil-qies u fil-pront. Hekk sar tul tmien snin ta' Gvern Laburista u wisq iktar tul il-pandemija li qalbet ta' taħt fuq il-ħajja soċjali u ekonomika tad-dinja kollha.

Fis-sitwazzjoni attwali naġixxu kontinwament b'deċiżjonijiet ibsin u kuraġġużi, ibbażati dejjem fuq fatti xjentifiċi u pariri tal-esperti. Infittxu bilanċ bejn il-ħarsien tas-saħħa u l-protezzjoni tal-għajxien, tal-impjiegi u tal-andament ekonomiku tal-familji u tal-pajjiż.

## ĊARI U ĠENWINI

Diskussjonijiet ġenwini jinbnew fuq l-esperjenzi tan-naħat kollha fi ħdan is-soċjetà u f'sezzjonijiet speċifiċi tagħha. Din għodda importanti biex il-gvern, li hu elett biex imexxi, janalizza s-sitwazzjoni u jasal għal tiġdid jew tibdil f'oqsma differenti. Irridu nindirizzaw il-bżonnijiet attwali li n-nies jgħixu ta' kuljum. Fattur indispensabbli huwa s-sens ġenwin ta' djalogu fejn kulħadd jitkellem bil-libertà kif jara l-affarijiet u l-effett ta' kull deċiżjoni.

Fl-aħħar tmien snin in-nies kollha messew b'idejhom li aħna tassew Gvern li jisma'. Għalhekk Malta u Għawdex imxew minn suċċess għall-ieħor u għalhekk afdawna darba wara l-oħra. Min jgħid mod ieħor għax ikollu aġenda oħra. Agenda bħal din hi kundannabbli fi żminijiet normali, imma issa ssir perikoluża ħafna waqt il-pandemija, meta kull min hu serju u responsabbli jaf li rridu naħdmu bħala nazzjon sħiħ, bħala Tim Malta!

## BIEB DEJJEM MIFTUĦ

L-impenn li nisimgħu u nikkonsultaw huwa l-bażi tar-riformi kbar li wettaqna mill-2013. Dan huwa Gvern li għandu mandat ċarissimu li jimplimenta l-manifest elettorali magħżul minn maġġoranzi storiċi. Imma kif qiegħed jiġri issa matul il-pandemija, dan gvern li għandu wkoll il-kuraġġ li jemenda u jtejjeb kull fejn ikun meħtieġ. Qatt ma ppretendejna li aħna perfetti, għalhekk disposti li nisimgħu kritika ġusta li titressaq fejn u kif għandha titressaq, bi proposti serji u bbażati fuq il-fatti.

Għamiltha dejjem ċara li l-bieb tiegħi dejjem miftuħ biex nisma' u nalloka ħinijiet twal biex, anki b'mod virtwali, nisma' u niddiskuti ma' kulħadd u kulfejn ikun possibbli, fil-parametri kollha tar-restruzzjonijiet, immur personalment biex nara b'għajnejja. Fis-settur tal-edukazzjoni hemm diversi stake-holders, inklużi l-edukaturi u l-LSEs, il-ġenituri, l-istudenti nfushom, l-NGOs, employers, social workers u tant nies oħra involuti. Gvern tan-nies jaħdem għan-nies u man-nies kollha li huma ġenwini f'dak li jridu jipproponu biex naħdmu aħjar għall-ġid ta' wliedna - li huma ċ-ċentru tal-ħidma kollha tal-Ministeru li mmexxi.

## BEJN KLIEM U FATTI

Appena tliet ġimgħat ilu madwar id-dinja ġie mfakkar Jum il-Mara u l-midja - anki dik lokali - kienet mimlija eloġji fuq sehem il-mara fis-soċjetà. Mill-perspettiva ta' mara, dak il-kliem kollu għandu valur ferm relattiv, għax l-ugwaljanza tal-ġeneru ma jiddependix mill-kliem sabiħ, imma mill-azzjoni u mil-fatti. Ir-retorika rħisa u faċli biex tinkiteb. L-esperjenza għallmitni kemm veramente bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti. Aħna l-Għawdxin dan ilna nafuh u dejjem għelibnih!

Għal iktar minn nofs ħajti kont involuta fil-ħajja politika u mill-bidu fhimt li kellha tkun sfida li rrid nnikumbatti u negħleb. Is-suċċess jiġi mid-determinazzjoni kontinwa li iktar ma tkun ta' prova iktar issaħħaħni. Hija l-ħidma tajba li ssib ostakoli, imma kull ostakolu li negħleb iktar naqdef 'il quddiem.

Iffaċċjajt u rbaħt fuq attakki personali u anke ġuramenti foloz anke fil-Parlament u meta ħsibt li ma fadalx fejn jaslu aktar dawk li jridu jwaqqfuni, sibt midja irresponsabbli li vvintat u xerrdet minn kollox biex toskurani. Komplew juru kemm hi tassew sfida għal mara u omm li tissokta fil-ħidma politika.

## IL-ĦIDMA TEGĦLEB KOLLOX

Ir-risposta hija aktar xogħol biex inkompli nikkonferma li l-kliem malinn u d-diċeriji foloz lili jagħtuni forza naħdem iktar u nagħraf aħjar lil min irid ifixkel. Kif għidt dwar il-kliem ħelu f'Jum il-Mara, illum ukoll. tliet ġimgħat wara, huma l-fatti li jgħoddu.

Iktar minn qatt qabel inħossni kburija li naħdem f'isem il-Gvern Laburista, Gvern tan-nies u għan-nies. U għal dan nirringrazzja lill-eluf minn kull settur tal-poplu li jkomplu japprezzaw u juru fiduċja fil-ħidma tiegħi.

L-għid it-Tajjeb lil kulħadd!

# Moviment Rivoluzzjonarju fin-Norveġja



ALFRED CONSIGLIO

Qabel l-1905, in-Norveġja kienet pajjiż vassall immexxi mill-Isvezja jew mid-Danimarka. F'Ġunju 1905 dikjarazzjoni ta' indipendenza waslet biex il-pajjiż sar indipendenti.

Henrik Wergeland (1808-1845) kien influwenzat bit-tendenzi libertarjani individwalisti; kellu ideat simili għal dawk ta' Kropotkin. Huwa ddikjara li huwa kien il-flaġell kontra t-tirannija u li fuq l-aġenda kellu ħelsien u rivoluzzjoni.

Fl-1850 Henrik Ibsen (1828-1906) uża d-dramm Catilina biex jippromwovi l-ideal anarkista b'sens ta' ġustizzja u ħelsien mingħajr vjolenza. Meta Ibsen kien mistoqsi għala kiteb Catilina, huwa wieġeb li Catilina tiegħu (mhux il-veru Catilina) kien anarkist. Wara l-waqa' tal-Komun ta' Pariġi, Ibsen kiteb fuq elementi anarkisti fid-drammi u poeżiji tiegħu. Għalkemm Ibsen ma sejjaħx lilu b'mod espliċitu bħala anarkist, il-kitba tiegħu turi ċar li huwa kien iħaddan tradizzjoni libertarjana

Marcus Thrane (1817-1890) fl-1851 iddikjara li Proudhon kien bla dubju l-akbar ġenju ta' żmienu għalkemm forsi ma fehemx lil Proudhon sew u warrab l-anarkiżmu.

Fl-1886 Arne Garborg (1851-1924) kien l-ewwel wieħed li pubblikament espriema l-punt anarkista tiegħu fil-poeżija Anarchist Song ippubblikata f'Fedraheimen (Id-Dar ta' Missirijietna). Garborg, Rasmus Steinsvik (1863-1913) u Ivar Mortenson Egnund (1857-1934) pubblikament qalu li kienu anarkisti fl-1887. Fedraheimen kien l-ewwel ġurnal anarkist Norveġiż. Mortenson Egnund fl-1897 ippubblika Fridom, tidsskrift for sjølstyre og sjølvhjelp (Ħelsien, ġurnal ta' awtonomija u għajnuna lilu stess). Fl-1898 Garborg kiteb artiklu li qal li Ibsen kien anarkist u x'tip ta' anarkist kien. Ibsen ma oġġezzjonax iżda qal li kien żball li tinterpreta dapstant politika fil-poeżiji u drammi tiegħu.

Bejn l-1891-92, il-Ġermaniżi Theodor Martner (1848-1933), Sigmund Simons u Wilhelm Zöllner qanqlu propaganda anarkista fi Christiania (illum Oslo) u ffurmaw il-grupp anarko-komunist Libertas.

In-Norveġiżi Kristofer Hansteen (1865-1906), Axel Bech (1838-1894), Lorenz Nybø (1870-1912), Rasmus Steinsvik (1863-1913), Sigwald Lian (1874-1909) u Ole Olsen Lian (1868-1925) issieħbu ma' Libertas. Hanstenn kien l-editur tal-ġurnal Anarkisten. Libertas bdiet kampanja anarkista fi ħdan il-federazzjoni ta' żgħażagħ soċjalisti. Din il-federazzjoni kienet organizzazzjoni dgħajfa u nqasmet fi tlieta fl-1909. Sigwald Lian ikkontribwixxa materjal anarkist sa ma miet fl-1909. Il-membri l-oħrajn komplew jaħdmu favur l-anarkiżmu u kontra l-marxiżmu.

Ole Lian, fl-1903, inħatar president tan-Norsk Centralforening u aktar tard president tal-Landsorganisasjonen (LO), li kienet twaqqfet fl-1899. LO f'dak iż-żmien kienet influwenzata sew b'tendenzi sindikalisti federalisti bbażati fuq federazzjonijiet laburisti b'awtonomija kbira. Lian ipprova joħloq moviment ibbażat fuq ħaddiema b'interessi lejn federaliżmu.

Għal bidu l-fazzjoni ta' Lian ħadmet kontra Martin Tranmæl (1879-1967), iżda fl-1918 meta Tranmæl kien qed jikseb maġġoranza fil-partit laburista, Lian irnexxielu jżomm il-moviment maqgħud u joħroġ lill-partit mill-Internazzjonali Komunista. Il-komunisti telqu mill-partit u ffurmaw partit tagħhom.

Is-soċjal demokratiċi ffurmaw ukoll il-fazzjoni tagħhom fil-Partit Laburista fl-1919 bil-ġurnal Arbeiderpolitikken; huma telqu mill-partit fl-1921 u ffurmaw partit ieħor. Lian ħadem biex iżomm il-LO il bogħod mill-ħakma ta' Moska; kien hemm diskussjonijiet biex il-LO taffilja mal-Internasjonale Arbeider-Assosiasjonen (IAA), iżda t-taħdidiet fallew.

Fl-1909 twaqqfet in-Norges Ungsocialistiske Forbund, federazzjoni ta' żgħażagħ anarkisti u ppubblikat il-ġurnal Storm, li wara bidel l-isem għal Direkte aktion.

Żewġ kittieba magħrufin kienu s-sindikalist Albert Jensen (1879-1957) u Tranmæl. Jensen, editur ta' Direkte aktion, kien arrestat fl-1914 u ddeportat lejn l-Isvezja. Huwa kien ostili għar-rivoluzzjoni fir-Russja, filwaqt li Tranmæl kien jappoġġa lil Lenin. Inkwiet bejn Jensen u Tranmæl fl-1918 wassal biex Tranmæl jippubblika l-gazzetta Solidaritet u Direkte aktion tieqaf milli tkun ippubblikata.

Is-sindikalisti fl-1919 bdew jippubblikaw Alarm. Xi snin qabel, fl-1913, bdiet toħroġ fi Trondheim, il-gazzatta Revolt. F'Diċembru 1916 twaqqfet in-Norsk Syndikalistisk Federation (NSF) li kienet għaqda sindikalista rivoluzzjonarja. Il-ġurnal tagħha Alarm kien iħaddan tendenza marxista.

Fl-1923 in-NSF affiljat mal-IAA. Ir-Raba' Kungress fl-1924 iddikjara li s-sindikaliżmu u l-anarkiżmu huma żewġ movimenti fuq l-istess bażi ideoloġika, u l-pożizzjoni vis-a-vis l-anarkiżmu għandha tkun qrib kemm tista tkun.

Kropotkin, fl-1913, kien ġa warrab l-ekonomiji marxisti u l-materjaliżmu dijalettiku bħala mhux tant ċari xjentifikament. In-NSF kompliet tippropaga l-marxiżmu kif ukoll l-anarkiżmu, iżda l-maġġoranza kienu probabbilment anarko-sindikalisti.



# SAYDON – 50 SENA MINN MEWTU



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com



Min għex is-snin sittin, żgur jiftakar lill-Professur Pietru Pawl Saydon (1895-1971), qassis u studjuż kbir tal-ilsien Malti, tal-ilsna semitiċi u tal-Bibbja. Forsi, bosta jiftakruh minħabba l-fatt kien ġie sospiż mill-ministeru tiegħu ta' saċerdot mill-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mikiel Gonzi. Kienu żminijiet koroh f'pajjiżna u Saydon spiċċa vittma tal-Kwistjoni Politiko-Reliġjuża. Iżda minkejja dan l-episodju ikrah u marġinali fil-ħajja tiegħu, Saydon jibqa' magħruf l-iktar għall-kontribut kbir li huwa ta lill-ilsien Malti meta qaleb waħdu l-Bibbja mil-Lhudi għall-Malti, xogħol kbir li ħadlu tletin sena sħaħ minn ħajtu.

Imwieled iż-Żurrieq nhar l-24 ta' Lulju 1895, Pietru Pawl Saydon ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tar-raħal, u minn hemm għadda għas-Seminarju. Fl-1912 beda l-kors preparatorju tal-Letteratura fl-Università u ta' għoxrin sena kiseb il-Baċellerat fil-Letteratura. Fl-1919 iggradwa fil-Liġi Kanonika u d-Dottorat fit-Teoloġija. Billi ġie l-ewwel wieħed fl-eżamijiet u għadda lill-istudenti tal-fakultajiet kollha, Saydon ingħata borża ta' studju mill-Gvern biex seta' jissokta l-istudji tiegħu barra minn Malta. Fl-istess sena ġie ordnat saċerdot u s-sena ta' wara telaq lejn Ruma l-Istituto Biblico minn fejn fl-1923 kiseb il-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa.

## It-Traduzzjoni tal-Bibbja

"Kotra kbira ta' ħuti l-Maltin ma jafux jaqraw ħlief bi lsienhom, u qatt u qatt ma ħassew f'qalbhom il-ħlewwa li jisimgħu fi lsienhom il-kelma t'Alla hekk kif ħarġet minn fommU mijiet u eluf ta' snin ilu. Għalihom l-ewwel ma ħsibt fix-xogħol tiegħi. Iżda barra minn dawn, jien ħaddant fil-ħsieb tiegħi il-Maltin kollha, li jħobbu u jgħożżu lsienhom."

Hekk kiteb Saydon fil-Kelmtejn Qabel għall-Ktieb tal-Ġenesi, l-ewwel ktieb tal-Bibbja li qaleb għall-Malti fl-1929. Il-Professur Pietru Pawl Saydon għamel "miraklu" meta rnexxielu jittraduċi l-Iskrittura sħiħa waħdu mill-oriġinal, xogħol li kull meta sar, dejjem sar f'tim magħmul minn diversi studjużi. Din it-traduzzjoni swiet lil Saydon tletin sena sħaħ ta' ħidma u dedikazzjoni, bejn l-1929 u l-1959, traduzzjoni li warajha Saydon tilef għaqlu u li għaliha huwa ddedika r-riżorsi tiegħu kollha, kemm intellettwali kif ukoll finanzjarji, billi ħareġ minn butu l-ispejjeż kollha tal-pubblikazzjoni.

## Id-"Dnub" ta' Dun Pietru Pawl

B'ton ironiku u fl-istess ħin imnikket, il-mibki Professur Oliver Friggieri jsejjaħ din il-ħidma kbira ta' Saydon, "id-dnub ta' Dun Pietru Pawl." F'novella li ġġib propju dan l-isem li ħariġha fil-ktieb Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri (1991) jirrakkonta hekk:

"Darba kien hemm raġel jismu Pietru Pawl li sar qassis u baqa' sħiħ u tajjeb. U kien iħobb l-għerf u beda jaqra ħafna kotba, u għalhekk sar għaref, jiġifieri nqata' minnies. U kien iħobb ħafna lil Alla, jiġifieri kien jaqra l-kelma tiegħu u jistmerr il-kelma tan-nies, huma min huma..."

"... u darba qal, 'Min jaf kieku nqaleb il-kelma t'Alla fi lsien dawn in-nies u nagħtihielhom biex jaqrawha? Alla jaf jitkellem b'mod li jiftiehem, u dawn in-nies jafu jifhmu weħidhom ukoll.' Imbagħad ħares madwaru u n-nies ma fehmuhx. Ħabbat il-bieb tan-nies il-kbar tal-porpra u dawn daħku bih. Qalu, 'Dan bniedem perikoluż u prużuntuż. Qiegħed jistudja żżejjed u għalhekk moħħu beda jiħfieflu'."

## Studjuż ta' fama internazzjonali

Bħala Professur tal-Iskrittura fl-Università ta' Malta, Saydon ħa sehem attiv f'diversi kungressi internazzjonali, li laqqgħuh ma' studjużi Bibbliċi ta' fama mondjali, Kattoliċiżmu, Protestantiżmu u Lhud. Bejn l-1932 u l-1962 attenda mhux inqas minn sbatax-il kungress Bibbliku fl-aqwa universitajiet: Ruma (1932); Brussell (1938); Pariġi (1948); Ruma u Norfolk

(1952); Kopenħagen (1953); Cambridge u Louvain (1954); Birmingham (1955); Strasburgu (1956); Munich (1957); Brussell (1958); Louvain u Oxford (1959); Dublin (1961).

Saydon kien il-fundatur tal-Għaqda Bibblika Maltija, membru tal-International Association for the Study of the Old Testament u membru tas-Society of Biblical Literature tal-Istati Uniti tal-Amerika, fost l-oħrajn. Saydon ikkumenta sitt kotba tat-Testment il-Qadim f'kummentarju ċelebri taħt l-awspiċi tal-Knisja Kattolika Ingliża. Dan il-Catholic Commentary on Holy Scripture ġie ppubblikat f'Londra u Edinburgu fl-1953.

## Meta qabżuh

Minkejja li Saydon kien l-uniku wieħed kwalifikat għall-kattedra tal-Iskrittura Mqaddsa fl-Università, fl-1924 inħatar ħaddieħor minfloku. Ir-Rettur tal-Università għażel lil Patri Ugo Callus, studjuż għaref tal-filosofija iżda mhux tal-Bibbja. Għal Saydon kienet "l-akbar weġgħa li minnha ma kelli nistejqer qatt". Iżda x-xewqa ġusta ta' Saydon inqatgħet seba' snin wara, meta fl-1931 Callus telaq lejn Oxford. Il-kattedra żvojtat u Saydon inħatar minfloku.

Hekk fl-1931, meta Saydon kien għad kellu biss 36 sena, inħatar Professur tal-Iskrittura Mqaddsa, tal-Lhudi u l-Grieg Bibliku fl-Università ta' Malta, u baqa' f'din il-kariga għal 33 sena sakemm irtira bl-età fl-1964. Ma kinitx l-unika okkażjoni fejn Saydon inqabeż minn min kien jaf inqas minnu. Meta kkonkorra għal-Lettorat tal-Kapitlu tal-Kattidral, l-għażla kienet diġà saret minn qabel għal Dun Nerik Dandria li qatt ma studja l-Iskrittura iżda li kellu forza politika timbuttah.

## Xtaq rikonoxximent

L-awtoritajiet ekkleżjastiċi Maltin damu ħafna biex għarfu l-merti ta' Saydon minkejja li fl-1946 ingħata t-titlu ta' monsinjur u ġie offrut kanonikat il-Katidral. Saydon ma aċċettax dan il-kanonikat għax fi kliemu "xogħli hu l-istudju u mhux id-dmirijiet marbutin ma' xi postijiet għolja fil-Knisja". Il-Professur Saydon qatt ma ġera wara unuri iżda bħal kulħadd fil-qalba ta' qalbu dejjem stenna r-rikonoxximent xieraq għall-ħidma tiegħu. Hekk kiteb f'"Il-Malti" tal-1953:

"L-unuri qatt ma fittixthom, u għalhekk jekk id-dinja żżommni bi dħuli jew żorr xejn ma jolqotni. Ħaġa waħda tolqotni fil-laħam il-ħaj, il-kelma tiegħi fuq ħwejjeġ ta' tagħlim qatt ma kienet mismugħa... U dan għalija kien u għadu telf kbir. Jirbaħ mhux min għandu raġun, imma min għandu l-aħjar armi, u l-armi li bihom tiġġieled id-dinja mhumiex f'idejja."

## Professur maħbub

It-33 sena li għamel fil-kariga ta' Professur kienu snin ta' ħidma sfiqa u bla waqfien b'riżq it-tagħlim u r-riċerka. Mal-istudenti kien imur tajjeb. Professur żagħżugħ, xejn imkabbar, ma setax ma jisraqx il-qalb tal-istudenti żgħażagħ, li dlonk inġibdu lejh u ħabbewh. "Ħabbejt it-tagħlim u ħabbejt l-istudenti. L-istudju għalija qatt ma kien tarġa biex nogħla aktar u anqas xogħol ta' qligħ ta' flus, imma l-missjoni ta' ħajti."

Il-ħbiberija sinċiera bejn Saydon u l-istudenti ma kinitx biss fil-klassijiet ta' l-Università. Kemm-il darba stedinhom biex iqattgħu ġurnata għandu f'id-dar ta' villegatura li kellu f'Bengħisa.

## Ħidma b'riżq l-Ilsien Malti

L-interess ta' Saydon fil-Malti beda meta ntlaqat mix-xebh bejn il-Malti u l-Lhudi. Kien konvint li "mingħajr id-dawl tal-ilsna semin (semitiċi) qatt ma jista' jkun li naslu biex nagħrfu xi ħaġa dwar il-Malti, fuq in-nisel tiegħu, fuq il-ħajja tiegħu, fuq il-bixra tiegħu li tagħżlu minn kull ilsien ieħor."

Fiż-żmien tad-diżappunt li kellu wara li wasal mill-istudji tiegħu f'Ruma ma ntgħażilx professur tal-Iskrittura fl-Università ta' Malta, sab żvog fil-kontribut kbir li ta lill-Għaqda tal-Malti (Università), li kienet għadha kif twaqqfet miż-żewġ tobba-poeti Rużar Briffa u Ġużè Bonnici. Meta Briffa rriżenja minħabba l-istudji tiegħu barra l-pajjiż, Saydon intgħażel President tal-Għaqda.

## Il-Kwistjoni tal-Lingwa

Kien żmien il-Kwistjoni tal-Lingwa. Fl-1932, il-Gvern pprova jerġa' jdaħħal it-Taljan u ordna li l-Malti kellu jinkiteb u jkun mgħallem b'mod li seta' jkun ta' għajnuna għat-Taljan. Saydon, f'isem l-Għaqda tal-Malti (Università) bagħat ittra ta' protesta lill-ministru tal-edukazzjoni Nerik Mizzi. L-Għaqda ma tħallietx aktar tagħmel il-laqgħat tagħha fl-Università bl-iskuża li kienet motivata politikament iżda sena wara ingħatat raġun u fil-21 ta' Novembru 1933 reġgħet bdiet tiltaqa' fil-bini tal-Università.

Fl-1936, Saydon flimkien mal-Prof Ġużè Aquilina (1911-1997) ippubblika "Ward ta' Qari Malti", antoloġija tal-aqwa xogħlijiet ta' proża u poeżija fil-Malti. Bħala kittieb letterarju, Saydon għandu wkoll l-importanza tiegħu. "In-novelli tiegħu jixhdu stil narrattiv mill-aqwa, b'dik il-kelma magħzula u minġura bis-sengħa, u jħabbtuha ma' dawk ta' Temi Zammit, mibnijin kif inhuma fuq sfond karatteristiku rurali Malti."

Il-Prof Karm Sant jistqarr li "dak li għamel Dun Karm (Psaila) fil-qasam tal-poezija, għamlu Saydon fil-qasam tal-proża". Fit-12 ta' Novembru 1966, l-Università Rjali ta' Malta tatu d-Dottorat tal-Letteratura Honoris Causa bħala għarfien tax-xogħlijiet kbar tiegħu.

## Ħabib ta' Dun Ġorġ Preca

Il-ħidma pastorali ta' Saydon ma kinitx tagħti fil-għajn iżda kienet ta' fejda għan-nies ta' Bengħisa, ħafna minnhom bdiewa. Kien iqaddsilhom fl-4.30 ta' filgħodu, iqarar u spiss iżur il-morda fi djarhom. Saydon dejjem ħabb il-ħajja sempliċi u l-kumpanija ta' rjus kbar u mkabbrin b'għerfhom dejjem stmerrha. Laqgħat soċjali kien jaħrabhom, iżda l-ħena tiegħu kienet meta kien isib ruħu mdawwar mill-istudenti tiegħu, jifraħ u jiċċajta magħhom, jew mat-tfal u l-membri tal-Museum.

Ta' sikwit kien imur jgħallem it-tfal tal-Museum taż-Żurrieq u kemm-il darba għen lill-Museum finanzjarjament. Saydon kellu ammirazzjoni kbira għall-fundatur ta' din is-Soċjetà, San Ġorġ Preca. F'dan is-saċerdot twajjeb u qaddis, li kien l-uniku wieħed li għenu biex ibigħ it-traduzzjoni tiegħu tal-Bibbja, Saydon kien jara ċerta sempliċità, l-aktar fi kliemu.

Fuq Preca, Saydon jgħid hekk: "Ma kienx iħabbat rasu bix-xejxi tal-kliem; l-aqwa li l-poplu jifhem, u għalhekk lanqas ma kien jintilef fil-għoli tal-għerf tat-teoloġija fejn il-poplu ma jistax jasal... Il-prietki ta' Dun Ġorġ ma kinux prietki tal-kotba, imma prietki ħerġin mill-qalb, frott tal-persważjoni qawwija ta' dak li jkun qiegħed jgħid... "

## In-"nies iż-żgħar"

Saydon ħalla d-drittijiet kollha tal-istampa tat-traduzzjoni tiegħu tal-Iskrittura lis-Soċjetà tal-Museum li fl-1977 ħarġet l-ewwel volum tat-Testment il-Qadim tal-Bibbja Saydon. It-tieni u t-tielet volum ħarġu fl-1982 u fl-1990. Fl-1995 reġgħet ippubblikat it-tieni edizzjoni tal-Iskrittura kif maqluba minn Saydon, bin-noti riveduti ta' Dun Karm Attard.

Fin-novella "Id-Dnub ta' Dun Pietru Pawl", Friggieri jikteb hekk: "Kien hemm ftit nies bla skola, ta' qalb tajba, li kienu jemmnu fil-kelma t'Alla u mhux fil-kelma tal-bnedmin il-kbar. U kienu jgħixu 'l bogħod min-nies tal-porpra u jinġabru ma' qassis twajjeb ieħor li kien jismu Dun Ġorġ... Dun Pietru Pawl kien iġemma' l-flus biex kull meta jkun temm jaqleb xi wieħed mill-kotba t'Alla jieħdu għand l-istampatur u jxandru għan-nies iż-żgħar. U Dun Ġorġ kien iġiegħel lin-nies injuranti tiegħu jieħdu kull ktieb f'idejhom u jaqrawh bir-reqqa. In-nies il-kbar baqgħu jaraw kollox mill-bogħod, jitbissmu u jeħmżu lil xulxin."

## Saydon fil-Kwistjoni Politiko-Reliġjuża tas-Sittinijiet

Dawk il-Maltin li għexu s-snin sittin jassoċjaw bla ma jridu lil Saydon mal-Kwistjoni Politiko-Reliġjuza bejn il-Knisja u l-Partit Laburista. Għal ħafna, b'xorti ħażina, il-Professur Saydon huwa iktar figura kontroversjali milli studjuż kbir u traduttur tal-Bibbja.

Saydon sofra ħafna anke minn nies li ħlief ġid ma kienx għamel magħhom. Ġieli tbiegħed minn Malta biex jeħles mill-azzjonijiet ħżiena li spiss kienu jsirulu minn xi wħud. Iżda Saydon ma kienx bniedem tal-politika. Dawn kienu biss inċidenti marġinali fil-ħajja tiegħu. Dwar dan is-suġġett jiena ktibt f'dettall fil-ħarġa tat-TORĊA tad-19 ta' Ġunju 2016.

## Mewtu u wara

Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien darbtejn, Saydon kien rikoverat fl-Isptar ta' Ħ'Attard. Il-Professur Pietru Pawl Saydon miet fid-dar tiegħu iż-Żurrieq, raħal twelidu, nhar it-22 ta' Marzu 1971, fl-għomor ta' 76 sena. Huwa twieled, għex u miet fir-raħal taż-Żurrieq.

Wara mewtu Saydon ġie mfakkar billi ssemmew skola sekondarja u triq għalih f'raħal twelidu. Fl-1988, il-Posta Maltija ħarġet bolla kommemorattiva ta' Saydon, disinjata minn Esprit Barthet. Inkixef ukoll monument f'ġieħu fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twelid tiegħu fit-12 ta' Novembru, 1995 quddiem l-iskola sekondarja taż-Żurrieq. Hemm monument ieħor tiegħu fil-Junior College tal-Imsida. Wieħed mit-teatri ewlenin tal-Università huwa ukoll msemmi għalih.

Ktieb tajjeb ħafna dwar Saydon huwa "Saydon: Biblista u Studjuż tal-Malti" li kien ġie ppubblikat 15-il sena ilu minn Carmel Bezzina. Ħajr lilu għall-ħafna mittagħrif li jien ħadt mill-ktieb tiegħu. Il-ktieb jista' jinkiseb mil-Librerija Preca, il-Blata l-Bajda.

# "Ċertifikati Covid-19: Serħan il-moħħ għall-ħaddiema" – Cyrus Engerer

Il-membru Parlamentari Ewropew Cyrus Engerer qed ikompli jaħdem bla waqfien fil-żewġ kumitati prinċipali tiegħu, LIBE u ENVI li qiegħed imexxu l-ħidma dwar il-Covid-19 u t-triq 'il quddiem. "Il-ħaddiema Maltin u Għawdxin, kif ukoll n-negozji żgħar, għandhom jingħataw is-serħan tal-moħħ li l-Unjoni Ewropea qed tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura iċ-ċaqliq ħieles tal-persuni madwar l-Unjoni Ewropea b'mod sigur fl-iqsar żmien possibli." Hekk tenna l-Membru Parlamentari Ewropew Cyrus Engerer meta kien qed jindirizza laqgħa tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi fi ħdan il-Parlament Ewropew dwar l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar Ċertifikat Diġitali li jiċċertifika li persuna tkun tlaqqmet bil-vaċċin, fost l-oħrajn, u għaldaqstant tkun tista' tivvjaġġa.



Engerer enfasizza li l-pandemija għallmitna dwar l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE fis-settur tas-saħħa, u kif dan ħalla effett pożittiv fuq iċ-Ċittadini Ewropej kollha. Żied jgħid, li mhuwiex prattiku li jkun hemm sistemi ta' ċertifikazzjoni differenti u mhux armonizzati f'kull Stat Membru, speċjalment meta jidħol il-fattur tal-lingwa. B'ċertifikat wieħed għaċ-ċittadini kollha tal-UE, is-serħan il-moħħ ikun żgurat permezz ta' sistema komprensiva u sigura. "Huwa importanti li kwalunkwe sistema ta' ċertifikazzjoni diġitali għall-UE tirriżulta fit-tisħiħ tal-libertà tal-moviment, u mhux biex toħloq aktar ostakli għall-eżerċizzju ta' dan iddritt miċ-ċittadini tal-UE fi żminijiet ta 'sfida bħal dawn. Il-ħaddiema Ewropej iridu jerġgħu lura għax-xogħol ġaladarba l-Istituzzjonijiet Ewropej jieħdu ħsieb aħjar dan il-virus. Din iċ-ċertifikazzjoni tgħin biex jintlaħaq dan il-għan, u tgħin lill-ekonomiji ewropej biex jerġgħu lura fit-triq it-tajba "qal Engerer

Spjega kif dan iċ-ċertifikat mhuwiex kunċett ġdid, iżda pjuttost approċċ komuni għall-meta jkun hemm mard u pandemiji fl-Ewropa. Huwa qal li 'vaccination passes' simili diġà jeżistu għal mard infettiv ieħor u li din għandha tkun it-triq naturali' l quddiem għal approċċ ikkoordinat mill-UE. Fl-istess ħin irridu niżguraw ukoll li s-sistemi proposti jiggarantixxu livell għoli ta 'protezzjoni tad-dejta għal kulħadd, billi nużaw ir-regoli tal-GDPR.

"Dan għandu jkun l-ewwel pass fit-triq li twassal għall-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha fejn kull ċittadin Ewropew jista' jkollu ċ-ċertifikati tat-tilqim u l-istorja medika aċċessibbli permezz ta' network Ewropew tas-saħħa. Dan jiżgura li ċ-ċittadini Ewropej ma jiffaċċjawx ostakli meta jeżerċitaw iddritt tagħhom għall-moviment liberu fl-Ewropa li jirriżultaw min-nuqqas ta' data dwar is-saħħa", ikkonkluda Engerer.

## Cyrus Engerer maħtur negozjatur tas-Soċjalisti fuq is-Saħħa Pubblika dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos



Din il-ġimgħa wkoll, il-Membru Parlamentari Ewropew tal-Partit Laburista Cyrus Engerer ġie maħtur bħala n-negozjatur tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi fil-Parlament Ewropew fuq il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos fil-Kumitat għall-Ambjent u s-Saħħa Pubblika.

"Pajjiżna kellu l-ogħla rata ta' mard fl-Unjoni Ewropea relatat mal-asbestos. Illum għandna Gvern kommess li poġġa fuq quddiem nett mhux biss it-tneħija tal-asbestos minn fuq il-postijiet tax-xogħol, imma saħansitra qiegħed jagħti kumpens lill-ħaddiema tattarzna li kienu fost l-iktar affettwati f'pajjiżna," qal Engerer.

Ir-rapport li qiegħed jiġi diskuss fil-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali se jkun qiegħed jingħata l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent u s-Saħħa Pubblika fejn Engerer ġie mogħti r-responsabilità' biex imexxi 'l quddiem il-ħsibijiet u jinnegozja f'isem is-Soċjalisti dan ir-rapport.

Engerer fisser kif l-asbestos fuq il-postijiet tax-xogħol ma kienx biss realta' ta' pajjiżna, iżda realta' li esperjenzaw numru ta' ħaddiema madwar l-Unjoni Ewropea. Saħaq li għad hawn numru ta' postijiet tax-xogħol fejn dan il-materjal għadu preżenti u għalhekk, tenna li rridu naraw li l-ħaddiema kollha jiġu protetti mill-impatt ta' dan il-materjal perikoluż fuq is-saħħa tal-bniedem.

Engerer ikkonkluda billi qal li bħala grupp tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi, l-interess tal-ħaddiema kollha madwar l-Unjoni Ewropea, huwa għal qalbhom u b'hekk, dan ir-rapport qed jingħata importanza kbira biex b'hekk, ikun garantit li kull ħaddiem madwar l-Ewropa, ikun jista' jattendi għax-xogħol tiegħu, b'moħħu mistrieħ.

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament
www.socialistsanddemocrats.eu

# L-imħabba lejn pajjiżna



minn **CLINT CAMILLERI**
Ministru għal Għawdex



Meta naħseb u nirrifletti, nintebaħ li l-Partit Nazzjonalista reġa' lura fil-passat fejn akkost ta' kollox u b'kull mezz possibbli, irid li jerġa' jkun lura fil-Gvern illum qabel għada.

Pajjiżna, għalkemm membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, huwa wieħed sovran. Sabiex wasalna għall-Indipendenza, ir-Reppubblika u eventwalment il-Ħelsien sħiħ mill-ħakma tal-Imperu Ingliż, ġensna għadda minn bosta taqlib ewlenija fostom l-irvellijiet tas-Sette Giugno u t-Tieni Gwerra Dinija. Ħadna sehem f'din il-gwerra mhux għax konna protagonisti imma għaliex konna kolonja Ingliża. Il-Malti xerred demmu għal pajjiżu. Madanakollu, l-istorja dejjem għallmitna li bħala nazzjon, dejjem ħriġna b'saħħitna aktar minn qatt qabel.

Minn tfuliti dejjem nismagħhom jgħidu li il-Partit Nazzjonalista qatt ma jaċċetta li jkun fl-Oppożizzjoni. Din il-frazi qatt ma kont nifhimha qabel għax trabbejt f'ambjent li jħares il-prinċipju bażiku tad-demokrazjia, dik li r-rieda tal-poplu, li huwa sovran, għandha tiġi aċċettata u rrispettata.

L-esponenti tal-Partit Nazzjonalista jistħajlu li għandhom xi dritt divin li jmexxu lill-dan il-pajjiż u għadhom sal-lum il-ġurnata ma jridux iniżżlu sa griżmejhom il-fatt li fl-2013, il-poplu, b'mod demokratiku għażel li jwarrabhom. L-għażla tal-poplu reġgħet ġiet ikkonfermata b'maġġoranza akbar fl-2017 fejn kien ta lill-Partit Laburista l-akbar rebħa elettorali lill-parti politiku f'Malta mill-Indipendenza 'l hawn. Il-poplu kien ċarissimu fil-messaġġ tiegħu fejn warrab għalkollox in-negattivita u l-pika partiġjana u għażel moviment imsejjes fuq id-diversità li joffri dan in-nazzjon ċkejken u dak kollu li jgħaqqadna, dak kollu li jagħmilna Maltin.

Però minn dan kollu, il-Partit Nazzjonalista ma tgħallem assolutament xejn. Meta naħseb u nirrifletti, nitebaħ li l-Partit Nazzjonalista reġa' lura fil-passat fejn akkosta ta' kollox u b'kull mezz possibbli, irid li jerġa' jkun lura fil-Gvern illum qabel għada. Dan kollu rajnieh ukoll fuq livell Ewropew. Sfortunatament, anke hawn, bħala l-iżgħar nazzjon, minflok ninghaqdu bħala poplu wieħed, ir-rappreżentanti Nazzjonalisti huma medhija f'kampanja biex jagħmlu ħsara lill-Malta. L-intenzjoni tal-Partit Nazzjonalista u l-esponenti ewlenin tiegħu hi ċara daqs il-kristall, iridu akkost ta' kollox jagħmlu ħsara irreparabbli lill-pajjiżna. Żbalji saru però aħna qatt ma ħdimna kontra l-interess ta' art twelidna. L-istorja turi li bħala Partit Laburista dejjem ġibna l-interess ta' Malta qabel l-interess partiġjan jew aħjar qabel il-kilba għall-poter!

Dan kollu l-poplu jafu u fil-kwiet ta' daru jifli, janalizza u jsejjes il-fehmiet tiegħu qabel jiddeċidi t-triq 'il quddiem. Il-maġġoranza assoluta tal-poplu tosserva kollox mill-bogħod mingħajr daqq ta' trombi. Il-familji u n-negożji jafu, u mhumiex ser jinsew malajr, lil min sabu ta' spalla waqt il-pandemija. Jafu li flok miżuri ta' awsterità kif konna mdorrija nassistu għalihom, esperjenzajna l-aqwa Baġit fl-istorja ta' pajjiżna fejn ma ġietx introdotta taxxa waħda li hi waħda. Il-poplu jiftakar, il-poplu ma jinsiex.

Fuq dan il-pilastru ewlieni, dak tal-imħabba lejn pajjiżna, li aħna ser inkomplu naħdmu aktar minn qatt qabel biex dan il-poplu bieżel ikompli miexi 'l quddiem, mixja li bdiet fl-2013 u li ser tissokta fil-futur.



# IL-GAĠĠA – IL-ĦAMSIN ANNIVERSARJU



minn **OMAR SEGUNA**
pagnaletterarja@gmail.com




Fid-9 t'April li gej il-Klabb Kotba Maltin jagħlaq 50 sena mill-pubblikazzjoni tal-ewwel ktieb tiegħu - Il-Gaġġa. Fil-fehma tiegħi dan ir-rumanz kien wieħed revoluzzjonarju, kellu bixra ġdida, u jassoċja mal-ħsieb progressiv. Ir-revoluzzjoni iżda hija waħda li ma tweġġax, li tgħallem u li teduka. Għaliex dan huwa rumanz li jixtieq ibiddel is-soċjeta' Maltija, mingħajr iżda, ngħid jien, ma jinqata' minna.

Il-Gaġġa huwa meqjus minn kritiċi ewlenin bħala l-ewwel rumanz tassew psikoloġiku fil-letteratura Maltija. Kellu suċċess kbir u stabilixxa r-reputazzjoni ta' Sammut bħala wieħed mill-awturi stabbiliti li b'dan ir-rumanz u kotba oħrajn kbar bħal Samuraj ħalla timbru kemm fis-soċjeta' u fil-letteratura Maltija. Jibqa' wkoll jiġi studjat għal numru ta' snin. Dwar dan il-ktieb kien sar ukoll film li rrappreżenta lil Malta fil-European film festiva fi Brussels. Għal dan il-għan f'din il-Paġna nħoss li għandi nagħti ħarsa lejn dan ir-rumanz kbir u l-legat tiegħu.

## L-awtur Frans Sammut

Frans Sammut twieled Ħaż-Żebbuġ fid-19 ta' Novembru 1945. Studja l-Kulleġġ San Alwiġi u wara l-Università ta' Malta, imnejn kiseb Baċellerat fl-Għarbi u l-Malti, Diploma fit-Teoloġija, u M.Ed. fl-Istorja, u l-Università ta' Peruġja, l-Italja, imnejn kiseb Diploma fit-Taljan. Kien għalliem u surmast ta' skola, u kien imdaħħal fil-politika, billi ħadem fis-Segretarjat Privat ta' Ministri Laburisti u tal-Prim Ministru Alfred Sant u kien wieħed mill-fundaturi u membri attivi tad-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema.

Fil-fatt, is-Sensiela Kotba Soċjalisti bdiet proprju bi ktieb tiegħu.

Iżda ktieb tiegħu kien ukoll l-ewwel pubblikazzjoni ta' dar oħra Maltija tal-pubblikazzjonijiet, il-Klabb Kotba Maltin, li bdiet proprju b'Il-Gaġġa, mitbugħ għall-ewwel darba fl-1971.

Frans Sammut kiteb 22 ktieb, fosthom ir-rumanzi Samuraj, Paceville u Il-Ħolma Maltija u edizzjonijiet annotati ta' xogħlijiet ta' Vassalli, fosthom il-ġabra magħmula minn Vassalli tal-qwiel Maltin. Kiteb ukoll opri bl-għana, teledrammi, u oratorji.

Wara mewtu nħarġu 3 kotba li ma laħaqx ħareġ f'ħajtu: Ġrajjet it-Tagħlim f'Malta, I Giovanniti: Storia dei Cavalieri di Malta (maħruġ l-Italja) u Le Due Vite di Cagliostro (ukoll maħruġ l-Italja).

It-Torċa kienet ippubblikat l-ewwel 3 kapitli tar-rumanz mhux mitmum ta' Frans Sammut dwar l-impostura tal-qassis Malti l-Abbati Vella.

Frans Sammut kien miżżewweġ lil Catherine, u kellhom żewġ ulied, Mark u Jean-Pierre. Miet fl-4 ta' Mejju 2011, fl-età ta' 65 sena.

## Tkellimt ma' iben l-awtur, Dr Mark A. Sammut Sassi

Kien ta' pjaċir kbir għalija li għal din l-okkażjoni tkellimt ma' iben l-awtur, Dr Mark A. Sammut Sassi.

Għaliex ir-rumanz Il-Gaġġa għandna nfakkru l-ħamsin anniversarju minn meta ħareġ?

Qabel xejn, irrid nirringrazzja lil It-Torċa u lilek b'mod partikolari talli qegħdin tfakkru dal-anniversarju mhux traskurabbli fil-Letteratura Maltija.

Il-letteratura ta' pajjiż tirrifletti r-ruħ tan-nazzjon. Pajjiż li ma jiktibx dwaru nnifsu u dwaru ġensu hu pajjiż mejjet. Spiritwalment mejjet.

Il-ħajja mhix biss il-flus u l-għana. Dawk huma importanti, m'għandniex xi ngħidu, għax bla flus la tgħannaq u lanqas tbus. Imma ħajja mingħajr tiftix ġewwieni, mingħajr tiftix ta' x'hemm lil hinn mill-ġid materjal, hi ħajja-mewt. X'jiswa li tkun tfur bil-flus jekk imbagħad ma tifhimx lilek innifsek? Tiġi qisek zombie, mejjet-ħaj.

Għalhekk il-Letteratura hi importanti għal nazzjon, għax il-ħajja mingħajr rakkonti li jfittxu t-tifsir wara l-ġrajjiet, hi ħajja-mewt. Il-kittieba għandhom dar-rwol tant prezzjuż fl-eżistenza tan-nazzjon.

Il-Gaġġa hu rumanz li jokkupa – mhux fil-fehma tiegħi, imma fil-fehma ta' dawk li jifhmu aktar minni – post ewlieni u fundamentali fil-Letteratura ta' pajjiżna. Ngħidu aħna, għaxar snin ilu, ftit jiem wara li missieri għalaq għajnejh, Dr Mario Vella kiteb fit-Times li Il-Gaġġa kien 'certainly a milestone event in Maltese literature'. Fost raġunijiet oħra, għax dar-rumanz hu l-ewwel rumanz tabilħaqq psikoloġiku bil-Malti. Hu vjaġġ intern fil-moħħ tal-protagonist, l-ewwel u qabel kollox.

X'tista' tgħidilna dwaru dal-vjaġġ?

Il-protagonist, Fredu Gambin, hu żagħżugħ Malti li qed jipprova jsib saqajh fid-dinja. Qed jgħix fis-snin meta pajjiżu qed jikseb l-indipendenza mill-ħakkiem kolonjali, u allura pajjiżu wkoll qed jipprova jsib saqajh fid-dinja.

Dawn iż-żewġ binarji jgħaddu matul il-firxa tar-rumanz. Malta li qed tikber f'pajjiż indipendenti; Fredu li qed jikber f'individwu indipendenti. Jew, tal-anqas, qed jippruvaw.

Imma mhix faċli, la għal Fredu u lanqas għal Malta.

L-istorja ta' Fredu hi storja ta' żagħżugħ li – bħal tista' tgħid iż-żgħażagħ kollha – qed iħabbat wiċċu mal-ewwel esperjenzi tal-imħabba u tad-dinja tax-xogħol.

Iżda Fredu jidħol fi sqaq wieħed wara l-ieħor u ma jistax isib it-triq li jħoss li hi tiegħu u li twasslu għall-fażi li jmiss f'ħajtu.

U allura jħoss li ħajtu qed issir gaġġa u jrid jaħrab minnha, billi jitlaq minn Malta u jittanta xortih barra.

Nibqgħu bit-togħma, imma, li l-gaġġa hi waħda ġewwiena. Ma tinstabx barra Fredu, imma ġo fih.

Qatt tkellimt mal-papà tiegħek dwar dar-rumanz?

Il-papà kien pjuttost kburi b'dar-rumanz, il-għaliex kien qala' ħafna kritika pożittiva. Naħseb nista' ngħid bla tlaqliq li kien meqjus bħala l-aqwa rumanz li kien inkiteb bil-Malti sa dak iż-żmien. It-tifħir kien kbir u kienu bosta li bassru li Frans Sammut se jkun wieħed mill-akbar ismijiet fil-Letteratura Maltija. Fil-fatt, matul issnin ħarġu ħames edizzjonijiet tiegħu dar-rumanz, u saħansitra ssejjes film fuqu.

Jekk nista' nesprimi opinjoni dwar dal-film, inħoss li filwaqt li fih interpretazzjonijiet tajbin ħafna ta' reċtar, id-direzzjoni tiegħu l-lum tista' titqies skaduta, hemm wisq teknika tas-snin '70 li l-lum tinħass li ma tgħaddix mit-test taż-żmien. Tkun ħaġa sabiħa likieku xi ħadd mid-diretturi l-ġodda li pajjiżna qed jistagħna bihom jidħol għal remake ta' dal-film, u jkun skont l-istandards ta' żminijietna. L-istorja għadha rilevanti għal-lum.

Però, ma weġibthiex il-mistoqsija tiegħek. Darba l-papà qalli li dak ir-rumanz fasslu b'lura, fis-sens li t-tfassil tiegħu bdieh mill-aħħar u ħadmu b'lura. L-idea kienet li Fredu Gambin jitlaq minn Malta u jittanta xortih barra. Biex lil Fredu jwasslu għal did-deċiżjoni u jikkonvinċi lill-qarrej li l-għażla ta' Fredu kienet waħda ta' bilfors (fissens li ma kellux għażla oħra), il-papà bena r-rumanz b'lura, u kull triq li jsib quddiemu Fredu, l-istorja ddawwarha fi sqaq. Kważi determiniżmu, biex ingħid hekk. Dan għaliex il-filosofija wara Il-Gaġġa hi li t-tmiem jagħti t-tifsira lill-vjaġġ. U fl-aħħar tal-vjaġġ, il-qarrej jikkonvinċi ruħu li kollox kellu bilfors ikun hekk, li l-għażliet ma humiex verament għażliet imma huma, fil-verità, l-imkien waħdani mnejn il-protagonist seta' jgħaddi meta nqisu ċ-ċirkostanzi kollha.

Il-papà ma daħalx f'dad-dettall kollu. Kulma qalli kienu ftit kelmiet: li fasslu b'lura biex kull triq tiġi skartata għax m'hemmx għażla oħra. Ma nafx jekk l-istudjużi tkellmux dwarha din.

Xi tgħidli dwar l-użu tal-Malti f'dar-rumanz?

Naħseb wieħed mill-aktar elementi tar-rumanz li impressjonaw lill-kritiċi, u lill-qarrejja, kien proprju l-użu tal-Malti.

Il-papà mhux biss inqeda b'Malti sabiħ – kif wara kollox kien jaf jagħmel bil-ħila ta' mgħallem – imma bexxex il-ktieb b'riferenzi letterarji għal awturi oħrajn. Allura min qara l-awturi klassiċi li ġew qabel il-papà, seta' jintebaħ li Frans Sammut kien qiegħed il-ħin kollu jirreferi għalihom. Din jgħidulha intertestwalità u għandi nifhem li dal-aspett ġie studjat fl-Università.

Filfatt, dar-rumanz jiġi studjat l-Università ta' Malta, hux tassew?

Iva, mill-anqas fil-korsijiet tad-Dipartiment tal-Malti. Jien inħoss li għandu jiġi studjat f'Dipartimenti oħrajn ukoll.

Xi 6 snin ilu, l-istudentessa Stephanie Farrugia qalbet siltiet minnu għall-Ingliż u naħseb għamlet biċċa xogħol sabiħa ħafna. Inħeġġiġha titħajjar tkomplih ix-xogħol.

Li jdejjaqni – biex nitkellem ċar – hu li jsiru l-fotokopji, b'nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet dwar il-jeddijiet tal-awtur, tal-copyright biex niftehmu. L-Università jmissha tgħallem lill-istudenti kif jobduha l-liġi, mhux kif iduru madwarha. Inkella l-istudenti jkunu qed jitgħallmu tagħlim mejjet, maqtugħ mill-valuri t-tajbin u mill-ħajja taċ-ċittadin rett u bil-għaqal.

### Tkellimt mal-Professur Arnold Cassola

Il-Professur Arnold Cassola huwa lettur u riċerkatur u għadu jgħallem dan ir-rumanz u għaldaqstant qasam ukoll xi ftit ħsibijiet magħna.

Fost oħrajn qalilna:

““Il-Gaġġa huwa għalija wieħed mill-kapolavuri tal-letteratura Maltija moderna, rumanz li fih l-awtur kellu l-kuraġġ jisfida d-drawwiet tipiċi li kienu jikkaratterizzaw il-ħajja tradizzjonali Maltija u jesponi l-ipokrisija ta' soċjeta' li kienet qed tgħix priġuniera ta' drawwiet foloż li ġew imposti fuqha minn min fil-ħajja kien aktar medhi mill-apparenza milli mis-sustanza. Rumanz li jiena nqis bħala klassiku modern.”

Studju essenzjali dwar dan il-ktieb huwa ċertament “Migration in contemporary Maltese fiction”, propju tal-istess Professur Cassola.

F'dan l-artiklu Cassola jqabbel il-karattru ta' Fredu Gambin, il-karattru ewlieni f'dan ir-rumanz ma' dak ta' Raymond f'L-Ewwel Weraq tal-Bajtar ta' Alfred Sant.

Għall-kungress dwar l-Identita' Maltija, organizzat mill-AZAD fl-1994, il-Professur Cassola reġa' għamel dan il-paragun u qal hekk:

“Fredu Gambin, fil-Gaġġa ta' Frans Sammut, l-ewwel jaħrab minn raħaltu għal Tas-Sliema. Iżda għalxejn. Imbagħad, bħal Raymond, jiddeċiedi li jemigra. Mhux qabel, iżda, rna jkun għadda minn moħħu l-ħsieb tas-suwiċidju , il-ħarba estrema mid-djuq tal-ambjent Malti.”

### L-aħħar ħsibijiet

Ippreżentajtilkom intervista qasira ma' Dr Mark Sammut, kumment ta' Prof Arnold Cassola u anke l-istudji tiegħu. Forsi magħhom inżid ukoll l-analiżi tal-Professur Peter Serracino Inglott li wieħed jista' jsibha wkoll f'xi verżjonijiet ta' dan il-ktieb. Ovvjament ftit li xejn hemm xi nżid, pero' xtaqt naqsam magħkom kumment għal riflessjoni (u għal dan ħadt il-liberta' biex nagħmel hekk). X'nitgħallmu mir-realta' tal-immigranti fostna? Kemm huwa diffiċli li ma jibqgħux “fir-raħal” tagħhom anke waqt li jkunu fostna? Waqt li jaspiraw li jfittxu ħajja aħjar u jafu li hija aħjar, xorta hemm xenqa għal pajjiżhom minkejja t-tbatija? Qed nagħmlu biżżejjed biex niffaċilitaw din it-tranżizzjoni u aħna, l-poplu, konxji ta' dan il-proċess?

Ktieb bħal dan ċertament mhux biss jibqa' jwassal għal diversi studji u analiżi, imma l-qarrejja bħali, jħallilna spunt għal ħafna riflessjonijiet fuq temi oħrajn madwarna.

# Żmien ta' Riflessjoni

Kif nagħmel dejjem qed nippreżentalkom żewġ kotba ġodda marbuta ma' dawn iż-żminijiet.

### It-Tpespisa tat-Tama ta' Rev Dr Ray Francalanza OSA STHD

*Din l-informazzjoni hija meħuda mill-Preżentazzjoni għall-ktieb, ta' Daniel Azzopardi*

Il-ktieb kollu joffri xenarju vast u mirqum flesperjenza umana. Ma nixtieqx li f 'dan l-istadju tal-preżentazzjoni, nagħmel xi sinteżi tal-kapitli li fih għax ma rridx intellef lill-qarrej milli jagħmel din l-iskoperta waħdu. Hemm vrus u frażijiet li trid taqrahom bil-mod sew għax minbarra li huma qawwija u inċisivi ħafna, kważi kull kelma terġa' mbagħad tiftaħlek dimensjonijiet oħra fl-istess realta.

Waqt li tkun qiegħed taqra, faċli tħoss qalb, moħħ u l-ispirtu ta' Fr Ray. Faċli timmarka l-enfasi u l-impronta partikolari tiegħu. Tħoss il-ħeġġa ta' qalbu u ta' talbu. Tħoss kliemu jmissek fil-fond ta' qalbek. Fi kliemu hemm melodija, armonija u balzmu, daqskemm hemm mumenti oħra fejn ċerti xbihat jiddisturbawk u jħalluk letteralment bla kliem. Fih hemm leħen ta' kuxjenza li hu silenzjuż u jgħajjat fl-istess ħin. Il-kitba hi limpida u mexxejja. Xejn mhu kriptiku jew imgeżwer. Xejn mhu miraġġ, virtwali jew mistħajjel. Hemm esperjenza li ssarrfet f 'kontenut psikoloġiku qawwi. Jagħti attenzjoni partikulari lil dak li s-soltu ma jidhirx mal-ewwel u josserva ħafna dettalji li l-għajn mgħaġġla mhux dejjem tintebaħ bihom. Hemm ċerta għera fil-kitba – tipika ħafna f 'Fr Ray - li tmissek u ġieli żżarmak minn ġewwa. Imma din hi forza għat-tajjeb għax tiskomodak, tqajmek mill-medjokrita, mir-raqda u mill-aljenazzjonijiet, waqt li timbuttak tfittex dejjem dak li hu l-ogħla.

Il-ħrib mill-preżent u s-sejba tal-verita huma żewġ poli oħra li Fr Ray jagħfas qawwi fuqhom. Il-mod kif imbagħad waħħad flimkien il-bnazzi u l-maltemp, il-wita u l-ostakli fit-triq, is-saram u l-intoppi tal-ħajja mal-ħolma tat-tama li ma tmutx hi xi ħaġa li tħallik profondament bla kliem. Lil Fr Ray, hu u jikkummenta fuq dak li għex, osserva u sab fil-mogħdija tal-ħajja, tħossu jimxi u jtir fl-istess ħin.

Kif inhu inevitabbli għal kulħadd, il-ħajja fl-isfumaturi u fix-xejriet kollha tagħha, aħna u nikbru tħalli dejjem marki fina lkoll! Kullimkien issibhom il-perikli, id-delliijiet, it-tniġġis, it-trabokki, ix-xquq u l-konsenturi. U l-implikazzjonijiet li joħorġu minnhom. Fr Ray isemmi b'mod ċar ħafna dak li hemm taħt is-saff oħxon tal-wiċċ. Bil-ħsieb, bil-kitba u bit-taħdit tiegħu hu jikxef b'ħila kbira l-illużjoni ta' dak li qisu jidher li huwa ġnien perfett. Kien hemm mumenti li beda jinżilli d-dmugħ hu u jsemmi ċerti sitwazzjonijiet u toroq li hu sabhom imħarbta u diffiċli.







### 'Tislima lil Kristu Sidna: Quddiem il-Kurċifiss' ta' Oliver Friggieri, ta' Terence Portelli; Pubblikatur: Reliġjon u Ħajja

Fost il-ħafna poeżiji li kiteb Oliver Friggieri (1947–2020), insibu din il-ġawhra, 'Tislima lil Kristu Sidna'. Din hi poeżija spiritwali li fiha l-poeta jitkellem b'mod imqanqal mal-Kurċifiss. Fi Kristu msallab Friggieri jara s-simbolu tat-tbatija li paradossalment isserraħ u tifdi, il-misteru li jagħti sens lill-ħajja ta' kull bniedem u lill-Istorja tal-umanità.

Id-dar tal-pubblikazzjoni 'Reliġjon u Ħajja' għarfet l-importanza ta' din il-poeżija, u għalhekk qiegħda tippubblikaha fi ktieb illustrat. Ma' vrus il-poeta qed jidhru 'l fuq minn ħamsa u għoxrin pittura klassika li jirrakkuntaw il-passjoni; flimkien, jiffurmaw vjaġġ artistiku u letterarju uniku.

Forsi ftit jafu li Oliver Friggieri kien iħobb jagħmel disinji varji, fosthom tal-Kurċifiss. F'dan il-ktieb qed tidher għall-ewwel darba għażla sabiħa tagħhom, b'uħud minnhom qed jidhru għall-ewwel darba.

Il-ktieb fih ukoll studju kritiku tal-poeżija ta' Oliver Friggieri, miktub minn Dr Terence Portelli, akkademiku fil-Fakultà tal-Edukazzjoni. Din il-kitba tistħarreġ fid-dettall: il-qrubija tal-poeta mal-Eżistenzjaliżmu Kristjan, l-istorja ta' din il-poeżija, it-temi u x-xbihat ewlenin tagħha, u l-irqaqat stilistiċi u retoriċi mħaddma. Portelli jagħti wkoll interpretazzjoni tad-disinji li l-poeta pinġa ma' vrusu, u fl-aħħar, jisħaq fuq l-ideat ewlenin li Friggieri mas-snin iddistilla u għażel bħala l-wirt morali u spiritwali tiegħu lin-nazzjon Malti kollu.

Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mis-sit elettroniku www.ruhmalta.com u mingħand il-ħwienet ewlenin tal-kotba.

# L-Oroskopju fit-tieni ġimgħa taħt iż-żodjaku ta' Aries

Bejn il-Ħadd 4 ta' April u s-Sibt 10 ta'April




### Aquarius mill-20 ta' Jannar sat-18 ta' Frar


Namaste

Iż-żodjaku għalik Aquarius se jkun ifisser mument ta' paċenzja u dan sabiex int tagħraf aktar kif tkattar l-esperjenza u l-għaqal għal dak li issa riesaq lejk. Agħraf ikkombina din il-paċenzja u żgur li jekk tagħmel dan se tagħraf kemm int se tibda tħossok aħjar u ovvjament tkun aktar iffokat.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-blu u l-oranġjo. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 5 u 9. Il-kristalla ideali għalik hija l-Ametrine.*

### Leo mit-23 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu


Namaste

Iż-żodjaku għalik Leo se jkun ifisser mument li se jispirak iżjed lejn l-abbiltà tiegħek sabiex b'hekk int tagħraf aktar il-kontroll tal-ħajja tiegħek. Dan huwa perjodu li jista' jkun li int terġa' tirbaħ dak li int tlift fil-ġimgħat li għaddew. Għalhekk issa għandek tkun iffokat sabiex tkattar aktar il-pjanjiet tiegħek.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-isfar u lewn id-deheb. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 5 u 9. Il-kristalla ideali għalik hija r-Red Tourmaline.*

### Pisces mid-19 ta' Frar sal-20 ta' Marzu


Namaste

Iż-żodjaku għalik Pisces se jkun ifisser perjodu aktar aggressiv fl-ambizzjonijiet li int tixtieq tibda twettaq. Dan jaf ikun ta' sfida għalik sabiex ovvjament turi aktar l-abbilità u determinazzjoni f'dak li int se twettaq, tesprimi u tixtieq twassal. Għalhekk issa int għandek tħares 'il quddiem b'aktar b'ottimiżmu.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-kannella u l-oranġjo. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 6, 8 u 10. Il-kristalla ideali għalik hija l-Blue Zircon.*

### Virgo mit-23 ta' Awwissu sat-22 ta' Settembru


Namaste

Iż-żodjaku għalik Virgo se jkun ifisser mument li int se żżid dik il-ħeġġa tant bżonjuża. Jekk is-soltu kont iddum sabiex tieħu deċiżjoni minn issa int ser tibda twettaq b'aktar determinazzjoni u dan ifisser li r-ritmu tal-ħajja tiegħek se jieħu xejra aktar mgħaġġla u dan se jkun ta' gwadann għal dak li tixtieq twettaq.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-blu u r-roża. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 5, 6 u 8. Il-kristalla ideali għalik hija l-iSpinel.*

### Aries mill-21 ta' Marzu sad-19 ta' April


Namaste

Iż-żodjaku għalik Aries se jkun ifisser mument ta' aktar kontroll kemm tiegħek innifsek u kemm fil-madwar tiegħek f'dak li qiegħed tesperjenza fil-preżent. Dan sabiex minn issa 'l quddiem ħafna mid-deċiżjonijiet li int se tieħu se jkunu iffokati biss fuq il-mertu tiegħek. B'hekk int minn issa tista' tagħraf aktar kif se tkattar l-istabbilità futura tiegħek.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-abjad u l-oranġjo. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 6 u 8. Il-kristalla ideali għalik hija l-Fire Opal.*

### Libra mit-23 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru


Namaste

Iż-żodjaku għalik Libra se jkun mument li int trid tagħraf kemm trid tkun aktar stabbli fil-madwar kollu tiegħek. Għalkemm bħalissa qed tkun mehdi b'ħafna proġetti kemm dawk tal-preżent u kemm dawk tal-futur, xorta waħda għandek tagħraf li tkun iffokat sabiex ma jsir l-ebda pass li jista' joħloq xi konsegwenzi.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-griż u l-isfar. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 7 u 10. Il-kristalla ideali għalik hija t-Tanzanite.*

### Taurus mill-20 ta' April sal-20 ta' Mejju


Namaste

Iż-żodjaku għalik Taurus se jkun mument fejn int trid tagħraf tkun aktar preċiż f'dak li se tibda twettaq iżda int trid tagħraf issarraf l-abbilità magħrufa tiegħek. B'hekk int tkompli miexi b'determinazzjoni u tħares 'il quddiem għal dak li riesaq lejk. Wasal il-mument ta' tkattir f'dak li tant ilek tħejji għalih.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-iswed u l-vjola. Id-dati li huma ideali għalik huma: 5, 8 u 9. Il-kristalla ideali għalik hija l-Jasper.*

### Scorpio mill-23 ta' Ottubru sal-21 ta' Novembru


Namaste

Iż-żodjaku għalik Scorpio se jkun ifisser li minn issa int trid tibda tagħraf timxi b'aktar għaqal u dan sabiex int tkun aktar iffokat missoltu sabiex ma tikkommettix ċertu żbalji meta taf li hemm il-possibiltà li jersqu lejk prospetti pożittivi. Agħraf dan sabiex dan il-mument ikun ta' tkattir għal dak li int trid tagħti risposta dwaru.

*Il-kuluri ideali għalik huma: l-abjad u l-kannella. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 5, 7 u 10. Il-kristalla ideali għalik hija l-White Coral.*

### Gemini mill-21 ta' Mejju sal-20 ta' Ġunju


Namaste

Iż-żodjaku għalik Gemini se jkun perjodu ta' aktar riflessjoni lejn dawk il-proġetti li trid tibda twettaq f'dawn ix-xhur li ġejjin. Dan jaf joħloq aktar pressjoni sakemm int tkun deċiż dwar fejn tixtieq eżatt tasal. Jekk tixtieq tara t-tkabbir int trid biss tħares 'il quddiem.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-aħmar u l-oranġjo. Id-dati li huma ideali huma: 5, 7 u 9. Il-kristalla ideali għalik hija l-Orange Sapphire.*

### Sagittarius mit-22 ta' Novembru sal-21 ta' Diċembru


Namaste

Iż-żodjaku għalik Sagittarius se jkun ifisser aktar riflessjoni għal dak it-tibdil meħtieġ li se jibda jseħħ madwarek u minħabba dan int trid tagħraf aktar tikkontrolla aktar is-sitwazzjonijiet li sejrin jiżviluppaw madwarek. Għalhekk int trid tagħraf kemm tista' tkun pożittiv b'mod speċjali waqt id-deċiżjonjiet.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-griż u l-isfar. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 6 u 9. Il-kristalla ideali għalik hija l-Yellow Beryl.*

### Cancer mill-21 ta' Ġunju sat-22 ta' Lulju


Namaste

Iż-żodjaku għalik Cancer se jkun ifisser li issa huwa dak il-mument oppurtun li tagħraf dawk l-oppurtunitajiet li hemm kemm fil-preżent u kif ukoll dawk li hemm resqin lejk. Dan jista' jitwettaq għax l-enerġija pożittiva li ġejja madwarek se tagħmlek possibbli li tirċievi dak kollu li tixtieq sabiex finalment tkun aħjar.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-aħmar u l-isfar. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 7 u 10. Il-kristalla ideali għalik hija l-Pink Opal.*

### Capricorn mit-22 ta' Diċembru sad-19 ta' Jannar


Namaste

Iż-żodjaku għalik Capricorn se jkun ifisser mument ta' aktar konċentrazzjoni sabiex minn issa int trid tibda tagħraf tikkontrolla aktar kemm l-atteġjament tiegħek kif ukoll il-mod kif se tkun twettaq il-madwar tiegħek b'aktar kalma u trankwillità sabiex b'hekk tibda tħares 'il quddiem b'aktar determinazzjoni.

*Il-kuluri ideali għalik huma l-aħmar u l-kannella. Id-dati ideali għalik għal din il-ġimgħa huma: 4, 5 u 7. Il-kristalla ideali għalik hija t-Turquoise.*

KOMPETIZZJONI:

Ir-Rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ġimgħa l-oħra huma dawn: L-ewwel premju: **MARTIN BORG MILL-KALKARA**; it-tieni premju: **C. DESPOTT MINN BIRŻEBBUĠA**.

Il-mistoqsija sempliċi ta' din il-ġimgħa: **Iż-żodjaku ta Aries taħt liema element jaqa', taħt l-element ta' ilma, ta' nar jew ta' arja?**

Ibgħat it-tweġiba postali tiegħek lil: PaulJon "Kompetizzjoni t-Torċa" PO Box 27, Paola.

Ir-rebbieħa titħabbar mal-artiklu tal-Ħadd li ġej.




**L-ewwel premju:** L-aħħar pubblikazzjoni ta' PaulJon b'valur ta' €30

**It-tieni premju:** Voucher b'valur ta' €30 fi trattament tas-sbuħija, mogħti minn Angels and Crystals Beauty Wellness Salon, Marsascala. Flimkien ma' tifkira tal-Kalendarju Żodjaku (2020).

# Il-Partit Nazzjonalista jistad f'baħar imqalleb



RAY ABELA

Kulħadd għandu għajnejn biex jara u widnejn biex jisma' minbarra tal-PN u l-alleati tagħhom fil-midja. Mela la darba huwa hekk, kulħadd jaf li l-popli kollha tad-dinja, fil-pajjiżi kollha tad-dinja din il-pandemija invadiethom bil-qawwa, li huwa fattur ewleini biex sfronda s-sistema tas-sanita pubblika tal-maġġoranza kbira tagħhom, ħoloq kaos u kkaġuna kolass tal-ekonomiji nazzjonali u globali, falla u sparixxa setturi intieri tal-ekonomija bħal ma huma turiżmu, catering, servizzi u kummerċ filwqat li heżżeż mill-pedamenti lil kull min inzerta fil-gvern.

## L-uniku huwa pajjizna...

Ħadt m'għandu l-ardir li jqum u jmerini meta ngħid li ċ-ċkejken pajjiżna, l-iżgħar membru tal-UE huwa l-uniku wieħed fost il-membri kollha, li baqa' jirreżisti u ma ħalliex lill-Covid-19 jimmaskra l-ekonomija tagħna, l-uniku fejn is-sistema tas-Saħħa Pubblika ma ħallitux jitfagħha l-baħar, l-uniku fejn ma ġiet ebda taxxa ġdida jew żdiet xi taxxa fuq il-poplu, l-uniku fejn il-pagi, l-istipendji u l-pensjonijiet baqgħu jiżdiedu, l-uniku fejn il-Gvern baqa' jħallas il-pagi tal-ħaddiema tal-industriji milquta beiex dawn ma jżarmawx, l-uniku fejn il-finanzi sodi ta' gvern għaqli u paternali ppermettew li l-industrijalisti u n-negozjanti jingħataw miljuni ta' ewro biex jissopravivu din il-misħuta pandemija.

U ippermettuli ngħid, li l-Gvern Laburista ta' Robert Abela huwa l-uniku wieħed ukoll, li ħaseb b'għaqal, serjetà u professjonalità biex il-poplu tagħna jkollu vaċċini biżżejjed biex kulħadd jitlaqqam kemm jista' jkun malajr. Kienu qajmu pandemonju tal-PN, għax il-Prim Ministru Robert Abela kien qal li komparata m'a pajjiżi oħra Malta hija ġenna. Illum meta pajjiżi kbar u potenti bħall-Ġermanja, l-Italja, Franza u tant oħrajn jinsabu f'kaos fuq il-provisti tal-vaċċini, aħna uffiċjalment rikonoxxuti li ninsabu l-ewwel fil-lista. Mhux hekk biss, izda minn ta' quddiem nett minn kemm laqqamna nies tal-poplu taghna sa' issa! Aktar minn kwart tal-popolazzjoni mlaqqma f'anqas minn tlett (3) xhur!

## Ir-risposta Nazzjonalista għall-Covid-19

Il-poplu li jara u jisma' x'inhu jiġri barra, jinsab ixxukkjat u irrabjat bir-risposta Nazzjonalista kontra l-isfida mortali tal-pandemija. Minflok ipprova jagħti sehmu biex l-effetti diżastrużi tal-Covid-19, jew almenu jibqa' newtrali, l-PN wieġeb għall-kriżi bi tliet inizjattivi oxxeni, intiżi biex jiżżuppjaw lill-Gvrn Malti fil-ħidma fejjieda tiegħu b'risq il-poplu. Agħar minn din l-istrateġija kienet it-tattika Nazzjonalista li jippruvaw jagħtu d-daqqiet ta' stalletti bla ebda mistħija kemm hawn Malta, kif ukoll barra minn pajjiżna.

Filwaqt li l-Gvern Laburista immobilizza r-riżorsi tiegħu kollha, finanzjarji, sanitarji, ekonomiċi, umani u infrastrurali biex ebda piż ma jinżel fuq spallejn il-poplu, imma jġorru biss l-istess Gvern, il-politika u l-mira tal-PN ingranat biex tfixkel fejn tista' l-isforzi tal-Labour fil-ġlieda titanika biex tbiegħed il-marda; bi proposti ta' miżuri u kontro-miżuri intiżi biex joħolqu kaos fil-pajjiż; biex tiġġamja l-ekonomija u hekk jidilagaw il-qgħad, il-faqar u l-miżerja; u li tuża kull gidba u kull spekulazzjoni biex tbiegħed l-investimenti minn pajjiżna billi tixli lil Malta f'kull forum internazzjonali.

Mhux ta' b'xejn li, l-poplu huwa tant mgħaddab għal dan. Il-Ħames Kolonna Nazzjonalista fi Brussels, qed timmobilizza lill-alleati tal-PN fil-Parlament Erwopew biex jiġġudikaw huma l-assassinju ta' DCG u mhux il-Qrati leġittmi Maltin. Ara fejn qatt instemgħet fl-istorja tal-Bniedem, li l-leġislattiv jieħu post il-ġudizzjarju.

Huma mhux jeħilsu l-poplu mill-pandemija iridu, imma li jużaw din il-pandemija biex iwaqqu l-Gvern Laburista.

Huma mhux isolvu d-delitt ta' DCG, li jekk qabel lil xi ħadd, żgur li ma qabilx lill-Labour, imma jużaw kull strataġemma moqżieża biex jaraw kif jinvolvu lill-Gvern.

Jafu li qatt ma jistgħu jirbħu lill-Labour fuq livell politiku u bis-sewwa, allura lesti jirrikorru għal kull deni possibli li jeżisti.

## Razziżmu Politiku

Kull osservatur politiku li mhux mogħmi b'mibgħeda kontra l-Labour jikkonkludi li l-istrateġija Nazzjonalista li jippruvaw jirbħu billi joħolqu l-odju, l-firda, d-diżgwid u r-rovina tal-ekonomija minflok joffru alternattiva serja għall-gvern preżenti, hija telliefa minn ġuf ommha. Tista' biss twelled rabja popolari kontra min qed jittradixxi lil pajjiżna billi mhux biss jipprova jfixkel lill-Gvern milli jeħlisna malajr kemm jista' jkun minn pandemija li tmarrad u toqtol mhux lill-Laburisti biss. Il-virus tal-Covid-19 kontra dak li jaħsbu tal-PN ma jħarisx lejn l-uċuħ.

Jien konvint moramlment li l Nazzjonalisti jemmnu, kif stqarru pubblikament xi. esponenti li jappoġġjawhom li aħna l-Laburisti inferjuri li n-natura tagħna ma tippermettilnix li mmexxu lil pajjiżna, allura l aħna inferjuri. Konvint moralment li huma r-razza superjuri, huma jistgħu jużaw kull mezz leċtu u illeċtu biex l-ordni divin jerġa jkun stabbilit favur tagħhom. Konvint moralment li għalhekk l-politika Nazzjonalista hija ferm agħar minn immorali. Hija amorali. Jekk taġixxi immoralment, dan iffisser li għandek almenu kuxjenza. Taf li qed tagħmel ħażin u tkompli tagħmlu biex tieħu li trid. Imma jekk tkun amorali jiġifieri li int lanqas kuxjenza m'għandek biex tiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin.

## Poplu Maqgħud, Poplu Rebbieħ

L-unika risposta xierqa li l-poplu jista' jagħti quddiem il-perodija Nazzjonalista hija għaqda sħiħa msaħħa bi spirtu kumbattiv kemm bejnitna kif ukoll mal-Prim Ministru Robert Abela u l-Gvern Laburista. Jiena għandi fiduċja kbira fl-intelliġenza u sens komun tal-Maltin u l-Għawdxin u allura ċert li ilhom li ndunaw li l-PN huwa biss struttura amorali klassista, bla ebda skruplu u ġieħ. In-Nazzjonalisti dejjem mhux biss iddemonizżaw lill-mexxejja Laburisti imma għażlu li jissagrifikaw id-dinjità u l-għixien diċenti tal-poplu biex tibqa' tirrenja l-klikka privileġġjata.

Jekk kien hawn ftit ġenwini li kienu għadhom ma irrealzzawx din il-verità, l-imġieba u l-immaturita politika tal-Capo ġdid tagħhom ma ħalliet ebda dubju. Konvint moralmentt jien li lesti jixlu b'qerq lill-art twelidna fil-Parlament Ewropew bl-iskuża tal-qtil ta' DCG għax xammew li b'hekk ikollhom ċans jinfluenzaw lill-Moneyvall tpoġġi lil Malta fuq il-lista griża. Hekk ma jkollnix investimenti, ma jkollniex impiegi. Dan huwa l-għajb li l-klikka Nazzjonalista tixtieq lil Malta u lil Għawdex tagħna.

Lesti li jagħmlu minn kollox biex jeqirdu kull tama ekonomika f'pajjiżna biex jirrenja l-faqar, in-nuqqas ta' xogħol u wisq aktar il-ġid u l-prosperità fost il-familji Maltin u Għawdxin.

Konvint moralment li t-tattika tagħhom matul il-pandemija kienet intiża biex timmoltiplika d-diffikultajiet u tgerfex is-sitwazzjoni. Iktar morda, iktar voti, iktar imwiet, iktar inkwiet għall-gvern, inqas vaċċin disponibbli, iżjed nies irrabbjati. Anke hawn fallielhom.

Il-ħażin qatt ma jredni, in-negattività qatt ma ġabet progress.... li tikkritika, li tmaqdar, li tgħir jwassluk dritt lejn il-falliment. Meta tipponta subajk lejn ħaddiehor ftakar li għandek erbgħa oħra jippuntaw lejk.

## Diskors eċċellenti mill-Prim Ministru ...

L-aħħar diskors tal-Prim Ministru Robert Abela daħħalhom sewwa sew f'qoxrithom. Issa daqshekk kumplotti, daqshekk użu tal-ġustizzja għall-finijiet politiċi, daqshekk paċenzja. Il-PN sar l-ikbar periklu għad-Demokrazija. Mhux veru jridu s-Saltna tad-Dritt. Irridu l-poter u bl-inganni tagħhom mhux se jisirquh. Robert Abela mhux se jħallihom ikissru l-futur tal-poplu tagħna.

Nemmen li ċ-ċirkostanzi li smajna din il-ġimgħa, fixklu mhux ftit lilna l-Laburisti u lil poplu Malti, imma dak li Robert Abela wiegħed hekk kif ħa f'idejh dan il-Gvern, qed iwettqu b'determinazzjoni u impenn liema bħalu.... fl-eqqel ta diversi problemi u diffikultajiet f'diversi oqsma minħabba l-pandemija.

Nemmen li sa fl-aħħar ir-rebħa tagħna fuq dawn id-diffikultajiet ser terġa' tkun, u bħal ma dejjem tgħallimna, prattikajna u ħaddanna – MALTA L-EWWEL u QABEL KOLLOX.

# NISEL IL-BARUNI TAL-IMDINA



JOSEPH SERRACINO
serracinoj@gmail.com

>> ikompli mill-aħħar ħarġa



"Jien kont naħdem fil-kċina tas-Sinjur tiegħi," qabżet Medina.

"Imma x'kont tagħmel? Taf issajjar? Kapaċi tagħmel il-faċendi kollha li jinqalgħu fil-kċina?"

"Iva!" lissnet bi tbissima.

"Tixtieq xogħol fil-kċina?" staqsieha.

"Iva! Jien kont nieħu ħsieb il-kċina tas-Sinjur tiegħi, sakemm żewġt irġiel serquni mid-dar tiegħu, tefgħuni fuq xini u ġimgħa wara sibt ruħi lsira hawn," qaltlu b'għajnejha mimlijin dmugħ.

"Jiddispjaċini! Iżda għall-magħmul m'hemmx kunsill! La qed tgħidli li taf issajjar, xogħlok se jkun fil-kċina u tgħin lill-koka tal-palazz... Gerit għandha qalbha tajba ħafna! Obdiha u tmur tajjeb magħha! Il-koka tagħna mara kbira u għandha bżonn ħafna għajnuna," qalilha waqt li dawwar ħarstu fuq Malika. "U int? X'kien xogħlok?"

"Jien ma kontx naħdem," lissnet b'vuċi kemmxejn għolja. "Missieri hu l-Paxa Ahmed Omar Karim, ħabib kbir tas-Sultan Muhammed tal-Alġerija, jekk is-sinjur jogħġbu jibgħatni lura, missieri jagħtih somma kbira ta' flus biex jifdini mill-jasar."

"Sinjur, fil-palazz ta' missieri, il-Paxa Ahmed Omar Karim, jien tgħallimt ilqari u l-kitba. Naf tajjeb ilFranċiż, it-Taljan u l-Geografija. X'hemm bżonn li titgħallem aktar biex tkun skular tajjeb?"

Patist ħares lejha u beda jixtarr kliemha.

"Għada meta tkellem lis-Sinjur għidlu kif sibt ruħek ilsira. Ibqa' ċerta li jekk ikun jista' jgħinek mhux se jibqa' lura. Sadanittant, sakemm tibqa' magħna, se nkellem lis-Sinjura fuqek biex tara hi x'xogħol tista' toffrilek. Int kif tmur mat-tfal? Tħobbhom xejn?" staqsieha b'vuċi kalma.

"Ħafna, Sinjur!" qaltlu waqt li għajnejha xegħlu bil-ferħ.

"Kollox sew! Issa mmur inkellem lis-Sinjura biex għada f'xi ħin tibgħat għalikom it-tnejn u tkellimkom. Sadanittant, issa inżlu fil-kċina u għidu lill-koka li intom dħaltu sefturi magħna u ħallu f'idejha."

Iż-żewġ tfajliet irringrazzjaw lil Patist u marru flimkien fil-kċina jfittxu lill-koka. Gerit laqgħethom b'ferħ kbir fuqha u għal xi ħin qagħdet titkellem magħhom dwar il-familji tas-Sinjuri nobbli tagħha.

* * *

L-għada filgħodu t-tliet ilsiera dehru mill-ġdid quddiem il-Ħakem. L-ewwel li daħal quddiemu kien Mahmet, żagħżugħ ta' madwar 23 sena, twil, mibni saffejn, kemxejn samrani, b'bixra ta' karattru tajjeb u kwiet.

Giacomo ħares lejh fit-tul u waqt li beda jħokk bil-mod ilħiltu qallu, "Mahmet, tixtieq li nagħtik xogħol fil-palazz jew tippreferi xogħol fl-għelieqi tiegħi?"

"Nippreferi kieku xogħol fil-palazz, Sinjur," tenna bil-mod.

"Ilbieraħ semmejtli lis-Sinjur li kellek fl-Alġerija! Minn kliemek tajtni x'nifhem li kien kattiv ħafna mal-qaddejja tiegħu?" staqsieh.

"Kellu qalbu ħażina! Kien jaħqar lill-ilsiera u miskin hu min jikser l-amar tiegħu għax kien jiġi msawwat minnu bla ħniena. Kellu ħafna lsiera, il-parti kbira minnhom ilsiera Nsara. Kien kattiv magħhom! Jien kont qaddej ħieles u dejjem qdejt dmiri fedelment lejh iżda meta ħarrabt lit-tfajla li kont inħobb u nqbadt, għaddejt minn torturi kbar sakemm żvelajt fejn kienet moħbija. Li kieku wieħed minn sħabi ma ħennx għalija u ħarrabni mill-palazz, kieku llum jien ninsab taħt it-trab," tenna l-ilsir.

Giacomo segwa l-istorja tiegħu b'attenzjoni kbira.

"Jekk tkun fidil miegħi u tagħmel dejjem dak li nitolbok b'għajnejk magħluqa, int ma jkun jonqsok xejn f'dan il-palazz," assigurah il-Ħakem.

"Sinjur, jien lest li nagħmel kollox biex nikkuntentak barra li nsawwat jew noqtol lil xi ħadd. Il-kumplament, għidli xi jkollok bżonn u dejjem issibni lest għall-kmand tiegħek."

"Mahmet," tenna Giacomo, "jien għandi bżonn bniedem miegħi li nista' nafdah b'għajnejja magħluqa u li jżomm fommu magħluq f'kull ċirkostanza li jsib ruħu fiha. Minbarra hekk, irrid inkun ċert mil-lealtà tiegħu lejja u lejn il-familja tiegħi. Dak biss li rrid minnek! Għal affarijiet oħra aktar delikati minn dak li qed nitolbok għandi n-nies tiegħi."

"Nagħtik kelma li jien inkun il-qaddej fidil tiegħek, Sinjur," tenna Mahmet b'rasu baxxuta lejn l-art.

"Tajjeb! Issa mur sib lil Patist u jgħidlek hu x'se jkun xogħlok u x'nistenna minnek ta' kuljum. Stenna! Stenna ftit! Int tirkbu ż-żiemel?" staqsieh bil-ħatfa.

"Iva, Sinjur!"

"Mela wara li tkellem lil Patist, mur fl-istalla u għid lil Gori biex jagħżillek żiemel biex minn għada filgħodu tibda toħroġ miegħi bħala skorta personali. Qis li tkun armat b'xabla u b'pistola," ordnalu waqt li ssokta, "għid lil Gori li wara l-ikel għandi bżonn inkellmu."

Mahmet sellem lill-Ħakem u mar ifittex lil Patist li kien diġà ltaqa' miegħu.

Wara Mahmet, daħlu quddiem Giacomo ż-żewġ tfajliet, li baqgħu bilwieqfa qud-

diem l-iskrivanija tiegħu. Ta' żagħżugħ li kien ta ħarsa ħelwa lejhom u moħħu mal-ewwel imtela b'ħafna ħsibijiet. Għamel sinjal lill-iżgħar waħda minnhom u qalilha, "Fakkarni x'jismek."

"Medina, Sinjur," weġbitu ttemtem.

"Patist dalgħodu qalli li bagħtek tgħin lill-koka tal-palazz. Gerit mara kbira u għandha bżonn ħafna għajnuna! Kuntenta b'xogħlok fil-kċina?" staqsieha.

"Ħafna, Sinjur... Gerit mara tajba u jien insir inħobbha daqslikieku kienet ommi li mietet ftit xhur ilu," tenniet b'vuċi miksura Medina.

"Kultant ikollok bżonn toħroġ tixtri u tagħmel xogħlijiet oħra fil-palazz barra dak tal-kċina iżda naċċertak li jkollok il-ħin biżżejjed għall-mistrieħ u għat-tagħlim tal-ħjata u l-bizzilla," qalilha b'kalma kbira waqt li ssokta, "ħaġa waħda nixtieq minnek u minn Malika," hekk kif dawwar ħarstu lejn it-tfajla l-oħra, "li meta toħorġu mill-palazz qatt ma toħorġu waħedkom u kliem ma' ħadd."

Iż-żewġ xebbiet ħarsu lejn xulxin u baxxew rashom bħala sinjal li se jobdu l-ordni tas-Sinjur tagħhom.

"Meta int tista' tmur fil-kċina u tkompli xogħlok hemm. Għid lil Gerit biex tgħallmek kulma taf hi ħalli meta tkun ma tiflaħx tieħu ħsieb int minflokha."

Medina sellmet lis-sinjur tagħha u lil seħbitha u ħarġet minn quddiem il-Ħakem. Sadanittant Giacomo qam bilwieqfa, resaq lejn tieqa kbira li kienet tagħti għall-bitħa u lemaħ lil martu u lil uliedu niżlin mill-kaless li kien ġabhom lura mill-katidral tal-Imdina.

Dar lejn it-tfajla u staqsieha, "dalgħodu ltqajt mas-Sinjura u wliedi?"

"Iva! Sinjur. Is-Sinjura kienet twajba ħafna miegħi! Għal ftit tal-ħin ħallietni wkoll nilgħab mat-tfal tiegħek," lissnet bil-mod waqt li kompliet, "is-Sinjura tixtieq ħafna li t-tfal ikollhom min jieħu ħsiebhom u joħroġhom passiġġata fil-ġnien. Qaltli li se tkellem lilek biex tara jekk taċċettax li nibda nieħu ħsiebhom jien jew għandekx f'moħħok li timpjega lil xi ħadd ieħor."

Giacomo ħares lejn Malika u tenna b'vuċi soda, "it-tfal tiegħi barra protezzjoni u mħabba għandhom bżonn it-tagħlim biex jifitħu moħħhom u jimmaturaw. Jien ma naħsibx li int tista' tgħinhom fl-istudju tagħhom."

"Sinjur, fil-palazz ta' missieri, il-Paxa Ahmed Omar Karim, jien tgħallimt il-qari u l-kitba. Naf tajjeb il-Franċiż, it-Taljan u l-Ġeografija. X'hemm bżonn li titgħallem aktar biex tkun skular tajjeb?"

Giacomo, sorpriż bl-għerf tat-tfajla li kellu quddiemu ħares lejha b'ċerta ammirazzjoni.

"Brava! Brava ħafna! Jekk int kapaċi tgħallem dan kollu lil uliedi, ħaqqek ħlas xieraq," qalilha. "X'titlob bħala ħlas għal dan l-impenn?"

"Il-libertà! Li nerġa' mmur l-Alġerija u nara lil missieri!"

Giacomo ħares fiss lejha u ma weġibhiex.

"Il-ħelsien f'Malta nista' nagħtik," lissen wara pawsa qasira, "iżda ma nistax inħallik tmur lura f'pajjiżek. Jien nista' neħilsek minn ilsira u tibqa' tgħix fil-palazz magħna, mhux bħala qaddejja iżda bħala governanti ta' wliedi u dak kollu li titlob din il-kariga. Tiekol mal-familja tiegħi u jkollok il-libertà kollha li toħroġ u tmur fejn trid. Dan biss jien nista' noffrilek jekk int tagħtini kelma li lesta tieħu ħsieb uliedi u tgħallimhom dak li taf int."

Malika dehret mitlufa fil-ħsieb.

"Tkunx belha," qalilha Giacomo hekk kif resaq ħdejha. "Naċċertak li f'dan il-palazz ma jkun jonqsok xejn! Hawnhekk issib il-paċi u s-serħan ta' moħħok."

"U s-serħan tal-qalb nista' xi darba nsibu meta jien mifruda minn missieri?" staqsietu b'għajnejha mimlijin dmugħ. "Nitolbok, Sinjur, ibgħatni lura f'pajjiżi u missieri jagħmlek sinjur kbir. Int u l-familja tiegħek tkunu protetti fil-pajjiżi kollha tal-Barbarija, minnu u warajh minni. Ħadd ma jagħmlilkom ħsara għax is-setgħa li għandu missieri hi kbira daqs tas-Sultan tal-Alġerija."

Il-Ħakem beda jtiegħem kliemha b'attenzjoni kbira. Li kieku ried hu seta' jeħlisha iżda hu riedha għalih u ma xtaqx li jitlifha.

"Itlobni kulma trid u jekk nista' nagħtuhulek iżda li nibagħtek lura pajjiżek ma nistax. Nibża' li fi triqtek lura tinqabad mill-ġdid u ssib ruħek fil-jasar mill-ġdid. Isma' minni! Aċċetta dak li qed noffrilek! Tibżax, għad jasal il-jum li int terġa' lura f'pajjiżek, iżda fiċ-ċirkostanzi li għaddej minnhom pajjiżna f'dan iż-żmien, jien ma nistax naqtagħlek xewqtek," qalilha waqt li kompla, "ħu ħsieb uliedi, għallimhom u ħobbhom daqslikieku kienu tiegħek, kun obbidjenti u fidila lejn is-Sinjura tiegħek u magħna tgħix kuntenta."

Malika baqgħet siekta! Il-ħarsa tagħha kienet imnikkta.

"Issa mur għid lis-Sinjura li jien aċċettajt li int tibda tieħu ħsieb it-tfal u l-edukazzjoni tagħhom. Jekk fi żmien sena, f'dak li hu tagħlim nosserva progress fit-tfal, inwegħdek li neħilsek mill-jasar u naħtrek il-governanti tagħhom," qalilha waqt li ntasab mill-ġdid fuq is-siġġu, ħareġ karta mill-kexxun tal-iskrivanija, kiteb xi ħaġa fuqha u wara deher jiffirmaha.

Malika b'għajnejha mfawrin bid-dmugħ ħarġet mill-uffiċċju ta' Giacomo mħassba.

* * *

Malika marret tfittex lis-Sinjura tagħha u sabitha tilgħab ma' wliedha. Mart il-Ħakem mill-ewwel inġibdet lejn Malika! Meta fil-ftit ħin li laħqet kellmitha osservat iż-żgħożija u l-imġiba ħelwa tagħha mat-tfal, xtaqet li żewġha jafdahom f'idejha. Bħala mara kkunsidrat ukoll il-periklu li madwarhom ikollhom żagħżugħa sabiħa bħalma kienet Malika, iżda hi kellha fiduċja għamja f'żewġha li kien iħobbha ħafna, u għalhekk ma ħallietx li jinbtu f'moħħha ħsibijiet dwar l-integrità u s-sinċerità tiegħu.

Meta Malika qaltilha li s-Sinjur kien aċċetta li tieħu ħsieb uliedhom u t-tagħlim tagħhom, Giovanna baqgħet tħares lejha u sorpriża ħafna li żewġha afda l-edukazzjoni ta' wliedu f'idejha, qaltilha, "Malika, ngħidlek is-sewwa kienet ix-xewqa tiegħi li int tieħu ħsieb it-tfal iżda li tak f'idejk l-edukazzjoni tagħhom ma nistax nifhem fuq liema kriterju."

"Sinjura, kif għidtlek dalgħodu meta kellimt lili u lil Medina, jien bint il-Paxa Ahmed Omar Karim tal-Alġerija, u bħala tali, ħtieġli li nkun mgħallma tajjeb. Peress li missieri ma kellux subien u jaf li dak kollu li jippossjedi għad xi darba jgħaddi għandi, xtaq ħafna li jippreparani tajjeb u nkun naf dak kollu li hu meħtieġ biex inżomm posti fis-soċjetà li trabbejt fiha. Issa miskin jinsab waħdu, ma fadalu lil ħadd min jieħu ħsiebu," lissnet b'vuċi miksura.

"Jiddispjaċini ħafna nisimgħek tgħid hekk, Malika, iżda jien ma nista' nagħmel xejn biex neħilsek," qaltilha Giovanna. "F'Malta rari ħafna jinħelsu lsiera. Iżda toqgħodx issewwed qalbek. Magħna, fil-palazz, ma jkun jonqsok xejn u jkollok il-libertà li toħroġ u tmur fejn tixtieq, basta jien inkun naf fejn sejra biex jekk ikolli bżonnok insibek."

"Grazzi, Sinjura. Int qalbek tajba ħafna," weġbitha b'rasha baxxuta lejn l-art. "Ħaġa waħda nixtieq mingħandek!"

"X'inhi?" staqsietha Giovanna.

"Li titlob lis-Sinjur li meta jintalab li jsir xi tpartit tal-ilsiera bejn iż-żewġ pajjiżi, jien inkun waħda minnhom," talbitha.

Il-mara tal-Ħakem ħarset lejha u tħassritha ħafna.

"Ħalli f'idejja. Inkellmu fuq ix-xewqa tiegħek," qaltilha wara pawsa qasira. "Dwar l-edukazzjoni tat-tfal, int x'tista' tgħallimhom?"

"Jiktbu u jaqraw l-Għarbi, it-Taljan u l-Franċiż li jien tgħallimthom taħt l-aqwa skulari li missieri ħallas biddeheb biex jgħallmuni. Jien naf ukoll it-tagħlim bażiku tal-Ġeografija."

"Brava tassew! Inti mażżmien tista' ssir il-governanti ta' Marco u Giuseppe," qaltilha bi tbissima fuq fommha.

"Hekk qalli s-Sinjur. Wegħedni li jekk fi żmien sena josserva progress fit-tfal, f'dak li hu tagħlim, jeħlisni mill-jasar u jaħtarni governanti tagħhom bil-patt u l-kundizzjoni li nibqa' ngħix fil-palazz u nieħu ħsieb it-tfal."

"Qed tara kemm għandu qalbu tajba r-raġel tiegħi biex f'qasir żmien se jagħtik il-ħelsien," qaltilha mħassba. "Safejn niftakar jien, kemm ilu ħakem ta' Malta qatt ma wiegħed ħelsien lil xi lsir li għandna fil-palazz," tenniet b'vuċi soda.

Malika baxxiet rasha u minn taħt l-ilsien weġbitha, "ix-xewqa tiegħi dejjem tibqa' li mmur lura f'pajjiżi. Bil-ħelsien kollu li wiegħed is-Sinjur, jekk nibqa' ngħix hawn Malta, xorta waħda nħossni li għadni lsira."

Ma' dawn il-kelmiet, Malika baxxiet rasha quddiem is-Sinjura tagħha, daret fuq Marco u Giuseppe u bdiet tilgħab magħhom. Giovanna ħarset lejha u bejnha u bejn ruħha bdiet tistaqsi dejjem l-istess mistoqsijiet, "għaliex żewġi wegħdha l-ħelsien? X'għandu f'moħħu? Xi prezz se jġagħalha tħallas għalih?'

Dawn il-mistoqsijiet iberrnu f'moħħha, ma ħallewhiex kwieta u ħawduha ħafna!

* * *

## Kapitlu 3

Barra l-laqgħat ta' korteżija ma' dinjitarji, bħalma huma ambaxxaturi, l-Isqof u s-Sid Castrum del Mare u żjarat ta' rutina fl-irħula li normalment il-Ħakem kien ikollu matul in-nofsinhar tal-filgħodu, l-attività tiegħu fil-palazz kienet tibqa' għaddejja tul il-ġimgħa kollha sa tard filgħaxija, f'laqgħat separati ma' diversi korpi amministrattivi, mal-Ġurati, mal-Maġistrati, l-uffiċjali tal-qorti, kapijiet tad-Dejma, kapijiet taI-irħula u laqgħat oħra fejn tidħol l-ordni, id-dixxiplina u s-sigurtà ta' Malta.

>> Tkompli f'ħarġa oħra




## Kliem bl-ittra "A"

■ Għaqqad mill-inqas 18-il kelma bi tlett ittri jew iżjed b'ittri li jidhru hawn fuq. L-ittra "A" li hemm fin-nofs trid tidħol f'kull kelma. Hemm kelma li fiha 10 ittri.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| A | D | C | B | 69 |
| A | C | A | D | 49 |
| B | D | C | B | 89 |
| B | C | A | D | 69 |
| 92 | 46 | 30 | 108 | |

## Numri flok ittri

■ Poġġi numri flok l-erba' ittri li jidhru hawnhekk. Kull numru fuq barra huwa t-total tal-erba' numri bi drittu, kemm weqfin kif ukoll mimdudin.

| | | |
|---|---|---|
| A | K ÷ U | |
| B | V x C | 22 |
| C | Q ÷ J | |
| D | E - N | |
| E | F + I | |
| F | I x X | |
| G | R - I | 21 |
| H | V + A | |
| I | F ÷ X | 5 |
| J | K - Z | |
| K | C x L | 18 |
| L | J + P | |
| M | C x O | |

| | | |
|---|---|---|
| N | W ÷ C | |
| O | S - J | |
| P | Q - S | |
| Q | C x J | 16 |
| R | D + D | |
| S | I x U | |
| T | R - U | 23 |
| U | W ÷ J | 3 |
| V | A + I | |
| W | N x C | |
| X | N ÷ U | 4 |
| Y | B - U | |
| Z | A + X | |

## Ittri u numri

■ L-ittri mill-A saż-Z għandhom numru, mill-1 sas-26. X'uħud min-numri assoċjati mal-ittri jidhru diġà fit-tielet kolonna fuq il-lemin. Ara jirnexxilekx issib liema huma n-numru assoċjati mal-ittri l-oħrajn bl-għajnuna tat-tagħrif li hemm fil-kolonna tan-nofs..

## Deffes il-kliem kollu

| | | | |
|---|---|---|---|
| BOMBA | KOLLA | RAMPA | SMIDA |
| DROGA | LIBSA | RATAL | SPTAR |
| FANAL | QABAR | RIZZA | STOLA |
| FLOKK | QAMAR | SADID | SULAR |
| KLIMA | RAĦAL | SALIB | ŻBALL |

■ L-għoxrin kelma b'ħames ittri li jidhru hawn fuq jistgħu jidħlu kollha fil-kaxxa. Sibilhom posthom. Hemm kelma diġà f'postha biex tkun tista' tibda.






# Sib 59 kelma

■ Id-59 kelma li jidhru hawn qegħdin x'imkien fil-kaxxa bl-ittri. Ipprova sibhom. Dawn jistgħu jkunu mimdudin, weqfin, djagonali u anke miktubin ta' wara quddiem basta f'sinjal dritt. L-ittri tista' tużahom aktar minn darba u trid tużahom kollha.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| W | E | R | Q | A | D | D | I | S | A | L | A |
| I | I | A | L | E | Ġ | A | R | U | T | A | N |
| Ċ | D | D | E | G | R | O | Q | A | Q | S | I |
| Ċ | I | J | N | R | K | Q | A | N | F | U | D |
| G | G | U | T | A | A | A | B | U | F | F | U |
| N | A | T | I | S | P | M | A | K | E | F | P |
| U | U | L | T | S | L | A | R | K | L | A | P |
| T | P | N | L | A | A | R | R | A | R | R | L |
| N | A | Ħ | A | I | X | U | E | T | R | A | I |
| A | L | L | O | K | N | U | W | I | I | V | B |
| K | A | X | X | A | R | A | G | N | A | T | S |
| R | U | N | N | I | P | A | R | A | T | L | A |

ALPA
ALTAR
ARKA
ARMA
BARKA
BUFFU
FARD
FEKRUNA
GALLINA
GALLINAR
GARAXX
GIDI
GRASS
GWERRA
KAMP
KANTUN
KANUN
KATINA
KAXXA
KOLLA
KORS
LENTI
LIBSA
NAĦA
NANU
NATURA
PALA
PALK
PARAT
PARTIT
PARTITA
PINNUR
PUDINA
QABAR
QADDIS
QAMAR
QANFUD
QASTNA
QERQ
RADJU
RAFF
RAĠEL
RIGA
RKANT
SALA
SAQQU
SQAQ
STANGA
SUFFARA
TAKKUNA
TINA
TRAPAN
VARA
WERQA
WIĊĊ
WIDNA
XALPA
XATT
XUGA



# Tisliba bin-numri

■ Dawn in-numri jistgħu jidħlu kollha f'din it-tisliba. Sibilhom posthom – hemm żewġ numri diġà f'posthom biex tkun tista' tibda.

Bi 3
187
241
286
352
419
518
748
852

B'4
2735
3745
4167
7266

B'5
56478
63427
65233
79453

B'6
471483
488840
555934
673542

B'7
2523655
2701555
2763573
4842312
5859677
6244625
6857345
6908941
7097834
7805223
9286632
9686000



# L-akbar mejda

■ Liema tahseb li hi l-akbar mejda minn dawn it-tnejn li jidhru hawn fuq?

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2 | | | 3 | | | 9 | |
| | | | 6 | 4 | | | | 2 |
| 7 | 9 | | | | 5 | 3 | 1 | |
| 4 | | 5 | 9 | | | | 2 | |
| 2 | | | | 1 | 6 | | | |
| | 1 | 8 | | 2 | | | 7 | 5 |
| | 5 | 1 | 7 | | 4 | | | |
| 3 | | 7 | | | | 1 | 4 | |
| 9 | | 2 | | | 1 | | | 7 |

# Sudoku... mill-1 sad-9

■ Poġġi n-numri mill-1 sad-9 fil-kaxxi l-vojta basta kull disa' numri mimdudin u weqfin bi dritt xulxin u anke kull disa' kaxxi kwadri 3 x 3 kif immarkati jkun fihom in-numri kollha mill-1 sad-9.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | | | S | K | | | |
| 2. | | | K | K | | | |
| 3. | | | L | E | | | |
| 4. | | | P | U | | | |
| 5. | | | N | I | | | |
| 6. | | | L | L | | | |
| 7. | | | T | I | | | |
| 8. | | | T | T | | | |

# Kliem b'ittri neqsin

■ Loghba sempliċi… tmien kelmiet b'sitt ittri kull wahda imma bl-ewwel żewġ ittri u bl-ahhar żewġ ittri neqsin. Sib il-kliem. F'xi każi jista' jintuża diversi kliem differenti.

# Soluzzjonijiet ta' ġimgħa ilu

**Kliem bl-ittra "R"**
Sulfarina - Farsa - Sular - Isfar - Safra - Sufra - Lira - Sura - Fra - Far - Ras - Nar - Sur

| | |
|---|---|
| A - 20 | N - 6 |
| B - 14 | O - 10 |
| C - 5 | P - 1 |
| D - 17 | Q - 23 |
| E - 25 | R - 7 |
| F - 13 | S - 21 |
| G - 8 | T - 15 |
| H - 2 | U - 26 |
| I - 18 | V - 9 |
| J - 11 | W -16 |
| K - 22 | X - 3 |
| L - 24 | Y - 19 |
| M -12 | Z - 4 |

Ittri u numri




Deffes il-kliem kollu fil-kaxxi




Sib kliem f'Pixkerija

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 38 | 56 | 54 | 44 | 192 |
| 59 | 39 | 60 | 34 | 192 |
| 26 | 57 | 47 | 62 | 192 |
| 69 | 40 | 31 | 52 | 192 |
| 192 | 192 | 192 | 192 | |

Ġibhom 192



Sib in-numri



Sib 55 kelma



Sib il-farrad

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 9 | 8 | 6 | 7 | 4 | 5 | 2 | 3 |
| 5 | 6 | 2 | 3 | 9 | 1 | 7 | 8 | 4 |
| 3 | 4 | 7 | 5 | 2 | 8 | 9 | 1 | 6 |
| 7 | 3 | 9 | 8 | 6 | 5 | 1 | 4 | 2 |
| 2 | 8 | 1 | 4 | 3 | 9 | 6 | 5 | 7 |
| 6 | 5 | 4 | 2 | 1 | 7 | 3 | 9 | 8 |
| 4 | 2 | 6 | 1 | 5 | 3 | 8 | 7 | 9 |
| 8 | 7 | 5 | 9 | 4 | 6 | 2 | 3 | 1 |
| 9 | 1 | 3 | 7 | 8 | 2 | 4 | 6 | 5 |

Sudoku

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | J | H | F | S | X | Q | U | T | I | O | T | X | A | J | I | C | I | M | S |
| O | E | O | R | Q | W | M | I | V | E | Z | C | J | F | P | T | N | J | H | A |
| S | D | B | H | T | F | S | H | P | O | D | R | V | T | L | I | C | A | J | T |
| N | Y | Z | R | R | W | B | D | A | L | I | Z | A | R | B | B | F | I | D | W |
| H | R | O | S | O | E | S | L | T | E | Q | N | S | E | G | W | X | W | Q | L |
| O | K | D | B | G | R | Z | A | B | Y | G | P | P | N | L | M | U | I | A | C |
| J | V | B | A | S | J | V | I | B | R | A | O | J | G | I | V | W | B | K | P |
| L | J | M | N | B | G | H | A | F | B | N | V | X | V | Z | E | A | C | A | X |
| A | O | X | C | W | Y | J | M | Ċ | P | U | F | B | M | O | N | W | Z | O | K |
| W | K | Q | S | H | J | Q | Z | W | Ċ | B | C | Y | Y | R | R | L | Y | O | S |
| U | H | F | Y | G | T | M | X | T | X | I | B | X | E | K | N | U | R | W | X |
| J | B | I | W | G | L | T | N | M | G | R | N | D | Z | A | I | T | V | L | H |
| S | A | Y | X | N | I | I | A | A | F | D | O | Q | D | M | T | A | E | Q | W |
| A | W | A | J | S | B | J | T | H | B | M | P | E | K | S | P | M | Y | B | Z |
| A | C | E | N | E | Z | A | R | T | S | A | W | L | W | N | F | A | X | C | Q |
| G | A | Z | E | I | S | B | G | K | M | T | U | V | I | C | N | S | X | D | N |
| D | N | J | O | L | F | K | A | L | S | Y | H | F | A | Y | F | K | G | D | Q |
| K | W | A | R | A | N | T | I | N | A | N | A | A | W | S | T | R | I | J | A |
| W | Q | E | W | U | N | F | G | I | Y | R | N | C | O | C | P | A | Y | F | G |
| W | C | V | G | K | L | V | S | Z | R | K | R | W | Q | U | W | N | E | Y | T |

1. Din il-kelma smajniha ħafna f'din il-pandemija

2. Fl-antik min jiġi minn barra kien ikollu jagħmel hekk. Imma anki issa reġgħet daħlet.

3. Tilqima hi l-kelma proprja Maltija u mhux dik li qed tintuża

4. Anki fil-Karnival kienu jdejquni aħna u ara issa iridu nilbsuha kuljum

5. Sintoma ta' riħ u trid tagħmel din il-kelma, li qlibniha għal Malti u ġejja mill-Ingliz

6. Din l-injezzjoni inkwetatna

7. Din il-kumpanija kienet l-ewwel li għamlet l-injezzjoni kontra l-Covid19.

8. Igri tasal din it-tilqima għax waħda biss nieħdu

9. Kumpanija li tixxiebaħ mal-modern u li ukoll lestiet tilqima

10. Dan il-pajjiż ilmenta mill-ammont ta' tilqim li kellha Malta

11. L-aktar pajjiż li laqqam nies fi żmien qasir.

12. Fejn bdiet eżatt din il-pandemija?

13. Post fl-Italja fejn il-Covid għamlet ħerba sena ilu.

14. Bħalissa il-Covid qed jagħmel ħerba f'dan il-pajjiż magħruf għal futbol

Soluzzjoni: Imxija, kwarantina, vaċċin, maskra, tiswobbja, astrazeneca, pfizer, Johnson, Moderna, Awstrija, Izrael, Wuhan, Begamo, Brazil

# TAMA U KURAĠĠ



JOSIANNE CUTAJAR
MEP LABURISTA

Illum ninsabu f'jum li huwa sinifikanti. Bla ebda dubju l-Għid hu sinifikanti għax permezz tiegħu l-Knisja Kattolika tiċċelebra l-akbar festa tagħha: l-Għid il-Kbir. Festa li 'l hinn mill-fidi tagħna, timlina wkoll b'kuraġġ u tama. Żewġ kelmiet li huma sinifikanti mmens għas-sitwazzjoni li ninsabu fiha u li ġabet magħha l-pandemija.

Dawn il-festi għixnihom mill-ġdid, għal sena oħra, b'restrizzjonijiet. Waħda mill-akbar ġranet f'dan il-jiem, id-Duluri rajniha mfakkra mhux bl-eluf madwar Malta u Għawdex, jimxu wara l-vara tant meqjuma tad-Duluri, imma magħluqin fi djarhom isegwu minn fuq it-TV. Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira l-istess. Kif l-istess kellna ngħixu b'tant restrizzjonijiet, il-jiem tradizzjonali Kattoliċi, wirjiet, imwejjed tal-appostli u dak kollu li jġibu magħhom dawn il-jiem.

Għalhekk ħsiebi jmur mhux biss għal dawk li xtaqu, imma obdew il-pariri tal-Awtoritajiet tas-Saħħa u qagħdu fi djarhom, imma wkoll għad-dilettanti li b'impenn u dedikazzjoni u b'mod ħafna drabi volontarju, fi żminijiet oħra jqattgħu ġimgħat, xhur mehdija biex itellgħu l-purċissjonijiet, jieħdu sehem fihom, itellgħu l-wirjiet kollha li mdorrijjin bihom. Kuraġġ. It-tama hi li b'dak kollu li l-awtoritajiet lokali u l-Gvern qed jagħmlu, flimkien mal-assistenza u l-ħidma li wettaqna u rridu nkomplu nwettqu fuq livell Ewropew, jekk Alla jrid is-sena d-dieħla niċċelebrawhom bil-kbir.

Kif niċċelebraw bil-kbir jum ieħor sinifikanti għall-PL. Jum il-Ħelsien. U hawn ma nistax ma naqbilx mal-messaġġ tal-PM Robert Abela. "Il-Ħelsien rridu nġedduh u naħdmu għalih kuljum, bħal lum inħarsu lejn l-imgħoddi biex napprezzaw minn fejn ġejjin iżda naħsbu u nirriflettu dwar fejn irridu mmorru."

Iva, ħelsien li ġibnieh b'ħdima li kienet dejjem għat-telgħa, imma wasalna. Kif f'dawn il-kważi tmin snin li għaddew, pajjiżna wasal ukoll biex jeħles mill-irbit li kien jaħkimna. Mhux tal-barrani f'artna, imma l-irbit tan-nuqqas ta' libertà li għelibna bl-ewwel liġijiet liberali li rrikonoxxew il-minoranzi f'pajjiżna. Qed nkomplu nindirizzaw il-pjaga talfaqar f'pajjiżna, bil-miżuri li ddaħħlu. Ħielsa wkoll għax mhux biss qed inħallu l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna jaħdmu u jagħtu r-riżultati, imma qed insaħħu s-saltna tad-dritt u d-demokrazija.

Sadanittant, il-ħidma tibqa' għaddejja, veru skont iċ-ċirkostanzi, imma l-ħidma ma tistax tieqaf. Ħidma mifruxa fuq dawk is-setturi li mpenjata fihom fil-PE. Dan l-aħħar komplejt nagħti s-sehemi f'settur li qed iħares lejna għal tama li l-ġejjieni jkun aħjar. It-Turiżmu – intenni li dan is-settur kien wieħed minn dawk li ntlaqtu sew bil-pandemija.

Waqt laqgħa li kelli mal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex, smajt dak li kellhom xi jgħidu u tħadditna dwar kif ix-xogħol tiegħi jista' jgħin lil din l-Awtorità fil-viżjoni li għandha. Ma setax jonqos li nitkellmu dwar it-turiżmu f'Għawdex.

Suġġett li kien iċ-ċentru ta' diskussjoni virtwali: Proġett Ewropew li jiffoka fuq turiżmu sostenibbli s-sena kollha (Winter Med). Ftit punti li ressaqt 'il quddiem dwar ir-realtà li l-gżejjer Mediterranji jiddependu fuq it-turiżmu, ħafna drabi għal perjodu limitat ta' żmien. Dħalt f'dak li ġara minħabba l-pandemija, imma nemmen li t-triq hija li nħarsu 'l quddiem.

Ninsab ottimista u nara oċean ta' opportunitajiet quddiemna prinċipalment għal żewġ raġunijiet: il-klima li jħaddnu l-gżejjer Mediterranji li huma opportunità minnha nfisha u wkoll id-demografija. Popolazzjoni li dejjem qed tixjieħ tfisser ukoll sehem akbar ta' pensjonanti li jivvjaġġaw "barra mill-istaġun" u għalhekk il-gżejjer jistgħu jaħtfu din l-opportunità biex ibiddlu l-mudell turistiku li mdorrijjin bih.

Punt ieħor li emfasizzajt huwa li t-turiżmu sostenibbli qed jaqbad sew fl-Ewropa – ukoll fid-dawl tal-isfidi tat-tranżizzjoni ambjentali. Ninsab kuntenta li l-PE, inqas minn ġimgħa ilu, approva rapport għal strateġija tal-UE dwar turiżmu sostenibbli – rapport li tajt sehem sħiħ fih.

Strateġija Ewropea għal turiżmu sostenibbli ma tistax tinjora r-rabta qawwija mal-mobbiltà. Hu punt li nixtieq nenfasizza, speċjalment għall-gżejjer tagħna. M'hemm l-ebda turiżmu mingħajr mobilità effiċjenti.

Qed naħdem fil-livell Ewropew biex niżgura li l-aktar żoni żvantaġġati bħall-gżejjer tagħna - li jiddependu biss fuq is-setturi tal-avjazzjoni u dak marittimu – ma jkunux affettwati b'mod negattiv. Hemm firxa ta' soluzzjonijiet, minn miżuri ta' kumpens sa eċċezzjonijiet, li għandna bżonn nesploraw bis-sħiħ.

Jekk irridu naddottaw mudell ta' żvilupp li jippermetti t-turiżmu s-sena kollha, ma nistgħux nitilfu aktar kompetittività.

Ħidma oħra kienet f'avveniment ieħor ta' diskussjoni bit-tema "Setting in motion the European Disability Rights Strategy 2021-2030". Mument uniku fl-UE meta għall-ewwel darba, wara li l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-KE ħarġet l-Istrateġija Ewropea għad-Drittijiet tad-Diżabilità 2021-2030. Il-KE ressqet l-Istrateġija. Ikomplu d-diskussjonijiet dwara, ħalli nimxu 'l quddiem.

Hemm ħidma kbira xi ssir. Jien se nkompli għaddejja bl-impenji tiegħi biex nara UE aħjar u nklussiva. B'UE aħjar igawdu l-istati membri u r-reġjuni diversi – u għalhekk anki aħna l-Maltin u l-Għawdxin.

Nawgura minn qalbi l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.

## SATIRA w Kompetizzjoni bi Premju mal-PERIT AUDREY







**X'inhi l-kelma bl-ittri neqsin? K _ _ _ _**

Ibgħat it-tweġiba, flimkien ma' ismek, kunjomok, numru tat-telefon u l-indirizz tiegħek hawnhekk:

**Kompetizzjoni Satira**
it-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ġimgħa l-oħra hija: Victoria Sammut mill-Qrendi.

Tista' tiġbor il-premju mir-reception tal-General Workers' Union, il-Belt.

# HEKK PATTIHIELHOM!



PATRI MARIO ATTARD OFM CAP

Għadni nfarfar it-trab tat-tkaxkira tiegħi fil-waqt li niftakar fit-tkaxkira tiegħu! Għadni qed niġi f'tiegħi meta naħseb ftit minn xiex għadda Hu!

Hu! Li m'għamilx ħlief ġid! Hu! Li tħares lejH timtela' bl-imħabba! Mhux kif tarah ġej minn xi kuritur jew minn xi triq u trid tara fejn se tmur tinħeba. Għax ħlief mibegħda, ġlied, kwistjonijiet u kull xorta ta' imrar minnu ma joħroġx! Kellu n-nies. Kulħadd jiġri warajh. U ħafna riedu jmissuh. Għax kienu jafu li mqar jekk imissu mqar il-mantar tiegħu, hi x'inhi l-marda tagħhom, araha tinżel u tif-flaxxja ruħha fix-xejn.

Għal ħafna kien il-bniedem li tmur għandu. Kien jilqgħek fi x'ħin tmur. U meta kont tkun fil-preżenza tiegħu aqta' kemm kont tkun tħossok tajjeb fil-preżenza tiegħu. Ma kienx jiġġudikak għalkemm kien ikun diġà qrak minn fuq s'isfel. Ma studja fl-ebda università. U m'għamel l-ebda PHD. Imma kien jaf kollox. U, kien jurik li kien jaf għax ma kienx iparla fil-vojt. U lanqas iħares lejk b'dik il-ħarsa ta' ħakma, anke dik intellettwali, li tumiljak u tagħmillek xebgħa ħsara issemmix!

Kien ħelu. Ma' min kien umli qalbu kien jagħtihielu. Għax hu jaf kif aħna magħġuna, jiftakar li aħna trab (S 103:14). U kien jieħu gost joqgħod ma' kulħadd. Ma kellux klassijiet. Kien imur għand il-fqar u anki għand min kellu l-boqxiex. Għalkemm lil dawn qatt ma rrikatthom biex iħallulu xi ħaġa fil-wirt. Ħa jkollu x'jonfoq! Wirt għedt? U x'wirt wirt! Hu stess kien iħobb jgħid: Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom, u l-għasafar tas-sema l-bejtiet; iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu (Mt 8:20). Mela la kellu bżonn djar kbar u wisq aktar appartamenti u penthouses!

Mela x'kellu bżonn? Li jidħol jgħammar fi qlub in-nies! Daqshekk faċli Patri? Mhux aħjar jekk ngħidlek: daqshekk diffiċli? U għax għandha tkun? Għax wara kollox il-ħażen dejjem battikata sieħbi. Jagħmlu min jagħmlu. Fih kedda biex tippjanah, kedda biex teżegwih u kedda oħra u aktar kbira biex taffaċċja l-konsegwenzi tiegħu. Hu jafu dan.

Għax qalilna ċar u tond: Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena, żina, serq, qtil, adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, għira, malafama, suppervja u bluha (Mk 7:20). U, f'naħa oħra tal-vanġelu li hawn min iħobb jaqbiżha għax veru skomda u iddejjaq, jgħid: Il-bniedem tajjeb mit-teżor tajjeb ta' qalbu joħroġ it-tajjeb, u l-bniedem ħażin mit-teżor ħażin tiegħu joħroġ il-ħażin, għax mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm (Lq 6:45).

Kemm jagħti valur lill-kelma! Għax hu l-Kelma! U m'hemmx kelma oħra! U jekk kelma trid turi għandhiex dinjità li tiġi mitħaddta jew miktuba trid tgħaddi minnu, li hu l-Kelma!

Jekk din il-kelma għandha l-kriterji tal-Kelma, jiġifieri l-kriterji tiegħu, li skont l-Appostlu huma l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan (Gal 5:22-23), allura dik il-kelma għandha titlissen jew tinkiteb. Għax tkun Hu! Imma jekk dik il-kelma taqa' fil-baxx u titħammeġ maż-żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbahrid, u ħwejjeġ bħal dawn (Gal 5:19-21) dik il-kelma sempliċiment m'għandhiex dritt li tibqa' teżiżti. Għax la l-Kelma ma żżommhiex magħha kif tista' tibqa' tperper għal rasha?

F'kelma waħda, kull kelma li taqbel mal-ispirtu ta' Kristu ħa tibqa' tgħix, tinkiteb u tixxandar. Imma jekk ma tidħolx fil-qafas tiegħu, hu li hu l-Kelma, anki jekk din il-kelma tinkiteb bl-akbar sengħa u li tiġbed mill-ewwel in-nies lejha illum jew għall-għada se turi x'inhi u x'issarraf. U aqta' kif tgerrixhom l'hemm! Għax int u jien sieħbi għaliH ġejna maħluqa. U nsibu l-paċi tagħna meta ruħna tistrieħ fih!

Il-mod kif kien jitħaddet, mingħajr ħafna kantunieri, għamillu biżibilju segwaċi u xebgħa għedewwa wkoll. Il-popolin ħabbu għax fih ra t-tamiet kollha tiegħu jitwettqu. Hu kien jaf jidħol fi qlub in-nies. U, tmur għandu, qatt ma kont tħoss l-art tibilgħek għax missierek jew ommok ma jappartjenux għal ċerta klassi jew status.

Għalih dawn kollha kienu ħmerijiet. Li kien jimpurtah biss hu li min kien jersaq lejh ikollu qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena (S 51:19). U, bniedem ta' dan it-tip, qatt ma seta' jwarrbu. Għax Kelmtu stess tgħid: Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla (S 51:19).

Meta l-folol bdew jikbru u jmorru warajh, ta' kontrih iġġennu. Kien ħadilhom il-poter kollu! Kos hux! Dawn l-iskulari li l-liġi ta' Mosè kienu jafuha fuq ponot subgħajhom u l-kotba tal-liġi kienu tgħallmuhom bl-amment minn qoxra sa qoxra. Imbagħad jiġi dan il-mastrudaxxa ta' Nazaret, minn post li qatt ma ssemma fit-Testment il-Qadim, u jaqlibilhom kollox ta' taħt fuq. U l-poter ħadulhom mhux l-għaliex xewwex lin-nies bir-ribeljoni għalihom. Ma tarax! Anzi!

Lin-nies kien qalilhom: Fuq il-katedra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u l-Fariżej. Mela kulma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, iżda tagħmlux kif jagħmlu huma, għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn (Mt 23:2-3).

Smajtu bħali sieħbi! Riedhom jagħmlu u jħarsu dak kollu li min għandu l-katedra, jiġifieri l-awtorità, li jgħallem u jmexxi, kien qed jgħid li għandhom jagħmlu. Imma d-diskors kompla: Huma jorbtu qatet kbar u tqal u jgħabbuhom fuq spallejn ħaddieħor, waqt li huma stess anqas b'sebagħhom wieħed ma jridu jħarrkuhom.

Kulma jagħmlu, jagħmluh għal għajnejn in-nies; għalhekk ikabbru l-filatteri u jtawlu l-ġmiemen tagħhom. Iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed, u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi, u jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez u li n-nies isejħulhom Rabbi (Mt 23:4-7).

Għal din it-tip ta' mġieba fejn paroli biss hemm u fatti xejn Santu Wistin għandu kumment ta' taħt iċ-ċontorin meta jgħid fit-Tielet Omelija tiegħu fuq l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann: "Jien mhux sejjer nogħod nagħti kas ta' dak li xi ħadd jgħid bil-kliem, imma nara kif qiegħed jgħix. Jekk l-għemejjel jitkellmu minnhom infushom, xi ħtieġa hemm li noqogħdu nfettqu fuq il-kliem? Jaqaw hemm xi ħadd li jkun ħażin u ma jagħmilx ħiltu kollha biex jitkellem tajjeb? Isimgħu x'jgħid il-Mulej fuq dawn: ja nisel ta' wiċċ b'ieħor, kif tistgħu titkellmu tajjeb meta intom ħżiena?

Intom twasslu leħinkom sa ħdejn widnejja, iżda jiena nħares lejn is-sentimenti tagħkom, u hemm nilmaħ rieda qarrieqa, u intom tressqu frott qarrieqi. Jiena naf fejn għandi mmur sabiex niġbor il-frott: ma niġborx tin minn ġewwa x-xewk, lanqas għeneb mill-għollieq.

Kull siġra tingħaraf mill-frott tagħha. Min jistqarr lil Kristu bil-fomm, iżda mbagħad wara jiċħdu bl-għemejjel tiegħu, huwa antikrist, u huwa agħar mill-oħrajn kollha. Huwa wieħed giddieb għax jgħid ħaġa u jagħmel oħra".

Jekk niġu f'dan antikristi ilkoll kemm aħna, nibda minni l-ewwel wieħed. Għax ġieli nsibni fil-partit tal-kittieba u l-Fariżej li ngħid ħaġa u nagħmel oħra. Imma taf x'hemm tajjeb sieħbi? Li, kif qalilna Hu, il-logħba qiegħdha fl-għejxien ta' dan il-kliem tad-deheb tiegħu: Imma intom tħallux min isejħilkom Rabbi, għax l-Imgħallem tagħkom wieħed hu, u intom ilkoll aħwa. U ssejħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom wieħed hu, dak li hu fis-smewwiet. Hekk ukoll tħallux min isejħilkom mexxejja, għax il-mexxej tagħkom wieħed hu, il-Messija. Il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom; min jitgħolla, jitbaxxa, u min jitbaxxa, jitgħolla (Mt 23:8-11).

Kif taħsbu li pattihielhom lil min biesu, beżaqlu, ifflaġellah, xehed falz kontrieh, qatagħha li joqtlu, xewwex kontra tiegħu, deffisslu l-kuruna taxxewk, għajru, insulentah, tah kemm felaħ bis-sieq u bil-ħarta, sallbu u x'ma nafx aktar? Baqa' isejjaħlu ĦIJA! Għax għandu l-istess MISSIERU b'Missieru! Baqa' JAQDIH! JITLOB GĦALIH! Sakemm ĦAFIRLU! U dejjem b'dik il-qalb tfawwar BL-IMĦABBA U L-UMILTÀ!

U, ħbieb, kienet din il-qawwa mill-isbaħ ta' maħfra, fraternità, qadi, u fuq quddiem nett, nett, nett, UMILTÀ, li qajmietu minn bejn l-imwiet! Għax din il-qawwa li hemm tiġri fil-Missier! U biha Hu qajmu għall-ħajja li ma tmut qatt! Bħalma jrid iqajjem lili u lilek li nqattgħu dawn l-erbat ijiem tagħna, hawn fuq l-art, f'ħafna mrar ta' rabja, mibegħda u vendetta. Le sieħbi! Bil-maħfra, bl-imħabba, bit-talb, bil-qadi u bl-umiltà ta' Kristu int tirbħilhom! Lilhom tirbaħhom għal Kristu filwaqt li bik il-Mulej jixxuttja lejn l-infern ix-xjaten ta' ġo fihom!

La tinsa' qatt: lil min qatlu kien biss b'dawn il-ħames qawwiet tal-maħfra, tal-imħabba, tat-talb, tal-qadi u tal-umiltà li damdamhom darba għal dejjem! Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb (Rum 12:21). Hu hekk pattihielhom!

# IL-ĦIDMA INTERĠENERAZZJONALI - QAFAS IMPORTANTI FIS-SETTUR TAL-ANZJANITÀ







Il-Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanita Attiva Michael Farrugia qal li l-ħidma interġenerazzjonali hija qafas importanti li qed issir ħidma kbira fuqu ħafna fis-settur tal-anzjanita.

"Waqt żjara fl-Active Ageing Centre ta' San Pawl il-Baħar, rajna pass ieħor 'il quddiem f'dan ir-rigward, kollaborazzjoni bejn l-Anzjanita' Attiva u l-Kura fil-Komunita u d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Kura Alternattiva ( tfal u żgħażagħ )" qal il-Ministru Farrugia.

Membri li jattendu dan iċ-ċentru, flimkien mal-ħaddiema, ippreparaw għadd ta' rigali tal-Għid magħmulin bl-idejn biex jingħataw lil tfal li bħalissa jinsabu taħt 'care order'.

"Qed naraw li ntejbu r-relazzjoni bejn l-anzjani u t-tfal jew żgħażagħ. Qed naraw ukoll li t-talenti tal-anzjani jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibli għall-benefiċċji ta' oħrajn.

B'dan il-ġest, anzjani qed iferrħu persuni oħrajn bit-talenti tagħhom u b'hekk inkunu qed ngħinu biex jinħoloq ċertu sodisfazzon fost l-anzjani li jinvolu ruħhom f'dawn il-proġetti u inizjattivi.

Il-Ministru fakkar li fi żmien il-Milied kien sar l-istess, fejn rigali li għamlu bl-idejn l-anzjani għaddew għand it-tfal ta' Puttinu Cares.

"Se nkompli ninsisti li dan jibqa' jsir b'mod kontinwu fl-attivajiet ta' matul is-sena kollha.

Din is-sena ma kinitx sena faċli għal pajjiżna speċjalment għall-anzjani tagħna, iżda dawn il-proġetti għenu sabiex l-anzjani jsibu sens f'dawn il-granet ta' sfida billi jikkomunikaw u jaħdmu ma' ġenerazzjonijiet differenti, "temm jgħid il-Ministru.

Min-naħa tagħha, Remenda Grech, li hija d-Direttur għad-Dipartment Kura Alternattiva qalet li huwa importanti ħafna speċjalment f'dawn iż-żminijiet li ngħixu fihom, li nagħrfu s-solidarjeta soċjali bejn l-anzjani u t-tfal fi djar tal-komunita u kemm huwa sabiħ li żewġ ġenerazzjonijiet jaħdmu bejniethom b'dan il-mod.

## IL-KE TAPPROVA T-TALBA TA' MALTA BIEX JIŻDIED L-AMMONT MASSIMU TA' ĦUT LI JISTA' JIDĦOL FL-IRZIEZET TAT-TONN

Fl-aħħar jiem il-Kummissjoni Ewropea approvat it-talba ta' Malta biex jiżdied l-ammont massimu ta' tonn li jista' jidħol fl-irziezet tat-tonn f'Malta għall-istaġun tat-tonn 2021. Iż-żieda approvata abbażi tar-regolamenti attwali hi ta' 1,474.492 tunnellata li twassal għal total ta' 10,260.492 tunnellata ta' ammont massimu ta' ħut li jista' jidħol fl-irziezet tat-tonn f'Malta għall-istaġun tat-tonn 2021.

Il-Ministeru għas-Agrikoltura u Drittijiet tal-Annimali fi stqarrija qal li f'laqgħa bilaterali li kellu l-Ministru Anton Refalo mal-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, Oċeani u s-Sajd irrimarka li hemm iktar lok għal titjib b'mod progressiv anke fuq materji oħra.

Il-Ministru Refalo wera s-sodisfazzjon tiegħu għal din id-deċiżjoni hekk kif dan hu ċertifikat li Malta qiegħda tagħmel xogħolha tajjeb wara perjodu diffiċli ħafna għal dan is-settur.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tilqa' t-talba għal żieda tagħti nifs ġdid lis-settur tat-tonn, li hu settur importanti ħafna għal pajjiżna, speċjalment f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

# IRBAĦ €50 VAWĊER



### Soluzzjoni tal-Ħadd li għadda

**MIMDUDIN:** 1. Suppost; 5. Pariri; 8. Assista; 14. Brava; 15. Qassam; 17. Subaru; 19. Moffa; 20. Apap; 21. Ltim; 23. Satin; 25. Ombra; 28. Almu; 29. Mar; 30. Sod; 31. Arka; 33. Affaxxinanti; 39. Tull; 41 u 42. Maħmuġ; 43. Naħa; 45. Ħalef; 46. Ħalib; 47. Udit; 50. Aġir; 53. Sur; 54. Użu; 56. Ħeles; 58. Mużajk; 60. Bangok; 62. Qbiżt; 64. Nixfa; 67. Ingaġġ; 69. Bormla; 70. Xitan; 72 u 73. Bejrut; 75. Jung; 77 u 78. Wieqfa: Delikata; 79 u 80. Prinjolata; 82. Aqwa; 84. Kju; 85. Lat; 87. Mera; 88 u 93. Rikonċiljazzjoni; 94 u 95. Atturi; 96. Awla; 98 u 99. Wieqfa: Kuntratti; 100 u 101. Umiljanti; 105. Amen; 108. Saqaf; 109. Ksuħat; 110. Ittama; 111. Vireg; 112. Tmintax; 113. Pinnur; 114. Ikantaw.

**WEQFIN**: 2. Umani; 3. Pjan; 4. Saqu; 6. Amman; 7 u 9. Rispostuż; 10. Ilma; 11. Tafal; 12. Żbaljat; 13. Bażużlu; 16. Staff; 18. Awrat; 22. Sajma; 24. Iva; 26. MTA; 27. Bonġu; 32. Kannol; 33. Aħħ; 34. Film; 35. Xifajk; 36. Naħrab; 37. Noli; 38 u 40. Imbuttati; 44. Ħass; 48. Djuq; 49. Armonija; 51. Nukleari; 52. Sħabna; 55. Stenna; 61. Nhar; 63. Bini; 65. Xandar; 66. Abel; 68. Ġojjin; 69. Bagoll; 70. Xtaq; 71. Tobago; 74. Sink; 76. Mara; 78. Ara; 79. Pur; 81 u 82. Alzatura; 83. Immansa; 86. Siringa; 89. Isumu; 90. Ort; 91. Jum; 92. Zalza; 97. Laqam; 99. Ara 98; 100. Uniku; 102. Norma; 103. Żfin; 104. Ikla; 106. Tank; 107. Ivan.

**MIMDUDIN**

1. Bħalissa żgur qiegħda f'idejk (7)
5. Kemm tiflaħ terfa fuqha din? (6)
8. Tneħħilu din il-bniedem, x'jibqagħlu? (7)
14. Vojta din ma żżommx wieqfa (5)
15. Bilfors li nħaslet la hija hekk (6)
17. Is-sieħba tiegħu fi Frar tibda teqred ħafna (6)
19. B'tal-bajd tagħmel l-ixkuma (5)
20. Fidi, ... u mħabba (4)
21. ... de tal-kleru (4)
23. 250g perżut (5)
25. Jekk ma torbotx, allura tagħmel hekk? (5)
28. Fih jiddepożitaw ukoll id-demm (4)
29. Ħanut tax-xorb Ingliż (3)
30. Postu ħadu l-kilometru (3)
31. Ħelu (4)
33. Dawn għadhom jiġġieldu għal arthom (12)
39. Din dejjem iġġib il-ġlied (4)
41. u 42. Mimdudin: Lit-tfal iżżommhom kwieti biha (6)
43. Ta' wara dak li jikkmanda (4)
45. Il-Kunsill ... ta' San Ġwann (5)
46. Titħallas lil min jikri (5)
47. Ħariġlu kollox minn moħħu (4)
50. Miskin qatt ma jitkellem (4)
53. u 54. Mimdudin: B'din jintlagħab il-billiard (6)
56. Frekwenti (5)
58. Armata żgħira (6)
60. Ma ħalliex skurdat imma xorta ħawwad lil Tonina (6)
64. Għamel hekk biex ikun jaf (5)
67. Kieku ma jkunx dan ma jagħmilx sigaretti (6)
69. u 70. Mimdudin: Għax kienu hekk qagħdu attenti u ma nefqux flus (11)
72. Ma baqax sejjer iżda mar fejn joqgħod (3)
73. Post eżatt f'nofs il-blokk (3)
75. Miskin għaddejn minn ... kerha (4)
77. Fis-sajf tkun flaqwa tagħha (4)
79. Jitqiegħed mal-ħġieġ fit-twieqi (5)
80. Meta hemm dan trid tqandel (5)
82. Kultura għand il-partitarji! (4)
85. U dan naħseb li r-raġel ta' Iana (3)
87. Jekk trid tasal maljar, imxi b'ħeffa (4)
88. Minn ratu fatt imħawwad imma maħdum sew bl-idejn (12)
93. Ħażin fil-Marsa għall-ikel (4)
94. u 95. Mimdudin: Għall-għasir biss tajba? (6)
96. Ftehim (4)
98. Din il-ġurnata (5)
100. Il-ġewwieni tal-qaqoċċa (5)
101. Dak kollu li tippossiedi (4)
105. Qagħad għal li qalulu (4)
108. Jistkennu fiħom fil-kampijiet (5)
109. Għamel xi ħaġa b'ħidmietu (6)
110. Mhix qalila, kwieta, mansa (6)
111. u 112. Mimdudin: Tista' tkun għad-danni iżda wkoll bi ftehim quddiem avukat (5, 7)
113. Minn hawn jinbiegħ il-ħxejjex (6)
114. L-istat fi ħdan l-istat Taljan (7)

**WEQFIN**

2. Statwa ta' xi alla li kellhom ir-Rumani (5)
3. "King ... " ta' Shakespeare (4)
4. Ħa ħafna mill-kampanja tagħna (4)
6. Veru kulħadd iridu sħun? (5)
7. Ħa mira sew biex għamel hekk (5)
9. u 10. Weqfin: Ma nħallix nej (8)
11. "... din, Sur Kappillan! (5)
12. Ma ħalliex imxarrab (7)
13. Biżżejjed (7)
16. Tista' tagħmilha fit-tond fil-kampanja (5)
18. Ċerti nies, it-tali u t-tali (5)
22. Jistgħu jkunu dixxiplinarji (5)
24. It-triq Franċiża ta' D'Argens (3)
26. Iżomm hekk b'biċċa ħajta (3)
27. Ħatni tfarrak magħhom (5)
32. Jagħmluhom bi pjaċir (6)
33. u 34. Weqfin: Dan mill-Polonja (7)
35. Il-palazz tiegħu mal-Mellieħa (6)
36. Ħaraq Ruma u qagħad idoqq (6)
37. Falchi, Kournikova, Bonanno (4)
38. Losca, il-kantanta (3)
40. Jagħmel hekk la ma tagħmilx xita (4)
44. Mur saqqi l-... tal-Marsa (4)
48. u 62. Mimdudin: Meħlubin (8)
49. Pilastru wieħed u ħafna? (8)
51. B'dan u mazza tqatta' l-ħadid (8)
52. Min ikun fiha jkun 44. Weqfin (6)
55. Jekk ma ħamsin iżżid għaxra (6)
57. Mhux faċli li jkun komun (4)
59. Jiftaħ għajnejh u jużahom (4)
61. Dejjem irid (4)
63. Issikka fil-folla (4)
65. Neħħa l-biċċa ta' barra tal-frotta (6)
66. L-ewwel raġel li mar għand il-madame! (4)
68. Xogħol ta' hekk ma jiġix sew (6)
69. Ikkoppjat (6)
70. Skor (4)
71. Weqfin wara l-att u ġibed lejh (6)
74. Tyson kien jagħti bih tajjeb (4)
76. Bla flus (4)
78. Bih iġegħlu ż-żiemel jimxi aktar (5)
79. "Play it again, ..." (3)
81. u 82. Weqfin: Ili mħawwad ma Tanja wara li għidt ir-Rużarju! (8)
86. Imnebbaħ (7)
89. u 90. Weqfin: Jieħu sehem ħafna f'attivitajiet sportivi (8)
91. Ma ħalliex ġdid (3)
92. Fit-toroq jintużaw għad-dawl (5)
97. Iż-żifna li oriġinat mill-Arġentina u mexxewa l-Ispanjoli (5)
100. Lill-bhejjem jeħduhom għaliha (5)
102. B'din jew bid-dnewwa (5)
103. Tiġik f'moħħok wara ftit ħsieb (4)
104. Għawġ (4)
106. u 107. Weqfin: Biha mat-twieqi, l-ilma jiżżerżaq bħal barra (4)

Ir-rebbieħa ta' €50 vawċer tat-tisliba ta' nhar il-Ħadd li għadda hija: JOAN GRECH minn Tas-Sliema.

Ibagħtu t-tisliba mimlija flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: "Tisliba tal-Ħadd", It-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta. L-ewwel tisliba tajba li tinfetaħ tirbaħ vawċer ta' €50.

ISEM ..............................................................

INDIRIZZ ..............................................................

..............................................................

..............................................................

## >> PROPRJETÀ

**MARSASKALA**/Maisonette isfel, 3 kmamar tas-sodda, kċina u kamra tal-ikel combined, kamra tal-banju u spare toilet, bitħa interna u veranda fuq wara. Ċempel 99660195.

**MOSTA FEJN IL-KNISJA TRIQ WISĠĦA**/ Dar 21 pied x 95 pied 4+1 basement. Permessi imħalsin, bla ċens. €586,000. Ċempel lil Ivan fuq 99471222.

**MOSTA**/ Dar 20 pied x 100 pied, €650,000 bla ċens tista' tibni 4 sulari penthouse u basement. Ċempel lil Ivan 99471222.

## >> VETTURI

**NIXTRI/KAROZZI**, vannijiet, għajjes u Muturi, kull kundizzjoni bi prezzijiet raġonevoli. Ħlas fil-pront. Ċemplu għal aktar informazzjoni fuq 99996968.

## >> JINĦTIEĠU

**JINĦTIEĠ IRMIGGJATUR/**(Mooring Personnel). Irrid ikollhom ċertifikat ta' Commercial Vessel Boat Personnel, li jinkludi First Aid and Fire Fighting taħriġ provdut mill-kumpanija. Ibagħatu CV lil MALTA BOATMEN & MOORING SERVICES COOP LTD., VAULT VII, 1ST FLOOR, VALLETTA WATERFRONT, FLORIANA FRN1913.

**JINĦTIEĠ SKRIVAN/A** Administrativ/a b'sigħat mnaqqsa, (20 fil-ġimgħa). Età 25 u 55 sena. Irrid ikollu/a ċertifikat tas-Sec tal-Malti, Ingliż u Matematika ta' grad 1-4 esperjenza preċedenti hija ta' vantaġġ. Ibagħatu CV lil MALTA BOATMEN & MOORING SERVICES COOP LTD., VAULT VII, 1ST FLOOR, VALLETTA WATERFRONT, FLORIANA FRN1913.

## >> NIXTRI

**NIXTRI/ALBUMS** tal-Panini u stickers, Pokemon Cards, kartolini antiki u envelopes ippustati, midalji, militaria, muniti u karti tal-flus antiki, kotba, ritratti antiki, dokumenti, passaporti antiki, santi antiki, ġugarelli tal-landa, badges, pitturi, deheb u fidda etc. Ċempel 21310238, 99246632 għal aktar informazzjoni.

## >> XOGĦLIJIET

**XOGĦOL FUQ BINI ĠDID** u antik, alterazzjonijiet, nirranġaw gallariji tal-injamu restaw. Dawl u ilma, bdilta' soqfa, konkos u xorok, bdil ta'travi tal-injam u ħadid, bdil ta'xorok nirrangaw unduru fejn ikun hemm ħsara fis-soqfa, gallarijiet,travi, ħsara fix-xibka u ħadid b'materjal u kimika apposta, faċċati fuq il-fil bil-qoxra, tibjid, kisi, żebgħa u tikħil, xogħol bl-esperjenza u xogħol fil-pront. Ċemplu 99602436 għal aktar informazzjoni.

**GĦAL KULL XOGĦOL** ta' madum tal-art kif ukoll tal-ħajt, qlugħ ta' kmamar tal-banju, kisi bil-ġibs, gypsum boards u żebgħa etċ. Ċemplu 79091057 għal aktar informazzjoni.

## >> TISWIJIET

**TISWIJIET FIL-PRONT FUQ IL-POST TA' WASHING MACHINES, FRIDGES, FREEZERS, TUMBLEDRYERS U DEHUMIDIFIERS/** 6 XHUR GARANZIJA fuq ix-xogħol u l-ispare parts. bl-irħas prezzijiet. Ċemplu għal aktar informazzjoni fuq 21493285, 2137 1559, 7988 4497, 99472570. SERVIZZ FIL-PRONT.






# Formola tal-avviżi klassifikati

>> Sa 20 KELMA - €5 >> Sa 40 KELMA - €10 >> Sa 60 KELMA - €15

**IBBUKKJA**

**Tmint ijiem konsekuttivi għal €20 (sa 20 kelma)**

**Għaxart ijiem konsekuttivi għal €25 (sa 20 kelma)**

**Tletin jum konsekuttivi għal €75 (sa 20 kelma)**

Il-Prezzijiet jinkludu l-VAT. Iċ-ċekkijiet għandhom jinħarġu fuq Union Print Co. Ltd.

**Avviż** ..................................................

..................................................

..................................................

..................................................

Data tal-Pubblikazzjoni - L-Orizzont: ........../........../.......... It-Torċa ........../........../..........

Isem u Kunjom: ..................................................

ID: .................................. Tel.: ..................................

Indirizz: ..................................................

..................................................

Ibgħat il-Formula lil:
Union Print Co. Ltd, Dipartiment tal-Avvizi,
Workers' Memorial Building,
3rd Floor, South Street, Valletta

Hinijiet u Kuntatt:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - 7.30am - 3.30pm
Tel. 25900200/230 / adverts@unionprint.com.mt

# GODFREY GRIMA - KIF NAFU



PHILIP BORG
filip456@gmail.com

Nitnikket li għal darb'oħra nikteb dwar ħabib li kien 'constant' tul l-aħħar 30 sena. Raġel fabbli, attent għal kulma jiġri madwaru u bil-ħila li jħares lejn kollox minn distanza biex jifhem aħjar il-kwadru kollu. Sirt nafu fi żmien Karmenu Mifsud Bonnici, ftit qabel ma Alfred Sant kien elett Mexxej fl-1992.

Kellu idejat ġodda kif l-aħjar jitwassal il-ħsieb Laburista, b'mezzi modesti imma effettivi. Godfrey kien magħġun fil-kommunikazzjoni, b'rabtiet internazzjonali li kienu jgħinuh jara ċ-ċokon tagħna f'perspettiva ikbar. Kont tista' torbot fuq il-fehmiet u l-użin tiegħu fuq elf ħaġa għax kapaċi janalizza bi stil moderat u ma jaħmilx l-assolut jew is-superlattivi. Qatt ħadd ma xiddlu kappestru.

Iċ-ċajta bejnietna kienet dwar l-inizjali ta' ismu: GG. Ma kienx iridha bħala ĠeĠe, għax għalih kienet tinstema' Taljana, meta hu kellu kultura iktar Ingliża. Allura jippronunzjaha "Ġi Ġi" u fl-istess nifs ifisser li "mhux kif ġie, ġie", fis-sens li kien jaħseb sew qabel jikkummenta. Konna niltaqgħu kull nhar ta' Ħadd filgħodu fejn ħanut tal-gazzetti fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara - hu, Oliver Friggieri u jien. Godfrey u Oliver kienu joqgħodu f'dawk l-inħawi u jien kont skoprejt dak il-ħanut fit-tarf l-ieħor minn fejn noqgħod. Dak il-ħanut malajr sar mekka għalija għal xi tmien snin wara l-2003 u dik it-tpaċpiċa bejnietna l-Ħadd filgħodu ma kont nibdilha ma' xejn.

## ŻEWĠ ĠENTLOMI GĦORRIEF

Ġieli qattajna nofs siegħa npaċpċu. Daqqa t'għajn ħafifa lill-ewwel u l-aħħar paġni tal-gazzetti u erħielna ngħarblu, inqabblu u nargumentaw... Godfrey jirnexxilu jaqra dak li ma jidhirx u Oliver jgħarrex bejn il-vrus u bejniethom joħorġu stampa ferm iktar fonda u wiesgħa milli jkun hemm stampat. Għalija kienet tkun lezzjoni kbira kif għandi nikteb bil-qies. Oliver kellu ħabta joħroġ b'kumment lest fuq li nkun ktibt il-Ħadd ta' qabel u Godfrey jurini kif li jkun ġara tul il-ġimgħa jkun biddel l-argumenti tiegħi ġimgħa qabel. Kont nogħxa nisma' l-analiżi tagħhom - fejn jaqblu u fejn le, bħal żewġ għalliema li jħobbu l-alliev li stajt kont jien!

Ma' Godfrey ltqajt xi ftit drabi oħra f'diskussjonijiet fuq it-televiżjoni u radju, imma nistqarr li kull darba kont inġewweż kliemi sew quddiem il-kummenti mejqusa tiegħu. Imbagħad ma' sħabi Tony Ellul u Stanley Mifsud, u iktar qabel Alfred Grixti, stedinnih fil-programm tagħna 'Fehmiet' fuq One radio. Meta ċempiltlu biex nixtiednu, beda u ma riedx jieqaf, tant li tlabtu jerfa' ftit fehmiet għal waqt il-programm. Mistednin bħal Godfrey kienu u jibqgħu lussu għal programm dirett ta' sagħtejn.

Issa Godfrey ħalliena. F'qalbi tibqa' l-istima lejn raġel bravu imma umli, u f'moħħi jibqa' l-kobor ta' Ġurnalist prim - bil-'Ġ' kbira li jqis kliemu wisq iktar mill-ingravata jew l-irtokki. Nibqa' ngħożż l-osservatur attent u ġentili li ma jdurx mal-lewża u ma jikkummentax skont min iħallsu! Is-sliem Godfrey, grazzi tal-ħbiberija u ta' kemm għallimtni!

* * *

## FEJNU L-"KOLLASS TAS-SAĦĦA PUBBLIKA"?



Issib min jgħid li fil-midja soċjali jkun hemm ħafna kummenti vojta jew esaġerati ta' min jiggosta jara ismu anki jekk ma jkun qal xejn ta' sugu. Bil-pandemija ħafna jinsabu ġewwa u jsibu aktar ħin jgħarrxu, jaqraw - meta jaqraw sew - u jikkummentaw. Jien nemmen li hemm ħafna li jiktbu bis-sens u jgħallmuk. Fl-aħħar millaħħar id-don tal-ħsieb u sens komun ma huma monopolju ta' ebda professur li jaħseb li Alla fawwru bl-għerf fuq kollox u fuq kulħadd. Hekk innotajt meta rajt kumment ta' mara li ilha attiva fil-politika f'livell lokali imma mhux biss, Jennifer Tabone. Hija fissret kemm hu vojt min illum għandu l-wiċċ jakkuża lill-Gvern Labursita b'"kollass fil-qasam tas-saħħa pubblika". Aqraw x'kitbet u araw tiftakrux bħalha...

"Forsi tajjeb infakkru meta kellna kollass fis-settur tas-saħħa pubblika.

- Meta f'Mater Dei kellna għexiren ta' pazjenti f'soddod fil-kuriduri - ma kienx hawn pandemija;
- Meta kellna lista interminnabbli ta' pazjenti jistennew għal xi operazzjoni jew sempliċi intervent kirurġiku - ma kienx hawn pandemija;
- Meta pazjent kellu jistenna xhur sħaħ għal sempliċi appuntament fl-'out patients' - ma kienx hawn pandemija;
- Meta kellna lista twila ta' mediċini 'out of stock' - ma kienx hawn pandemija;
- Meta l-gvern kien waqa' lura fil-pagamenti lill-fornituri tal-mediċini - ma kienx hawn pandemija;
- Meta l-gvern kien jinjora l-anzjani għall-eliġibilità għal mediċini - ma kienx hawn pandemija;
- Meta l-gvern kien iġiegħel pazjenti jixtru l-mediċini huma waqt li jkunu għadhom l-isptar - ma kienx hawn pandemija;
- Meta l-gvern kien għalaq il-polikliniċi bil-lejl - ma kienx hawn pandemija;
- Meta l-gvern kien iffaċċjat biex bl-epidemija tas-Swine Flu 2009 li titqies minuri ħdejn il-Covid-19, ma kellux ħila jħaddem programm ta' vaċċinazzjoni, kellu jara minn fejn ser jiddobba jixtri l-leftovers ta' pajjiżi oħra - ma kienx hawn pandemija;
- Meta kellna gvern li lanqas kien kapaċi jkollu pjan bażiku għal futur tas-settur tas-saħħa bi sptar li kien qed jibni - diġà żgħir għal dak iż-żmien aħseb u ara għal llum, u li sewa iktar mid-doppju - ma kienx hawn pandemija;
- Meta lanqas kien kapaċi jibni pjan li jaħseb għar-riżorsi umani għal sptar ġdid - ma kienx hawn pandemija.

Dak kien kollass veru! Dak għandu jiftakar min veru jrid jwassal is-sewwa!" Prosit Jennifer Tabone. Prosit Gvern Laburista! Grazzi Chris Fearne. In-nies tkompli tiftakar u ma tinsiex!

# TITTELLA' INIZJATTIVA FERM ĦELWA U INTERESSANTI BL-ISEM TA' 'BUKKUN MILL-QALB' NHAR SIBT IL-GĦID

Inizjattiva ferm ħelwa u interessanti bl-isem ta' *Bukkun mill-Qalb* saret il-bieraħ, nhar Sibt il-Għid. Din l-inizjattiva b'għan nobbli tmmexxiet mill-Avukat Chris Bonett, li wara karriera fl-amministrazzjoni sportiva issa ser jgħaddi għall-ħajja politika bħala kandidat f'isem il-Partit Laburista għar-raba' distrett li jinkludi parti mill-Fgura, il-Gudja, Paola, Santa Luċija u Ħal Tarxien.

L-objettiv ta' *Bukkun mill-Qalb* kien li jitqassmu numru sabiħ ta' ikliet lil familji f'Raħal Ġdid, Ħal Tarxien u Santa Luċija li bħalissa għaddejjin minn mument finanzjarju diffiċli. Dawn l-ikliet, li nġabru mill-Avukat Bonett u t-team tiegħu min-numru ta' ristoranti lokali, tqassmu l-bieraħ mill-kappillan ta' Ħal Tarxien, Dun Chris Ellul, l-Arċipriet ta' Raħal Ġdid, Dun Marc André Camilleri u mill-Kappillan ta' Santa Lucia, Dun Joe Mizzi.

L-idea oriġinali ta' din l-attivitá hi dik li tagħti nifs lil għadd ta' familji li għaddejjin minn tbatija, li fl-aħħar sena kibret minħabba l-pandemija Covid-19. Fil-fatt il-coronavirus esponiet aktar l-pjaga tal-faqar u realtajiet oħra li żiedet it-tbatija għal għadd ta' persuni. Dan il-kunċett proprju inħoloq biex jgħin lil dawn l-individwi sabiex minkejja kollox iqattgħu il-ġurnata tal-Għid il-Kbir bl-aqwa mod possibbli.


L-Avukat Christ Bonett flimkien mal-Arcipriet ta' Hal Tarxien, Fr. Chris Ellul

BUKKUN MILL-QALB

L-Avukat Bonett qal li ladarba daħal fil-ħajja pubblika, se jkun qed jagħmel minn kollox sabiex jikkontribwixxi għall-ġid tal-komunitá u fuq kollox li jressaq flimkien faxex differenti tas-soċjetá għal għan komuni.

"Minn dejjem kienet il-filosofija tiegħi li ngħin lil ħaddieħor għax inħossha parti minni speċjalment meta nara u nisma' b'ċerta tbatija ta' familji u nies oħra f'pajjiżna," huwa qal.

Kien għalhekk li hu tkellem mas-sidien tar-ristoranti li bħalissa jinsabu magħluqin sabiex jgħinu f'din l-inizjattiva u jagħtu numru ta' ikliet għal dawk il-persuni inqas ixxurtjati.

"Huwa għalhekk li kellimt lill-Kappillani u l-Arċiprieti tal-lokalitajiet tar-raba' distrett sabiex flimkien noħolqu l-ġid u ninsab kburi li l-għan aħħari ntlaħaq diġá."

Filfatt diversi ħwienet tal-ikel u anke ristoranti mill-ewwel aċċettaw li jagħtu l-għajnuna żgħira tagħhom li minkejja kollox tiswa' ħafna għal min bħalissa qed jesperjenza xi forma ta' faqar.

"Nixtieq][u li l-Għid il-Kbir kemm jista' jkun normali għal kulħadd, anke għal dawk li b'xi mod qed ibatu fis-silenzju. Għalhekk aċċertajna ruħna li għallinqas jkollhom ikla suret innies."

"Ir-rispons li kellna għal din l-inizjattiva kien xi ħaġa mill-isbaħ. Diversi ristoranti aċċettaw it-talba tagħna mill-ewwel u minn hawn nixtieq nirringrazzjahom minkejja ż-żmien ta' sfida li għaddejjin minnu."

L-Avukat Bonett qal li persważ li dawn l-istabbilimenti tal-ikel ma jdumux ma jerġgħu jiġu fuq saqajhom sabiex fil-futur qrib jerġgħu jibdew joperaw kif kienu qabel ma bdiet din il-pandemija.

Huwa tenna li *Bukkun mill-Qalb* huwa proġett pilota li jekk ikun ta' suċċess, kif diġá jidher li se jintwera fl-ewwel edizzjoni tiegħu, jista' jiġi estiż għal-lokalitajiet oħra.

L-Avukat Bonett qal li minkejja li l-ekonomija f'Malta laħqet l-aqwa possibbli f'dawn l-aħħar snin, xorta se jibqa' faxex tas-soċjetá li b'xorti ħażina jesperjenzaw il-faqar.

"Ninsab kburi li se nkun qed nikkontesta f'isem il-Partit Laburista, li minn dejjem kellu għal qalbu l-familji Maltin u Għawdxin u anke fi żmien din il-pandemija ħaseb għalihom billi ħareġ il-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika speċjalment f'mument daqshekk delikat. Dawn l-għajnuniet ħadmu sew u qed jibbenefikaw minnhom diversi familji li jbatu fis-silenzju."

Huwa sostna li l-Gvern qed sew jerfa' l-piż hu milli jħalli lill-familji Maltin u Għawdxin jagħmlu dan huma stess. Il-valuri tal-Partit Laburista dejjem kienu li jagħti ħajja diċenti lil dawn in-nies minħabba li l-poplu, partikolarment dak milqut minn problemi soċjali, jimmeritah l-għajnuna ta' dawk li finanzjarjament huma aktar stabbli. Dan il-partit minn dejjem kien kapaċi jħoss il-polz tal-poplu Malti speċjalment b'diversi miżuri li ħoloq.

L-Avukat Bonett tkellem dwar il-filosofija tiegħu li jgħaqqad lil diversi setturi tas-soċjetá flimkien għax dan il-kunċett jgħin aktar sabiex il-politika tirnexxi.

"Min jafni bħala persuna, jaf li jien anke meta kont involut fil-football togħġobni ħafna l-għaqda. Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa."

Huwa qal li sa minn meta kien għadu żagħżugħ kien jinvolvi ruħu f'diversi inizjattivi fosthom il-maratona tal-volleyball tal-Kerygma. Din hi xi ħaġa li dejjem għamel bil-qalb għax is-sodisfazzjon li tgħin milli tieħu hu ferm kbir.

Għal *Bukkun mill-Qalb* Bonett sostna li sab għajnuna kbira mingħand l-Arċiprieti u l-Kappillani tal-lokalitajiet tar-raba' distrett li wrew entużjażmu li jkunu parteċipi fiha. Hawn kellu kliem ta' tifħir lejn dawn l-individwi.

"Ħadt pjaċir niltaqa' ma' dawn l-Arċiprieti u l-Kappillani li kollha wrew interess u li għandhom f'qalbhom il-missjoni tal-kuxjenza soċjali. Huma mhux biss kapijiet tal-Knisja tagħhom iżda wkoll persuni ġenwini li jgħinu f'dak li hemm bżonn. Huma għandhom qalb kbira u mill-ewwel qaluli iva għal din l-inizjattiva."

Huwa tenna li l-pjan hu li dawn il-proġetti ma jibqgħux biss pilota iżda jsiru b'mod frekwenti biex itaffu ftit mill-piżijiet li ċerti familji qed jesperjenzaw.

Finalment l-Avukat Bonett kellu appell ġenwin għall-kostitwenti tiegħu li jinsabu fir-raba' distrett.

"Nixtieq ngħid lill-kostitwenti tiegħi biex jagħmlu kuraġġ. Nixtieq inwassal messaġġ ta' tama. Importanti li flimkien nikkolaboraw mal-Awtoritajiet tas-Saħħa u dawk kollha nvoluti biex sa fl-aħħar nerġgħu nibdew ngħixu stil ta' ħajja normali."

# Klinsmann jagħti l-verdett fuq Werner wara li tilef ċans kbir għal Ġermanja

Jurgen Klinsmann qal li 'jħoss għal' Timo Werner meta l-attakkant ta' Chelsea ma jinsabx f'forma tajba tant li falla ċans glorjuż fit-telfa xokkanti tal-Ġermanja kontra l-Maċedonja.

Il-Maċedonja ssorprendew liċ-champions tad-dinja erba' darbiet, il-Ġermanja, fil-logħba tal-kwalifikazzjoni tagħhom għat-Tazza tad-Dinja 2022 nhar l-Erbgħa fil-għaxija, bil-goal tard ta' Eljif Elmas jiksbilhom rebħa famuża ta' 2-1.

Il-veteran Goran Pandev poġġa lill-viżitaturi fuq quddiem wara nofs it-taqsima, iżda deher li l-Ġermanja kienet se tevita sorpriża meta Ilkay Gundogan ta' Manchester City kiseb id-draw b'penalty aktar kmieni fit-tieni taqsima.

Iżda l-Maċedonja, li jinsabu fil-65 post tar-rankings tal-FIFA, kisbu rebħa straordinarja meta Elmas skorja meta kien fadal ħames minuti għat-tmiem.

Werner, li ngħaqad mal-club tal-Premier League, Chelsea, fis-sajf li għadda, tilef ċans tad-deheb biex jiskorja għat-team ospitu qabel ma l-Maċedonja kisbu l-goal tar-rebħa, meta b'xi mod tefa' barra għal kollox mill-pass ta' Gundogan.

"Din hija sitwazzjoni fejn tista' tara b'mod ċar li għandu tnejn jew tliet affarijiet f'moħħu – u f'dawk il-mumenti li ma tkunx qed tesegwixxi," qal il-leġġendarju Ġermaniż, Klinsmann.

"Huwa kien nervuż meta rċieva dak il-ballun, jaf li jrid idaħħlu fix-xibka iżda f'dak il-mument huwa ħass pressjoni bis-sitwazzjoni ... u tilfu.

"Aħna lkoll nitilfu ċ-ċansijiet iżda l-problema hija l-mument meta tinsa. Kienet logħba ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja fejn kull punt huwa importanti.

"Meta titlef ċans allura, ovvjament li tkun irrabjat miegħek nnifsek u probabbilment ma torqodx f'dak il-lejl.

"Huwa diġa' għandu sitwazzjoni diffiċli f'Chelsea u allura tħoss għalih, tħoss verament għalih."

Werner qatta' l-ewwel staġun tal-għaġeb f'Chelsea, skorja darbtejn biss għall-*Blues* mis-7 ta' Novembru.

Iż-żagħżugħ ta' 25 sena, li sewa £47.5 miljun fis-sajf li għadda, ġie imsemmi 'l bogħod minn Stamford Bridge hekk kif Chelsea jikkunsidraw trasferiment għal Erling Haaland, li għandu stima kbira.

It-telfa xokkanti tal-Ġermanja ttemm sensiela ta' 35 logħba mingħajr telfa fil-kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja u tħalli lit-team ta' Joachim Loew fit-tielet post fi Grupp J, wara l-Armenja u l-istess Maċedonja.

# Man United iridu jkeċċu lil Solskjaer qabel it-trasferimenti tas-sajf - Burley

L-ex player illum opinjonista, Craig Burley, jallega li Manchester United ma jistgħux ikomplu jibnu mill-ġdid b'Ole Gunnar Solskjaer meta dan għadu f'Old Trafford.

Solskjaer ġġieled diversi perjodi ta' kritika intensa u issa huwa mfaħħar mill-maġġoranza bil-United bħalissa jinsabu fit-tieni post tal-Premier League u b'ċans tajjeb li jirbħu l-Europa League.

Rapporti riċenti jissuġġerixxu li n-Norveġiż huwa lest li jirċievi kuntratt ġdid ta' £30 miljun, bil-ġerarkija tal-Unitid impressjonata bil-progress tat-team taħt il-gwida tiegħu.

Huwa mistenni suq tat-trasferiment qawwi hekk kif ir-Red Devils qed ifittxu li jsaħħu l-iskwadra.

Iżda Burley jemmen li l-United se jkollhom jieħdu post Solskjaer biex jirbħu l-kampjonat qabel ma jżidu ħames players ġodda fl-iskwadra.

"Nemmen li Manchestrer United mhux se jirbħu l-kampjonat b'Solskjaer responsabbli.

"Allura manager, difensur ċentrali, right-back għax Aaron Wan-Bissaka huwa difensiv tajjeb iżda li jattakka, mhux daqshekk tajjeb.

"Jekk Manchester City jiffirmaw lil Erling Haaland ... ma nafx. Probabbilment erbgħa jew ħamsa ġodda, xorta biċċa ġusta."

Il-magna tal-goals ta' Borussia Dortmund, Haaland, jidher li jinsab fuq il-lista tal-clubs il-kbar fl-Ewropa wara li skorja 33 goal inkredibbli f'31 logħba f'dan l-istaġun.

Il-United jingħad li huma interessati f'dan il-player iżda se jiffaċċjaw kompetizzjoni għall-firma tiegħu mis-City u Chelsea, fost oħrajn.

Il-viċi-president eżekuttiv tal-United, Ed Woodward, faħħar l-impatt ta' Solskjaer f'Old Trafford, u appoġġjah biex ikompli l-progress li għamel.

"Filwaqt li t-tfixkil għall-operazzjonijiet tagħna jibqa' sinifikanti, aħna kuntenti bil-flessibbiltá tremenda li l-club wera permezz tal-pandemija, sostnuta mid-dedikazzjoni tan-nies tagħna u s-saħħa tan-negozju kummerċjali tagħna," qal Woodward.

"Nemmnu dwar l-importanza tal-football bħala sors ta' kommunità, divertiment u kburija għall-partitarji madwar id-dinja, anke għax immissjajnihom ħafna f'Old Trafford.

"Il-progress magħmul minn Ole u l-players f'dan l-istaġun huwa ċar u bl-Akkademja tagħna b'saħħitha, u t-team tan-Nisa qed iżidu wkoll mal-ottimiżmu li nħossu dwar il-futur kemm fil-ground kif ukoll barra minnu."

MALTA ENTERPRISE

ESPRESSJONI TA' INTERESS
**EOI/1 /2021/ME**
**EOI/2/2021/ME**
**EOI/3/2021/ME**

XIRI TA' SOUVENIRS MANIFATTURATI LOKALMENT

DATA TAL-GĦELUQ:
IL-ĠIMGĦA, 16 TA' APRIL 2021 FIL-17:00 HRS

Malta Enterprise qiegħda toħroġ sejħa għal xiri ta' oġġetti ta' kwalità għolja manifatturati lokalment u li jirrappreżentaw lil Malta sabiex dawn ikunu jistgħu jinbiegħu fuq il-Padiljun ta' Malta bħala souvenirs waqt l-Expo 2020 Dubai li ser issir bejn l-1 ta' Ottubru 2021 u l-31 ta' Marzu 2022.

Il-partijiet interessati għandhom iniżżlu d-dokumenti minn www.maltaenterprise.com/tenders u għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom permezz ta' email fuq **eoi@maltaenterprise.com** sa mhux aktar tard mis-**16 ta' April 2021 fil-17:00hrs CET.**

Kjarifiki bil-miktub jistgħu jintbagħtu wkoll fuq eoi@maltaenterprise.com sa mhux aktar tard mit-**12 ta' April 2021 fil-17:00hrs CET.**

Sottomissjonijiet li jidħlu tard ma jiġux aċċettati.

aures
For Your Hearing Solutions
Head Office:
85, Luqa Road, Tarxien
27893007 / 77893007

TISWIJA FUQ KULL TIP TA' HEARING AID
SMS / CALL 79893007

Fl-Ispiżeriji li jattendi: Gozo 21556170
Balzan 21444035 I Gudja 21676294
info@caureshearing.com I www.caureshearing.com

STOP VIOLENCE

The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence, within the Ministry for Justice, Equality and Governance, is seeking to recruit the following personnel:

**IT MANAGER**
*Jobsplus Permit No. 114/2021*

For further details and application guidelines contact:
**Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence,
Continental Business Centre,
Old Railway Track, St Venera**
Phone 22957190
E-mail: stopviolence@gov.mt

## FIL-QOSOR

**MOHAMED SALAH** – Liverpool qed jiffaċċjaw problema fuq l-attakkant Eġizzjan, Mohamed Salah, 28 sena, bil-figuri fil-club konvinti iktar minn qabel li huwa qed iħares lejn futur band'oħra.

**MARTIN ODEGAARD u ERLING HAALAND** – Real Madrid jinsabu lesti biex ibigħu lill-midfielder Norveġiż, Martin Odegaard, 22 sena, li jinsab misluf lil Arsenal, biex ikollhom il-fondi ħalli jixtru lill-kompatrijott tiegħu, Erling Haaland, 20 sena, mingħand Borussia Dortmund. Iżda Haaland huwa rappurtat li qal lil Real li jrid jaqsam id-dressing room ma' Odegaard.

**LAUTARO MARTINEZ** – Barcelona qed jaraw lill-attakkant Arġentin ta' Inter, Lautaro Martinez, 23 sena, bħala l-għażla ideali jekk ma jirnexxielhomx jakkwistaw lil Haaland.

**ROMELO LUKAKU** – Inter iridu jżommu lill-attakkant internazzjonali Belġjan, Romelu Lukaku, iżda offerta ta' £102 miljuni tista' tisforzahom ibigħu lill-player ta' 27 sena.

**GEORGINIO WIJNALDUM** – Barcelona jistgħu jtemmu l-insegwiment tagħhom fil-midfielder ta' Liverpool u l-Olanda, Georginio Wijnaldum, 30 sena, u minflok jagħtu rwol kruċjali lill-Ispanjol ta' 18-il sena, Ilaix Moriba.

**KYLIAN MBAPPE** – Paris St-Germain jistgħu jikkonsidraw li dan is-sajf iħallu lill-attakkant ta' Franza, Kylian Mbappe, 22 sena, jitlaq meta t-taħdidiet fuq il-kuntratt tiegħu jinsabu weqfin.

**GIORGIO CHIELLINI** – Id-difensur tal-Italja, Giorgio Chiellini, jinsab ħerqan li jibqa' ma' Juventus wara li jintemmlu l-kuntratt dan is-sajf, qal l-aġent tal-player ta' 36 sena, Davide Lippi, iżda l-club ta' Turin għad m'għamillux offerta ġdida.

**SON HEUNG-MIN** – Bayern Munich huma interessati fl-attakkant ta' Tottenham, Son Heung-min, 28 sena, u jinsabu lesti biex ikunu paċenzjużi fl-insegwuiment tagħhom fil-Korean t'Isfel, li l-kuntratt tiegħu ma' Spurs jintemmlu fis-sajf 2023 għalkemm għandu offerta ta' wieħed ġdid fit-tul mingħand il-club ta' Londra.

**HARRY KANE** – Tottenham huma fiduċjużi li jżommu lill-attakkant tal-Ingilterra, Harry Kane, 27 sena, waqt li mhux se jikkonsidraw li jbigħuh lil club ieħor tal-Premier League fost interess li qed jikber minn Manchester City u Manchester United.

**REISS NELSON u AINSLEY MAITLAND-NIILES** – Olympiakos qed jikkonsidraw li jieħdu b'self lill-winger Ingliż ta' Arsenal, Reiss Nelson, 21 sena. Min-naħa l-oħra l-player versatili tal-Gunners, Ainsley Maitland-Niles, 23 sena, qed jistenna li fis-sajf iħalli l-club wara li jintemmlu it-trasferiment b'self ma' West Bromwich.

**DUVAN ZAPATA** – L-attakkant Kolumbjan ta' Atalanta, Duvan Zapata, 30 sena, li ssemma' ma' Chelsea u Liverpool, tkellem fuq li "xi darba" jilgħab fil-Premier League u żvela li huwa kiber bħala partitarju ta' Arsenal.

**ANDROS TOWNSEND** – Il-winger Ingliż ta' Crystal Palace, Andros Townsend, 29 sena, qal li l-club qal lilu u lill-players l-oħra li se jintemmilhom il-kuntratt li l-futur tagħhom mhux se jiġi diskuss qabel ma jispiċċa l-istaġun.

**DONNY VAN DE BEEK u ADRIEN RABIOT** – Manchester United huma lesti biex joffru lill-midfielder Olandiż, Donny van de Beek, 23 sena, lil Juventus, bħala parti minn bidla mal-midfielder ta' Franza, Adrien Rabiot, 25 sena.

### WEIGHTLIFTING - Senior European Championships fir-Russja

# Tenishia Thornton tikser ħames rekords nazzjonali

Il-weightlifter Maltija, Tenishia Thornton *(ritratt)* kisret ħames rekords nazzjonali fis-Senior European Championships li saru l-bieraħ fir-Russja.

Thornton ikkompetiet fil-kategorija tad-49kg u temmet b'70kg fis-Snatch u 89kg fil-clean and jerk, fejn f'din il-kategorija tejbet ir-rekord tagħha b'5kg, filwaqt li t-total ta' 159kg kien 4kg aħjar mir-rekord preċedenti.

Hi temmet fl-ewwel post fi Grupp B tad-49kg fejn għelbet l-isfida ta' weightlifter mill-Greċja u l-Moldova. Dawn ir-riżultati waslu ftit xhur wara l-prestazzjonijiet mill-aqwa li Thornton kella fil-Youth World Championships fejn temmet fit-tielet post overall b'total ta' 155kg.

Il-weightlifter Yazmin Zammit Stevens se tkun qed tikkompeti nhar l-Erbgħa fil-kategorija tal-71kg.




S&D

Group of the Progressive Alliance of
Socialists & Democrats
in the European Parliament

**The S&D Group in the European Parliament is recruiting**
**a Maltese-language administrator, AD 5, Temporary Agent 2 c) of the CEOs**

**Duties:**
The nature and the level of the duties to be carried out include:

- support to the legislative work of parliamentary committees, draft proposals for amendments and resolutions;
- provide political advice; conduct analysis and formulation of policies in the fields of European Union action;
- follow and contribute proactively to policy implementation in specific sectorial policies, drafting policy analysis notes and briefings political assessments, explanatory papers on areas of competence for S&D Members at committee level, for Group bodies and for the Secretariat;
- draw up politically and technically coherent parliamentary positions in the main fields of activity of the European Union;
- Manage the contacts between the S&D Group and the member parties of the PES and its parliamentary groups in the Member States;
- Manage, organise and follow-up of meetings;
- Contribute to external communication as well as to internal reporting and communication.

**Candidates must fulfil the following conditions:**

- be a national of one of the Member States of the European Union;
- enjoy full rights as a citizen;
- have fulfilled any obligations imposed by the laws concerning military service;
- produce the appropriate character references for the performance of their duties.

**Qualifications and professional experience required**

- a level of education which corresponds to completed university studies of at least three years attested by a diploma;
- at least two years' professional experience acquired after a university degree as set out in the first indent;
- very good knowledge of Community mechanisms and the European institutions;
- proven ability to carry out conceptual and analytical work;
- capacity for team work in a multinational environment;
- a very good knowledge of the Maltese and European legal, institutional and political systems.

A very good knowledge of one of the following languages: English, French, German or Spanish and a good knowledge of another of these four languages is required.
The work requires frequent travel outside Brussels, in particular to Strasbourg.

The selection procedure will be on the basis of **qualifications and tests.**
**Those interested can find all the necessary information in the notice of recruitment on the EP S&D Group website:** (http://www.socialistsanddemocrats.eu) **together with the application form.** The instructions contained in the Notice of Recruitment must be strictly adhered to. The application form together with the supporting documents must be sent by **registered post with receipt of delivery by Friday 23 April 2021 at the latest** (date of postmark).

## SERIE A

# JUVENTUS MIŻMUMA MINN TORINO


Cristiano Ronaldo (Juventus) jindirizza bir-ras il-ballun lejn il-lasti ta' Torino




Juventus u Torino fallew żewġ punti mill-aktar importanti meta, fid-Derby della Mole, spiċċaw fi draw ta' 2-2 liema riżultat ma kkuntenta lil ħadd.

B'hekk Juventus ħadu skoss qawwi fit-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu u Torino fit-tentattiv li jeħilsu mir-relegazzjoni.

Il-goals tal-Bianconeri waslu minn Federico Chiesa (13) u Cristiano Ronaldo (79) filwaqt li Antonio Sanabria (27, 46) skorja għall-Granata.

**Milan v Sampdoria** - Milan fallew żewġ punti oħra meta laqgħu lil Sampdoria u ġew miżmuma fi draw ta' 1-1. Kien Fabio Quagliarella (57) li fetaħ l-iskor għal Sampdoria iżda Jens Hauge (87) kiseb id-draw għal Milan. Sampdoria kellhom lil Adrien Silva (59) imkeċċi.

**Napoli v Crotone** - Napoli kellhom jitħabtu biex għelbu lil Crotone bl-iskor ta' 4-3. L-iskorers kienu Lorenzo Insigne (19), Victor Osimhen (22), Dries Mertens (34) u Giovanni Di Lorenzo (72) filwaqt li għal Crotone skorjaw Simy (25, 48) u Junior Messias (59).

**Genoa v Fiorentina** - Genoa u Fiorentina temmew fi draw ta' 1-1 fejn Mattia Destro (14) fetaħ l-iskor għal Genoa filwaqt li Dusan Vlahovic (23) kiseb id-draw għall-Viola li kellhom lil Franck Ribery (51) imkeċċi.

**Benevneto v Parma** - Benevento laqgħu lil Parma u spiċċaw fi draw ta' 2-2. Kamil Glik (23) u Artur Ionita (67) skorjaw għal Benevento filwaqt li Jasmin Kurtic (55) u Dennis Man (88) wieġbu għal Parma.

**Sassuolo v Roma** - Roma fallew żewġ punti importanti meta sfaw miżmuma fi draw ta' 2-2 minn Sassuolo, bil-goals jaslu minn Lorenzo Pellegrini (26 pen) u Bruno Peres (69) għal Roma filwaqt li Hamed Traore (57) u Giacomo Raspadori (85) wieġbu għat-team ospitu.

**Lazio v Spezia** - Lazio għelbu lil Spezia bl-iskor ta' 2-1, bl-iskorers ikunu Manuel Lazzari (56) u Felipe Caicedo (89) filwaqt li Daniele Verde (73) skorja għal Spezia. Lazio kellhom lil Manuel Lazzari (90) u Joaquin Correa (92) imkeċċija.

**Atalanta v Udinese** - Atalanta rebħu lil Udinese 3-2, b'goals minn Luis Muriel (19, 43) u Duvan Zapata (61) biex Roberto Pereyra (45) u Jens Stryger Larsen (71) irrispondew għal Udinese.

**Cagliari v Verona** - Verona marru għand Cagaliari u rebħulhom 2-0 bil-protagonisti jkunu Antonin Barak (54) u Kevin Lasagna (92).

### RIŻULTATI

Atalanta v Udinese ................... 3-2
Benevento v Parma ................ 2-2
Cagliari v Verona ..................... 0-2
Genoa v Fiorentina ................. 1-1
Lazio v Spezia ......................... 2-1
Milan v Sampdoria ................. 1-1
Napoli v Crotone ..................... 4-3
Sassuolo v Roma ..................... 2-2
Torino v Juventus .................... 2-2
Bologna v Inter ................... (tard)

### KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Inter | 27 | 20 | 5 | 2 | 65 | 26 | 65 |
| Milan | 29 | 18 | 6 | 5 | 54 | 34 | 60 |
| Atalanta | 29 | 17 | 7 | 5 | 68 | 36 | 58 |
| Juventus | 28 | 16 | 8 | 4 | 56 | 25 | 56 |
| Napoli | 28 | 18 | 2 | 8 | 62 | 32 | 56 |
| Lazio | 28 | 16 | 4 | 8 | 45 | 38 | 52 |
| Roma | 29 | 15 | 6 | 8 | 53 | 44 | 51 |
| Verona | 29 | 11 | 8 | 10 | 38 | 34 | 41 |
| Sassuolo | 28 | 10 | 10 | 8 | 47 | 46 | 40 |
| Sampdoria | 29 | 10 | 6 | 13 | 39 | 43 | 36 |
| Bologna | 28 | 9 | 7 | 12 | 39 | 44 | 34 |
| Udinese | 29 | 8 | 9 | 12 | 32 | 39 | 33 |
| Genoa | 29 | 7 | 11 | 11 | 31 | 41 | 32 |
| Fiorentina | 29 | 7 | 9 | 13 | 36 | 46 | 30 |
| Benevento | 29 | 7 | 9 | 13 | 30 | 54 | 30 |
| Spezia | 29 | 7 | 8 | 14 | 37 | 53 | 29 |
| Torino | 28 | 4 | 12 | 12 | 41 | 52 | 24 |
| Cagliari | 29 | 5 | 7 | 17 | 31 | 50 | 22 |
| Parma | 29 | 3 | 11 | 15 | 28 | 56 | 20 |
| Crotone | 29 | 4 | 3 | 22 | 35 | 74 | 15 |

### SERIE B

Cosenza v Ascoli ...................... 2-1
Frosinone v Reggiana .............. 0-0
Pescara v Pisa ........................... 3-1
Cremonese v Empoli.......... (posp)
Brescia v Pordenone ............... 4-1
Chievo v Spal ............................ 1-1
Vicenza v Cittadella ................ 0-2
Lecce v Salernitana ................. 2-0
Venezia v Reggina.................... 0-2
Virtus Entella v Monza ........... 1-1

### BUNDESLIGA

Augsburg v Hoffenheim ......... 2-1
Leverkusen v Schalke............. 2-1
Borussia D. v Eintracht F......... 1-2
Mainz v Arminia B.................. 1-1
Wolfsburg v Cologne............... 1-0
Leipzig v Bayern M. ............... 0-1
Borussia M. v Freiburg....... (tard)
Stuttgart v Werder B. ........ (illum)
Union B. v Hertha B.......... (illum)

## PREMIER LEAGUE INGLIŻ

# PASS IEĦOR MINN MAN C. GĦAR-REBĦ TAT-TITLU

**RIŻULTATI**

**PREMIER LEAGUE**

Chelsea v West Brom ..............2-5
Leeds v Sheffield U. ................2-1
Leicester v Man City ...............0-2
Arsenal v Liverpool ........... (tard)

**Illum**

South'pton v Burnley .... 1.00 pm
Newcastle v Tottenham . 3.05 pm
Aston Villa v Fulham ..... 5.30 pm
Man U. v Brighton .......... 8.30 pm

**Għada**

Everton v C. Palace ......... 7.00 pm
Wolves v West Ham ....... 9.15 pm
** Diretti fuq Go/Melita*

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Man City | 31 | 23 | 5 | 3 | 66 | 21 | 74 |
| Man Utd | 29 | 16 | 9 | 4 | 56 | 32 | 57 |
| Leicester | 30 | 17 | 5 | 8 | 53 | 34 | 56 |
| Chelsea | 30 | 14 | 9 | 7 | 46 | 30 | 51 |
| West Ham | 29 | 14 | 7 | 8 | 45 | 35 | 49 |
| Tottenham | 29 | 14 | 6 | 9 | 49 | 30 | 48 |
| Liverpool | 29 | 13 | 7 | 9 | 48 | 36 | 46 |
| Everton | 28 | 14 | 4 | 10 | 40 | 37 | 46 |
| Arsenal | 29 | 12 | 6 | 11 | 40 | 32 | 42 |
| Leeds | 30 | 13 | 3 | 14 | 47 | 48 | 42 |
| Aston Villa | 28 | 12 | 5 | 11 | 39 | 30 | 41 |
| C. Palace | 29 | 10 | 7 | 12 | 31 | 47 | 37 |
| Wolves | 29 | 9 | 8 | 12 | 28 | 38 | 35 |
| Southampton | 29 | 9 | 6 | 14 | 36 | 51 | 33 |
| Burnley | 29 | 8 | 9 | 12 | 22 | 37 | 33 |
| Brighton | 29 | 7 | 11 | 11 | 32 | 36 | 32 |
| Newcastle | 29 | 7 | 7 | 15 | 28 | 48 | 28 |
| Fulham | 30 | 5 | 11 | 14 | 23 | 38 | 26 |
| West Brom | 30 | 4 | 9 | 17 | 25 | 59 | 21 |
| Sheffield U. | 30 | 4 | 2 | 24 | 17 | 52 | 14 |

**CHAMPIONSHIP**

Huddersfield v Brentford .......1-1

**LEAGUE TWO**

Southend v Carlisle ................0-2

Manchester City għamlu pass ieħor lejn ir-rebħ tal-Premier League Ingliż meta, barra minn darhom, għelbu lil Leciester City bl-iskor ta' 2-0.

**Leicester v Man City** - Manchester City marru għand Leicester City u rebħulhom bl-iskor ta' 2-0 biex fetħu vantaġġ ta' 14-il punt fuq l-eqreb rivali, Manchester United ... li fir-realtá hija kważi mpossibbli biex jintlaħqu meta fadlilhom seba' partiti.

Wara taqsima ta' mingħajr goals fejn Fernandinho (Man City) u Jamie Vardy (Leicester) kellhom il-goal tagħhom imħassar, wara l-mistrieħ it-team immexxi mill-manager, Pep Guardiola, skorja darbtejn mingħajr risposta minn Benjamin Mendy (58) u Gabriel Jesus (74).

**Chelsea v West Brom** - Chelsea sfaw umiljati f'darhom bl-iskor ta' 5-2 minn West Brom biex sofrew l-ewwel telfa taħt il-manager, Thomas Tuchel, f'14-il logħba ... u d-disa' fil-kampjonat.

Il-goals tal-Baggies waslu minn Matheus Pereira (45, 45+2), Callum Robinson (63, 91) u Mbaye Diagne (68).

Christian Pulisic (27) u Mason Mount (71) skorjaw għal Chelsea li kellhom lil Thiago Silva (29) imkeċċi għal żewġ karti sofor.

**Leeds v Sheffield U.** - Leeds United għelbu lil Sheffield United bl-iskor ta' 2-1 biex dawn tal-aħħar resqu aktar lejn ir-relegazzjoni.

Il-goals ta' Leeds waslu minn Jack Harrison (12) u auto-goal ta' Phil Jagielka (49) filwaqt li Ben Osborn (45) kiseb id-draw momentarju għall-Blades.

**FOOTBALL SKOĊĊIŻ**

**Tazza Skoċċiża - III Round**

Ayr U. v Clyde..........................0-1
Brora R. v Stranraer ................1-2
Dumbarton v Aberdeen .........0-1
Dundee v St Mirren ................0-1
Dundee U. v Partick ................2-1
East Fife Morton .....................1-1
Forfar v Edinburgh C. ............2-2
Formartine vv Motherwell ....0-5
Fraserburgh v Montrose .........2-4
Hamilton v St Mirren .............0-3
Livingston v Raith ...................1-1
Ross C. v Inverness CT ..........1-3
Sten'muir v Kilmarnock ........0-4
Celtic v Falkirk ................... (tard)
Rangers v Cove R. ............(illum)
Q of S v Hibernian ..........(għada)

**Championship**

Arbroath v Alloa.......................2-1
Dunfermline v Hearts ........... 0-0



Players ta' Manchester City jiċċelebraw il-goal ta' Gabriel Jesus kontra Leicester City

## SNOOKER – CHAMPIONSHIP LEAGUE

# Wilson jirbaħ għat-tieni darba dan l-istaġun

Kyren Wilson rebaħ iċ-Championship League għat-tieni darba f'dan l-istaġun meta rkupra minn 2-0 minn taħt biex għeleb lil Mark Williams 3-2 fil-finali tal-Grupp tar-Rebbieħa.

Wilson rebaħ il-verżjoni tar-rankings ta' dan l-avveniment aktar kmieni fl-istaġun u għamel double uniku billi reġa' għolla l-fidda f'Milton Keynes, din id-darba f'format bl-invit. Huwa kiseb post fiċ-Champion of Champions aktar tard din is-sena.

Wilson anke kiser ir-rekord għall-iktar century breaks li saru f'tournament wieħed.

F'dan l-avveniment huwa għamel 23 u ssupera r-rekord preċedenti ta' 22 miksub minn Neil Robertson fl-istess tournament fl-2014.

Williams kellu bidu perfett fil-finali bi break ta' 127. Fit-tieni frame Wilson għamel 57, iżda ma kienx kapaċi jifred il-boċċi, u Williams seraq il-frame b'79.

Wilson għamel 57 ieħor li kien biżżejjed biex ħa t-tielet frame għal 2-1 u wara dan baqa' sejjer għar-rebħa u daħal fl-storja tas-snooker hekk kif għeleb ir-rekord tas-centuries bi clearance brillanti ta' 143 u wara ssiġilla r-rebħa u t-titlu bi break ieħor ta' 94.

"Huwa avveniment brillanti biex tirbaħ," qal in-numru 6 tad-dinja, Wilson, li akkumula £29,300 fi premjijiet ta' flus matul it-tournament. "Għandek l-aqwa players tad-dinja fih u huwa diffiċli li tirbaħ, allura nieħu pjaċir li nirbaħ tnejn konsekuttivi. Hija preparazzjoni meraviljuża għall-Kampjonat tad-Dinja.

Kif intrebħu l-frames fis-semi-final:

Kyren Wilson v John Higgins 3-0: 43-91, 1-75, 135-0 (135), 142-0 (142), 81-39 (66).

Mark Williams v Graeme Dott 3-0: 119-15 (114), 96-12 (62), 72-34 (53).

Il-frames kollha tal-finali:

Wilson v Williams 3-2: 0-137 (127), 57-79 (Wilson 57, Williams 79), 79-30 (57), 143-0 (143), 94-33 (94).



Kyren Wilson bit-trofew wara r-rebħa

# "XORTA JAGĦMEL SENS NGĦIDU L-GĦID IT-TAJJEB LIL XULXIN"

## – l-Isqof t'Għawdex, Mons Anton Teuma

"Xorta jagħmel sens ngħidu l-Għid it-Tajjeb lil xulxin." Hekk iddikjara l-Isqof t'Għawdex Mons Anton Teuma fil-messaġġ tiegħu għall-tiegħu għall-Għid il-Kbir. Hu saħaq li l-aħbar tal-Għid il-Kbir, li Ġesù qam mill-imwiet, tant hi sabiħa, li għalhekk irridu ngħidu l-Għid it-tajjeb lil xulxin, anke jekk qed niċċelebraw il-festa b'mod differenti. "Għax propju fit-tbatija, il-mard, il-mewt, Ġesù jbiddel dan kollu f'sinjal ta' qawmien u salvazzjoni, u juri lilu nnifsu bħala l-imqajjem, ir-rebbieħ, l-irxuxtat. Hu, l-imgħallem, l-ewwel li rebaħ fuq il-mewt", saħaq Mons Teuma.

Fil-messaġġ tiegħu hu qal li din is-sena l-Mulej qed jistedinna niċċelebraw l-Għid il-Kbir mod ieħor, mhux bil-festi u bil-laqgħat soċjali tas-soltu, imma fl-interjorità, f'qalbna.

Spjega kif il-bnedmin kemm-il darba jħossuhom bħal dawk il-persuni li kienu taħt is-salib meta ssallab Ġesù u bdew jgħidulu jinżel jekk hu verament iben Alla, jew bħal Pietru li m'emminx li Ġesù kellu jgħaddi minn din it-tbatija kollha. "Kemm-il darba sibnieha diffiċli naċċettaw it-tbatija bħala parti minn ħajjitna," qal l-Isqof filwaqt li staqsa x'sens fiha tgħid l-Għid it-tajjeb meta qed ngħixu żmien ta' insigurezza, meta qed niċċelebraw fil-magħluq, b'mod ristrett, mhux bħalma konna nagħmlu ta' kull sena.

Qal ukoll li filwaqt li Pietru u ta' taħt is-salib stennew li Ġesù jeħles mit-tbatija, Ġesù jurina li mhux dan hu l-mod kif naffaċċjaw u ngħixu t-tbatija. Hu mhux jeħlisna mit-tbatija, imma jeħlisna fit-tbatija; mhux jeħlisna mill-mewt imma jeħlisna fil-mewt." B'hekk, is-sinjali tal-mewt isiru sinjali ta' ħajja.



## 62 każ ġdid ta' Covid-19 u fiequ 114 persuna oħra



Fl-aħħar aġġornament mid-Dipartiment tas-Saħħa, il-każi ta' Covid-19 f'pajjiżna komplew ikunu relattivament baxxi. Minn 2,289 swab tests instabu 62 każ ġdid ta' Covid-19.

Fl-aħħar 24 siegħa kienu wkoll iċċertifikati mfejqa 114 persuna mill-virus. Il-vittmi kaġun tal-imxija issa telgħu għal 397, wara li lbieraħ mietu żewġt irġiel ta' ta' 62 u 65 sena.

In-numru ta' tilqim f'pajjiżna kompla jiżdied b'rata mgħaġġla b'total ta' 209,065 titqiba fejn 57,123 minn dawn ħadu tieni doża.

## Il-Gvern ikompli jikkonsulta mal-Kummissjoni Venezja

Il-Kummissjoni Venezja ntalbet parir mill-Gvern Malti dwar emenda leġiżlattiva li hemm bżonn biex jibqa' jissaħħah id-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, b'mod li jikkumplimenta wkoll l-istes dritt kif imħares taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fil-fatt kien il-Gvern stess li ħabbar dan fi stqarrija. Hu fakkar li fl-aħħar xhur ressaq żewġ proposti quddiem il-Parlament, l-abbozz tal-liġi li jemenda l-Kostituzzjoni u abbozz li jemenda l-Att ta' Interpretazzjoni.

Il-Gvern enfasizza li dan seħħ biex jissaħħu l-awtoritajiet supervisorji u l-garanzija li dawn jipprovdu dritt ta' smigħ xieraq.

Dawn huma wkoll uħud minn bidliet li qed isiru mill-amministrazzjoni tal-Prim Minsitru Robert Abela biex jissaħħu l-governanza u s-saltna tad-dritt.

L-istqarrija qalet li innotat wkoll kif l-Oppożizzjoni ħarġet qatta bla ħabel kontra ż-żewg abbozzi ta' liġi, u jemmen li jekk jiġri dak li qed tagħti x'tifhem li trid l-Oppożizzjoni, tkun imxekkla l-effettività talawtoritajiet regolatorji ta' pajjiżna.

Il-Gvern iddikjara li jilqa' b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni Venezja fehmet l-importanza ta' din ir-riforma u laqgħet l-istedina tal-Gvern biex tipprovdi opinjoni dwar is-suġġett. Il-Gvern appella lill-Oppożizzjoni biex turi l-istess sens ta' rieda ġenwina għal soluzzjoni bil-għan li l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet supervisorji ta' pajjiżna jkomplu jissaħħu.

U*BET
MATCH PROGRAMME 1665
SUNDAY 04/04/21




Maltco LOTTERIES
mga licensed, operating under licence no. LGA/NL/02
PLAY RESPONSIBLY | 18+ www.rgf.org.mt